id-drammi ta'

ORESTE CALLEJA

PUBBLIKAZZJONI
WWW.ORESTECALLEJA.COM

il-Belliegħa fil-Bir

IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

ORESTE CALLEJA

IL-BELLIEGHA FIL-BIR

PUBBLIKAZZJONI
www.orestecalleja.com

IL-BELLIEGĦA FIL-BIR
2016 © Oreste Calleja
ISBN 978 99957 884 83
It-Tieni Edizzjoni

Edizzjonijiet diġitali
EPUB, MOBI, PDF, AMAZON KINDLE, IBOOKS
huma disponibbli mis-sit tal-internet tal-awtur.
ISBN 978 99957 896 02

PUBBLIKAZZJONI
www.orestecalleja.com

webmaster@orestecalleja.com

http://teatrumalti.blogspot.com.mt

L-issettjar, il-produzzjoni tal-ktieb
u d-d-disinn tal-qoxra huma tal-awtur

Id-drittijieti kollha miżmuma mill-awtur.

Permess bil-quddiem biex dan id-drammi jinħadem jew jittella' għall-palk, għat-televiżjoni jew għar-radju, jew f'għamliet oħra ta' xandir jew ta' distribuzzjoni għandu jinkiseb mingħand l-awtur.

Għal
KIRSTEN
u
KARLA

IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

Dan ngħidilkom jien, ħuti: iż-żmien qasir.
Ħa jkun mela dawk li għandhom mara,
bħallikieku m'għandhomx;
dawk li jibku, bħallikieku ma jibkux;
dawk li jifirħu, bħallikieku ma jifirħux;
dawk li jixtru bħalikieku m'għandhom xejn;
dawk li jgawdu d-dinja, bħallikieku ma jgawduhiex:
għax is-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi.
I Kor. 7: 29-31

PERSUNAĠĠI

ALISTAIR
żagħżugħ ta' xi 25 sena

MICHAEL
ħuh - ta' mparu

IX-XIĦ
missierhom, oriġini raħlin

RIENI
tfajla, riesqa lejn it-tletin

ŻEWĠT IRĠIEL
(jaħdmu l-parti tal-Bodyguards, Wejters u Cameramen)

IL-POST:

Dar f'raħal xi mkien f'Malta.

Villa - razzett restawrat stil ultra modem: ċeramika, irħam, bibien tal-panew, xambrelli mal-arkati, brazzi u dwal mill-iflen, twapet, eċċ. Hemm ukoll għelm mill-imgħoddi: rota kbira ta' karettun miżbugħa lewn denb il-baqra, kif ukoll moħriet nadif u jleqq qisu ġdid, it-tnejn imdendlin għall-wiri mal-ħitan. Xi ġarar tal-fuħħar u għadd ta' pjanti jżejnu l-irkejjen, pjanti kbar imma tal-plastik.

Fuq ix-xellug, titla' għaliha permezz ta' żewġ tarġiet, hemm kċina tal-kawba b'tieqa fuq barra, armarji forma ta' L fir-rokna, fuglar tal-granit b'sink taċ-ċeramika u forn. Sett ieħor ta' armarji fl-art jaqsam din il-parti tax-xena mill-pubbliku u jservi wkoll ta' bank b'banketti għoljin miegħu.

Qrib tal-kċina, mejda żgħira tal-ikel imdawra b'siġġijiet.

Daħla taħt arkata kbira li tintuża bħala salott żgħir: sett għamara tal-qasab abjad, xi żewġ siġġijiet, mejda baxxa u sufan, tavolina b'telefown u lampa fuqha - ħdejhom vidjowikorder taħt televixin. Ħdejn it-televixin, vetrina bil-kotba, aktar għal parenza milli biex jinqraw.

Fil-fond, bieb jagħti għal bitħa żgħira - fuq il-lemin taraġ nieżel għal kantina.

Arkata oħra fuq ix-xellug tagħti għal kurutur li jwassal għall-bieb ta' barra, lil hinn minnha taraġ u l-bqija tad-dar.

IŻ-ŻMIEN*:*

Illum.

L-EWWEL ATT

Ħa jkun mela dawk li għandhom mara, bħallikieku m'għandhomx dawk li jibku, bħallikieku ma jibkux.

1 XENA

Lejl sajfi, tard filgħaxija. Ukoll qabel jinfetaħ is-siparju jinstemaʼ t-tiċjiq amoruż tal-iwrieżaq u kultant xi kelb jinbaħ. U ħoss ieħor stramb, fl-isfond - il-ħoss indiżtingwibbli, erratiku, tal-friġġ iżżarżar u ċċaqċaq, ħoss kultant għoli, kultant mitfi.

Xena mudlama, bozza baxxa mixgħula fil-kurutur tal-intrata, u xi ftit dawl dieħel minn barra li jirrifletti minn ġot-twieqi.

Sfond mużikali: kanzunetta ġejja minn fuq ir-radju - "Irene Goodnight", arranġament modern, seduttiv - leħen RIENI *minn fuq ir-radju.*

ALISTAIR *jinsab bilqiegħda fuq is-sufan, imkebbeb ġo xalla kbira u kkulurita, bʼsaqajh imgeddsa taħtu u rasu mgħaddsa - ma jitħarrikx. Riesaq lejn it-tletin sena, irqajjaq, xagħru iswed tuta, innukklat u qasir. Ħdejn saqajh, radju pjuttost goff u bi spikers kbar. Flixkun birra fʼħogru, nofsu vojt.*

RIENI: *(O.S. - ir-radju)* ...Mużika għal matul il-lejl - għalikom ilkoll li l-irqad mhux faċli. Għalikom ilkoll li teħtieġu l-wens. Intom li intom weħedkom, tistennew biss is-satra tal-lejl - il-lejl li forsi jnessi. Intom li ppersegwitati mill-mostri tal-imgħoddi - intom li tibżgħu mill-baħħ jew l-uġigħ taʼ għada.

Intom li beżżgħukom bil-babaw - li għadkom tibżgħu mill-belliegħa fil-bir taʼ nannitkom. Intom - intom li qatt ma sibtu lejl wieħed taʼ faraġ, taʼ sliem u serħan maʼ ruħ tewmija li taf twennes u tħobb - għalikom inkun hawn jien.

Għalikom dal-programm tiegħi - Irene - il-ħabiba taʼ ħadd għax taʼ kulħadd - Irene li taf tħobb lil kulħadd għax l-imħabba għal persuna waħda hi xħiħa wisq. Jew għax forsi bħalkom għadha tfittex l-imħabba vera - forsi xi mħabba li ntilfet għal dejjem... Għalikom hawn jien għal matul il-lejl twil twil...

U jekk tkun tixtieq iċċempel lil Irene, jien nerġaʼ nistenniek - nergaʼ nkun magħkom hawn, imxaħxħa fuq il-pultruna

tiegħi, il-mikrofonu bejn idejja nistenna l-wens tat-tmellis tal-vuċi tagħkom - nistennieh daqskemm intom tistennew tiegħi.

Tkellmu miegħi, tibżgħux. Jien qiegħda hawn għalikom. Irene - leħen mill-imgħoddi - jew leħen li tista' tiltaqa' miegħu għada - qiegħda hawn. U nkun hawn magħkom għada wkoll - tul il-ġimgħa kollha - sa ma naslu fi tmiem il-vjaġġ tagħna u nħallikom weħedkom għal ftit, il-Ħdud u s-Sibtijiet - weħedkom.

Jew forsi jalla mhux weħedkom. Forsi dik ix-xi ħadd li lkoll tistennew - dak ix-xi ħadd li lkoll tfittxu, issibuh dal-weekend. Goodnight, maħbubin tiegħi - Goodnight, sa lejl twil ieħor flimkien - sa forsi meta ma jkollkomx bżonni aktar. Goodnight.

Tispiċċa "Goodnight Irene" u ftit sekondi wara jibdew l-ewwel noti tal-Innu Malti.

ALISTAIR *iħarrek kemm kemm idu u jitfi r-radju. Imma jibqa' fejn hu. Pawsa.*

Fis-sikta: il-ħoss erratiku tal-friġġ iżarżar, iċaqċaq fil-ħemda.

Il-bieb ta' barra jinfetaħ u jidħol MICHAEL *inkiss inkiss.*

Xorob u mhu xejn sod fuq saqajh. Jipprova jagħlaq il-bieb warajh bil-mod u bla storbju.

Imur dritt lejn il-kċina biex jiftaħ il-friġġ.

ALISTAIR *jerġa' jitħarrek fuq il-pultruna u* MICHAEL *jisimgħu.*

MICHAEL: *(jieqaf - iħares madwaru - ma jafx x'sema')* Ma?

Ebda tweġiba.

MICHAEL *jiftaħ il-friġġ.*

Id-dawl tagħha jtaffi xi ftit id-dalma tal-kamra. MICHAEL *iqalleb sakemm sa fl-aħħar isib birra. Idur u jiftaħ kexxun biex ifittex l-'opener'.*

Il-kexxun jeħel u MICHAEL *jagħtih ġibda sew, hekk li jinfetaħ*

f'daqqa u MICHAEL *jispiċċa fl-art bil-kexxun b'kollox.*

MICHAEL: Ħaqq il-qaħbeċ!...

Jieqaf. Jissemma'.

Meta jidhirlu li ħadd ma semgħu, iqum u jkompli jfittex.

ALISTAIR *jiċċaqlaq kemm kemm u jixgħel il-lampa tat-tavolina ħdejh.*

MICHAEL: Xi x-xjafek!... Alistair! *(aktar bil-mod)* Xi l-imniegħel qed tagħmel hemm?

ALISTAIR: Nistenna lilek - naturalment.

MICHAEL: *(isikktu)* Xxx! M'għandix aptit xenati llejla.

ALISTAIR: Tibżax. M'hawn ħadd.

MICHAEL: Ħadd? *(iqum)* Xiex? Kif ħadd? Tgħidlix li ħarġet dal-ħin.

ALISTAIR: Le. Mhux ħarġet - ħarġu. Telqu. Vamoos!

MICHAEL: *(sab l-'opener' - jiftaħ il-flixkun)* Telqu? X'int tgħid? X'jiġifieri telqu? Pawlinu u x-Xiħa? It-tnejn?

ALISTAIR: It-tnejn.

MICHAEL: Ix-Xiħa wkoll?

ALISTAIR: Qed ngħidlek. Telqu. U ma li naħsibx ġejjin lura.

MICHAEL: *(jixrob - dlonk jobżoq li xorob)* Shandy! Iva allura qas birra sura ta' nies ma ħallejt?

ALISTAIR: Għalija xtrajtha - mhux għalik. Smajt x'għidtlek? Telqu. M'hawn ħadd aktar.

MICHAEL: Telqu fejn? Kif?

ALISTAIR: Ma nafx.

MICHAEL: X'jiġifieri ma tafx?

ALISTAIR: Qed ngħidlek! Dħalt ilbieraħ fil-ħdax u nofs, xi dal-ħin, u sibt din...

Jinħall mix-xall - jaqgħu fl-art xi fliexken vojta tal-birra.

Iqalleb fi ħwejġu sa ma fl-aħħar joħroġ biċċa karta mgħaffġa minn ħżiemu.

ALISTAIR: Kienet fil-friġġ, fuq il-birra. Aqra. Kienet taf li hemm l-ewwel ma mmorru malli nidħlu.

MICHAEL: *(jersaq - jagħti bis-sieq lill-fliexken vojta fl-art}* Ma żammejtx lura int lanqas.

ALISTAIR: *(itih il-karta*) Ħallejtlek waħda le? Kont naf li jkollok bżonnha.

MICHAEL: *(iressaq il-karta lejn id-dawl)* Għaliex?... Hawn ma nistax naqra saħta! Tiżliġ biss!

ALISTAIR: Il-birra. Daqsek kont f'sikkti meta dħalt.

MICHAEL: Ma nista' naqra xejn!

Imur jixgħel id-dawl tan-nofs tal-kamra.

MICHAEL: *(jipprova jaqra)* "Lil Alistair u..."

ALISTAIR: "...u Michael." Jista' jonqos.

Jersaq ħdejh biex jgħinu jaqraha.

MICHAEL: "Lil Alistair u Michael. Meta tidħlu dal-lejl, jew... *(ma jistax jaqra)* ...forsi għada, meta jogħġobkom tidħlu..."

ALISTAIR: "...għada filgħodu, m'intomx sejrin issibuni..."

MICHAEL: Issibuna! "...issibuna aktar hawn." Xi x-xjafek! Hawn ħlief tiżliġ m'hawnx! Imma int qrajtha sew ilbieraħ jew le, għidli? Taf x'kien fiha?

ALISTAIR: Qrajtha kieku. Kont imlaħlaħ, għidtlek...

MICHAEL *(ixammem)* Eh - u x'kont qed tpejjep?...

ALISTAIR: Xejn.

MICHAEL: Xi ħadd kien qed ipejjep... Iva qas biss tiftakar xi qrajt tal-anqas?

ALISTAIR: *(jgħolli spallejh)* Qalu li telqu, jew xi ħaġa hekk - telqu u se jħallu kollox f'idejna.

MICHAEL: X'jiġifieri - kollox f'idejna?

ALISTAIR: Ma nafx. Però, telqu għal kollox ikolli ngħid. Ħadu l-vann - bil-fided u l-ħwejjeġ b'kollox. Il-brifkejs ta' Pawlinu u t-tajprajter ukoll. U l-basket l-iswed, il-kbir, tagħha mhux hawn lanqas.

MICHAEL: Ukoll. Fittixt sew milli jidher. U x'ħadu iżjed?

Jieqaf. Tiġih idea.

Jersaq lejn il-kċina u jiftaħ kabord imdendel fil-għoli.

Jieħu u jiftaħ vażett vojt tal-kafè. Ma jsib xejn.

ALISTAIR: Hemm l-ewwel li fittixt jien ukoll. Ħadu kull sold li kien hemm.

MICHAEL *jiġbed waħda u jdur lejn kexxun fil-kabords t'isfel, imma bilkemm jilħaq jiftħu...*

ALISTAIR: ...Xejn hemm lanqas. Ibqa' fuq kliemi!

MICHAEL: (*bla ma jdur ikompli jiftħu aktar bil-mod; suspettuż)* Int... fittixt sew imma?

ALISTAIR: Sew ingħid! Iva fittixt, u l-envelop t'hemm wara vojt ukoll.

MICHAEL *jiġbed il-kexxun kollu 'l barra u jdawru.*

Imwaħħal bit-tejp mal-ġenb ta' wara hemm envelop imdaqqas, qadim u musfar: vojt ukoll.

MICHAEL: Mela kont taf bih?

ALISTAIR: Kont naf. Terfa' l-flus għall-kontijiet fih kienet.

MICHAEL: U trid tgħid li ma sibt xejn hawn int lanqas?

ALISTAIR: X'sibt int l-aħħar li fittixt?

MICHAEL: Xejn! Xi tridni nsib?

ALISTAIR: Jien sibt xi ħaġa kieku.

MICHAEL: *(iċarrat l-envelop)* Kemm?

ALISTAIR: Għoxrin lira. Kont imma, tat-telefown - l-aħħar wieħed

li ħalfet li mhux se tħallas. *(joħroġ gozz kontijiet mill-but u jpoġġihomlu fil-kexxun vojt f'idu)* U xi tliet kontijiet oħra. Mija u xi tletin lira b'kollox. All yours!

MICHAEL: Kontijiet! *(jiġbed waħda u jitlaq kollox fl-art)*

ALISTAIR : Xorta jridu jitħallsu.

MICHAEL: *(jagħti bis-sieq lis-siġġijiet u jiġbed kemm jiflaħ)* Imma dawn Alla ġenninhom, jew? Xi l-imniegħel qed itihom? Għandi rasi se tinqasam - dan kien jonqosni!

ALISTAIR: Itla' ħu nagħsa. Filgħodu mbagħad naraw. Issa m'hemmx x'tagħmel.

MICHAEL: Imma għaliex? X'ħasbet li se tirbaħ b'hekk? X'ħasbet, għid? U fejn marru? *(idur ifittex l-ittra u jerġa' jipprova jaqraha)* Xi x-xjafek ta' ras ommhom kitbu hemm?

ALISTAIR: *(jitfi d-dawl fuq it-tavolina)* Jien tiela' norqod.

MICHAEL: Allura dawn ilhom mill-bieraħ li telqu? U ħadd ma resaq 'l hawn illum? Ċempel xi ħadd?

ALISTAIR: Bla telefown?... Insejt? *(jersaq lejn l-indana ta' ġewwa)* Ġie tal-posta. Ġablek kont ieħor - tad-dawl...

MICHAEL: *(jiġbed waħda)*

ALISTAIR: Jien tiela'. Naraw għada issa.

MICHAEL: U xi trid naraw? Wara kollox, bihom u mingħajrhom... X'għalażobbi jien! Imorru! Għamlu sew telqu! Tal-anqas ma jkollniex infittxu aktar aħna fejn se mmorru noqogħdu. Daqshekk theddid! Daqshekk kisruli sormi! Hawn komdu, wara kollox. Komdu biżżejjed għalija. M'għandix bżonnhom jien.

ALISTAIR: *(jitfi d-dawl tan-nofs)* Itfi d-dawl qabel titla'. U agħlaq dik il-friġġ...

MICHAEL: *(aggressiv)* U mur ħudu! X'għamiltilha biex telqet hi, issa, eh? Taf tgħidli?...

ALISTAIR: ...Tinsiex id-dawl. Xi ħadd xorta jrid iħallashom dawk il-kontijiet.

MICHAEL *ifajjar daqqa bil-flixkun tal-birra u jkisser bozza f'wieħed mill-brazzi mal-ħajt.*

MICHAEL: Tfejtha! Kuntent issa?

Dlam, għajr id-dawl tal-friġġ għadha miftuħa.

ALISTAIR: ...U agħlaq il-friġġ jekk trid tiekol għada.

Joħroġ.

Pawsa.

Sa fl-aħħar MICHAEL *jiċċaqlaq, jersaq lejn il-friġġ u jagħlaq il-bieba b'tisbita.*

Għal xi waqtiet jibqa' wieqaf quddiemha bla ma jitħarrek fil-kważi dalma sħiħa li waqgħet.

Il-ħoss erratiku tal-friġġ iżżarżar, iċċaqċaq fil-ħemda.

MICHAEL *jerġa' jiftaħ il-friġġ aktar bil-mod.*

Jerġa' d-dawl.

Jinżel għarkupptejh quddiemha. Jittawwal ġewwa għal xi waqtiet.

MICHAEL *iteftef fost il-ftit affarijiet li hemm ġo fiha, sakemm jilmaħ flixkun ilma zahar fuq wara. Jaħtfu, jifthu u jixorbu f'belgħa waħda.*

Imbagħad bil-mod il-mod jagħlaq il-bieba.

Terġa' d-dalma fil-kamra.

MICHAEL: *(għarkupptejh quddiem il-friġġ, mistrieħ magħha)* Dan il-baħħ kollu, Ma... Dan il-vojt kollu issa... Kif se jiblagħni - kif se jiblagħna, Ma. (*bil-mod il-mod jibda jirtema mal-friġġ)* Imma tibżax, issa tara; jien mhux Alistair - jien ma nibżax mill-belliegħa, Ma. Jiena le, ma nibżax...

MICHAEL *jgħaddas rasu fuq sidru u ma jiċċaqlaqx.*

Iż-żarżir tal-friġġ fl-isfond. Sbruffatura qawwija tal-aħħar. Skiet.

2 XENA

Tard filgħodu. L-istess xena.

Kollox jidher aktar imqalleb u mħarbat minn qabel: ix-xalla ta' ALISTAIR *u xi gazzetta fl-art, il-kexxun tal-kċina wkoll, fliexken vojta tal-birra ma' kullimkien, platti maħmuġin fis-sink.*

Ħdejn il-kċina, żewġ boroż tal-plastik biż-żibel, lesti biex jinħarġu barra.

ALISTAIR *jinsab bilwieqfa ħdejn it-telefown, telefown iswed stil antik.*

ALISTAIR: ...Iva, Miss, imma ma nistax inċempel barra. Għamilt lejl sħiħ nipprova naqbad... — Naf... Naf; kellkom tirranġawh ilbieraħ... — U meta jċemplu hawn il-qanpiena bilkemm tinstema' jekk ma nkunx fil-kamra! — OK, erġa' pprova. Ħa nistenniek. — OK, grazzi.

Iniżżel it-telefown, imfantas aktar minn qabel.

Jidħol MICHAEL.

Qed jilbes biex joħroġ u f'idejh għandu qmis li għadu kif għadda.

MICHAEL: Xawwattha waħda nobis. X'taħseb? Tidher?

ALISTAIR: Iva. U kieku stess li kont minnek nilbes iċ-ċelesti; aktar tmur ma' dawk iċ-chinos.

MICHAEL: Grazzi, Christian Dior. Ikolli bżonn parir professjonali nitlobhulek.

ALISTAIR: Erġajt ma ħriġtux iż-żibel! Se jnitten id-dar kollha s'għada issa! *(joħroġ 'notebook' mill-but)* U għandek ittini ħmistax-il lira, tinsiex. Tat-telefown u issa tal-laħam. *(jikteb fuq in-'notebook' u jpoġġih lura fil-but).*

MICHAEL: *(jilbes il-qmis)* X'laħam? Jien ma qabbadtekx tixtri laħam.

ALISTAIR: Mela ma missekx kiltu!

MICHAEL: Fejn kont naf li għalik kien?...

ALISTAIR: *(imur jittawwal fil-friġġ)* Jekk ma xtrajtux int bilfors li tiegħi kien. U jekk ma ridtx ikel, ma missekx kilt!

MICHAEL: Jekk ma ridtnix niekol ma missekx xtrajt.

ALISTAIR: Rajtu mmarinat. Kont taf li tiegħi! Xi tridni nagħmel minn issa 'l quddiem, nagħmel katnazz fuq il-friġġ ukoll! *(jagħlaq il-friġġ)*

MICHAEL Agħmel int. Basta fuq in-nofs tiegħek biss! Fifty-fifty, tinsiex, Pajx!

MICHAEL *imur lejn it -telefown u jibda jdawwar numru waqt li* ALISTAIR *jerġa' jiftaħ il-friġġ u jħares imdejjaq ġewwa.*

Idur hekk kif jisma' lil MICHAEL *idawwar in-numri.*

ALISTAIR Ħallih, Michael! Qed nistenniehom jerġgħu iċemplu!...

MICHAEL Iċemplu wara! *(jinduna li t-telefown mhux jaħdem)* Dawn xi l-imnieġhel qed jagħmlu! Għadu ma jaħdimx? Mela m'għedtx li ħallastu?

ALISTAIR: Le. *(jigdeb)* Ma ħallastux. Għaliex, kieku stess se tagħtihomli int l-għaxar liri forsi?

MICHAEL: Ħallastu jew ma ħallastux?

ALISTAIR: Meta tħallas tal-laħam ngħidlek!

MICHAEL *jaħtaf ir-riċevitur donnu jrid igarahulu hekk li l-wajer iġebbed l-apparat ta' fuq il-mejda li jispiċċa fl-art.*

ALISTAIR: Prosit, issa rranġajtu; huwa kien tajjeb!... Għoxrin lira l-baħar!

MICHAEL *jitlaq it-telefown u jagħmel biex joħroġ.* ALISTAIR *imur ipoġġi l-apparat f'postu.*

MICHAEL: Se mmur is-Supermarket. Inċempel minn hemm. Għandek xi ħaġa żgħar?

ALISTAIR: Għandi. Imma għalija!

MICHAEL: Għandek ten cents? *(hekk kif* ALISTAIR *ikun se jagħtih*

daharhu, jaħtfu bil-herra minn spalltu) U ejja, dal-qaħba ten cents!

ALISTAIR: Ħa, imma tal-aħħar. Tal-aħħar, Michael!

Pront joħroġ in-notebook biex iniżżel it-10 cents.

MICHAEL *ixengel rasu eżasperat, joħroġ.*

Iżda bilkemm jilħaq joħroġ li ma tinstemax il-qanpiena tat-telefown: ħoss dgħajjef li jinħanaq minnufih.

ALISTAIR *jibda riesaq biex jerfa' r-riċevitur; jieqaf hekk kif* MICHAEL *jerġa' jittawwal mill-bieb.*

MICHAEL: Dak it-telefown?

ALISTAIR: *(b'inkejja)* X'telefown? Jaqaw? Tgħidlix ħallasthom int l-għoxrin lira diġà, hux?

MICHAEL: U mur ħudu!... *(jonfoħ u jerġa' joħroġ)*

ALISTAIR *jistenna sekonda u jmur jerfa' t-telefown.*

ALISTAIR: Hello - Hello... Hello! Iva! - Għadna l-istess, Miss. - Iva, imma mhux iċempel. - Le... - ...Iii ara l-oħra! Naf li ċempilt għax iċempel qisu ġurdien qed ipixxi! Ġa għedtlek l-ewwel! - Orrajt!... - Imma issa ara li jiġu, ta! Hawn m'hawn ħadd matul il-ġurnata. Ma nistax noqgħod nieħu l-liv kull darba... - Le, m'għandix il-mara min joqgħodli hawn, ħanini! Hawn m'hawnx nisa niżżu ħajr 'l Alla... - Xiex? Eh... - Iva, f'isimha kien, naf... - Le mhix il-mara dik. Min kienet mietet, la trid taf... - Le, mhux għalhekk mhux jitħallas il-kont! Ma tridx taf xi ħaġa oħra, u? Int ara biss li jiġu għada, OK? — OK, have a nice day int ukoll!

Jirreżisti t-tentazzjoni li jsabbat it-telefown - iqiegħdu lura f'postu.

Imur lura lejn il-kċina u jpoġġi biċċa ħobż fit-towster. Imbagħad jaqbad il-kitla tal-elettriku, u wara li jiżgura ruħu li fiha ilma, jixgħel is-swiċċ. Imma dlonk jerġa' jibdielu. Jitfiha, jiskonnettjaha u jarmi l-ilma kollu fis-sink. Minn ġo kabord joħroġ flixkun ilma u jerġa' jimlieha. Sa fl-aħħar sodisfatt,

jixgħel il-kitla u jlesti teabag f'kikkra. Sakemm jistenna l-ilma jagħli, jaqbad borża tal-plastik biż-żibel u joħroġ biha fil-bitħa.

Mill-bieb ta' barra jidħol IX-XIĦ*; għandu xi sittin sena, jagħmel sforz biex jidher pulit, imma l-għeruq raħlin tiegħu qatt ma jista' jaħbihom. Liebes ħwejjeġ aktarx ġodda, imma bi ġlekk u qalziet li ma jmorrux flimkien u li jiġuh xi ftit kbar. Iż-żarbun huwa ġdid, nadif u jleqq, imma liebes ukoll beritta aktarx qadima mdeffsa sew ġo rasu. Ġej minn xirja ġmielha u f'idejh għandu ġewlaq mimli u xi erba' boroż tal-plastik bl-ikel.*

Jieqaf għal bosta waqtiet iħares madwar il-kamra, josservaha sewwa. Ilu snin ma jara l-post imma xejn mhu kuntent b'li qed jara. Imur ipoġġi kollox fuq il-bank tal-kċina. Jerġa' jħares madwaru. Kemm kemm imiss il-bank tal-kċina. Ixengel rasu. Jgħaddi jdejh b'aktar għożża mal-ħajt għeri.

Sa fl-aħħar idur għall-affarijiet li ġab miegħu. Joħroġ flixkun ħalib u jpoġġih fil-friġġ, imbagħad il-pakketti u l-qratas u jpoġġihom fil-bieba ta' fuq tal-friżer. Ikompli jistiva kollox isfel fil-friġġ.

Mill-bitħa ALISTAIR *induna li daħal xi ħadd. Jidħol u għajnejh jaqgħu fuq il-ġewlaq f'nofs il-mejda. Jieqaf – għadu ma jistax jara min hemm wara l-bieba tal-friġġ.*

ALISTAIR: *(kważi b'ferħa)* Ma?

IX-XIĦ *jagħlaq il-bieba tal-friġġ u jqum bilwieqfa.* ALISTAIR *jibqa' ssummat.*

Pawsa.

IX-XIĦ: Alistair?…

ALISTAIR: *(sekonda, tnejn…)* Hello.

IX-XIĦ *jersaq bil-mod lejn il-mejda u forsi jistennieh jgħid xi ħaġa aktar, iżda* ALISTAIR *ikompli dieħel, jgħaddi bla kliem minn quddiemu u jmur jiġbor il-fliexken tal-birra mill-art.*

IX-XIĦ *iħares lejh għal ftit, imbagħad jieħu l-bqija tax-xirja lejn il-friġġ. Jinżel għarkupptejh u jkompli jbattal il-boroż.*

It-tnejn fuq xogħolhom – irid jgħaddi ftit taż-żmien sakemm jiddeċiedu kif se jsibu d-diskors.

IX-XIĦ *joħroġ l-aħħar ħaġa mix-xirja – flixkun inbid bla tikketta – u jkun se jpoġġih fil-friġġ ukoll.*

ALISTAIR: Tagħmlux hemm dak. Michael sar jixrob aktar minnek.

IX-XIĦ: Dan ma jagħmillux ħażin. Mhux kimika u kulur waħdu dan. Għasartu jien. *(Ebda tweġiba)* Fejn trid tqiegħdu mela?

ALISTAIR *jersaq, jieħdu u jmur ipoġġih wara xi kotba fil-vetrina.*

ALISTAIR: Dak ktieb ma jafx x'inhu, hekk jew hekk. X'int tagħmel hawn?

IX-XIĦ: *(isib siġġu u jpoġġi mal-mejda)* Stajt tgħid "Bonġu, Pa."

ALISTAIR: Stajt.

Pawsa.

IX-XIĦ: Kieku ridt. …Wara tmien snin.

ALISTAIR: Bonġu. *(pawsa)* X'ġejt tagħmel hawn?

IX-XIĦ: Tridni mmur?

ALISTAIR: *(jgħolli spallejh)* Agħmel int.

IX-XIĦ: Stajt għedt "Grazzi tal-ikel, annimal", kellkom friġġ battala.

ALISTAIR: Ħadd qatt ma miet bil-ġuħ.

IX-XIĦ: Lanqas l-Amerka?

ALISTAIR: Lanqas l-Amerka. Int għadek temmen li kollox ħażin l-Amerka, kif jgħidu l-ġurnali tagħkom?

IX-XIĦ: Għaliex, x'ġid għamlitlek lilek?

ALISTAIR: Għalhekk ġejt? Biex tara x'għamlitli l-Amerka? Ma kontx l-ajruport sitt xhur ilu imma. Apparti l-fatt li jien il-Kanada kont.

IX-XIĦ: Ilek daqshekk?

ALISTAIR: Xiex?

IX-XIĦ: Ilek sitt xhur hawn?

ALISTAIR: Tgħidlix ma kontx taf.

IX-XIĦ: Ma kontx. Sirt naf ilbieraħ.

ALISTAIR: Kif, ħadd ma qallek? Ma sibtx xi ħadd jerfagħli salibi? *(pawsa qasira)* Lanqas il-Ma?

IX-XIĦ: Qaltli lbieraħ…

ALISTAIR: Hemm int!

IX-XIĦ: L-ewwel ċempila wara kważi ħmistax-il sena!

ALISTAIR: Ah! *(jaħbi l-importanza)* U x'qaltlek sabiħ?

IX-XIĦ: Mhux wisq. U xejn sabiħ.

ALISTAIR: X'qaltlek mela?

IX-XIĦ: Li telqet. Li mhix ġejja lura. Qaltli "Jekk tridhom, ħudhom. Kellek raġun int," qaltli "Dawk mhux uliedi aktar." (*pawsa qasira)* X'inhu jiġri hawn, Alistair?

Iċempel it-telefown, l-istess ċempila dgħajfa bħal qabel.

ALISTAIR: I don't beleive it! *(ixengel rasu u dlonk jgħaġġel jerfa' r-riċevitur)*

ALISTAIR: Hello! *(pawsa qasira – ebda tweġiba)* Hello?… *(iwarrab ir-riċevitur minn ma' widnejh – xi ħoss tarraxhomlu sew*) Ja poxt! Michael, Michael, jekk naqbdek taħt idejja!… Naf li int, ja beżqa! Idħaq! Issa nurik, baħnan!… *(tinqata' l-linja -* ALISTAIR *isabbat ir-riċevitur f'postu)* Son of a bitch! Mhux ta' b'xejn ġenninha. Mhux ta' b'xejn… *(jieqaf – jiftakar ma' min qed jitkellem).*

IX-XIĦ: Milli stajt nifħem, it-tnejn ġennintuha. *(il-missier inkurlat iċanfar tifel żgħir)* X'ġara hawn, Alistair? Tista' tgħidli x'inhu jiġri?

Dlam bil-mod il-mod.

3 XENA

L-istess xena. Aktar tard filgħaxija. Dalam sew

IX-XIĦ*, imgeżwer fl-istess xalla li kellu* ALISTAIR *fil-bidu, jinsab bilqiegħda fil-pultruna bi flixkun luminata u tazza f'idu, jara t-televixin; kultant jinstemgħu xi ilħna mhumiex ċari, xi frażijiet bl-Ingliż, iżda ftit li xejn jista' jinftiehem x'qed jara. Wara ftit jgħolli r-'remote control' u jwaqqaf l-istampa li qed jara minn fuq vidjowrikorder. Jitbaxxa eqreb, iħares.*

Skiet perfett. IX-XIĦ *jidher inkwetat, iżomm rasu, donnu xi ftit sturdut ukoll.*

Sa fl-aħħar iqum, ineħħi x-xalla minn fuqu u jixħetha fl-art, forsi bi ftit herra żejda. Dlonk donnu jisgħobbih, jitbaxxa, jiġborha u jqegħidha lura fuq il-pultruna.

Bit-tazza f'idu, jersaq lejn il-vetrina u joħroġ il-flixkun inbid minn wara l-kotba. Jimla t-tazza, jerġa' jaħbi l-flixkun u jmur lura jpoġġi quddiem it-televixin.

Iċċempel il-qanpiena tal-bieb ta' barra.

IX-XIĦ *jinħasad. Idur lejn il-bieb ta' ġewwa.*

IX-XIĦ: *(isejjaħ bil-mod)* Alistair, il-bieb.

Ebda tweġiba. Jerġa' l-bieb.

IX-XIĦ *iqum u jmur lejn l-indana, iżda bilkemm jilħaq jasal li ma tidħolx mgħaġġla* RIENI*: tfajla pjuttost sabiħa u sofistikata, riesqa lejn it-tletin u mhux li tgħid irqiqa.*

RIENI: *(ma tistenniex li se ssibu ma' wiċċha)* Oh! I'm sorry!… *(imbagħad xi ftit suspettuża)* Int min int?

IX-XIĦ: Kif dħalt? Il-bieb kont sakkartu. Alistair! *(idur lura lejn it-televixin)*

RIENI: Tani ċ-ċavetta Michael.

IX-XIĦ: Ah. *(ipoġġi fil-pultruna).*

RIENI: *(tagħti pass ’il ġewwa)* Int min int?

IX-XIĦ: Missieru. *(jixgħel il-vidjowrikorder)* Kompli – għaddi.

RIENI: Missieru?… Missier Michael? Michael qalli missieru mejjet.

IX-XIĦ: Appuntu; kompli, qisni mhux hawn. *(isejjaħ)* Alistair!

RIENI *tmur lejn it-telefown. Terfa’ r-riċevitur.*

RIENI: Ma naħsibx li jaf li qiegħed hawn. *(pawsa)* Qalli m’hawn ħadd. *(iddawwar numru)*

IX-XIĦ: *(dejjem għajnejh fuq it-televixin)* Għadu ma jafx li jien hawn. Kieku kien jaf, hekk jew hekk, ma naħsibx kien jikkoppa wisq.

RIENI: *(ma tistax taqbad – terġa’ ddawwar numru)* Qiegħed barra – jistenna fil-karozza.

IX-XIĦ: Ah.

RIENI: Saqajh fuq il-pedala…

IX-XIH: Ah.

RIENI: Ma jissograx jgħolliha. Jibża’ li terġa’ tintfieli. Il-batterija baxxa u se naslu tard!

IX-XIĦ: Ah.

RIENI: *(lit-telefown – bla sabar)* U ejja!… *(sa fl-aħħar qabdet)* Hello, Paul!… Paul, Rieni. – Naf; naf, il-karozza ma riditx tistartja u Mikey ħlief jagħtiha bis-sieq ma jafx jagħmel! – Iva. sa fl-aħħar startjajtha! Inkunu hemm xi għoxrin minuta oħra… Imma stennewna,OK! – Xi tridni nagħmel? OK?— Bye!

RIENI *tpoġġi r-riċevitur f’postu u timxi ’l barra lejn il-bieb. Hija u għaddejja iżda tagħti daqqa t’għajn lejn x’qed jara* X-XIĦ *fuq it-televixin.*

RIENI: Ċaw, mela.

IX-XIĦ *ixejjer imma ma jweġibx u* RIENI *tkun se tkompli ħierġa meta donnha tolqotha xi ħaġa li tilmaħ fuq it-televixin. Tieqaf u tħares għal darba tnejn. Tibqa’ ssummata għal bosta*

sekondi – imbagħad pass eqreb.

*Xejn għajr il-ħsejjes tat-televixin: forsi issa jingħarfu donnhom il-ħsejjes taʾ xi party – forsi jinstemaʾ u jinftiehem ukoll il-kliem "Happy Birthday, dear Alis; Happy Birthday, to you!…" Jgħaddu bosta sekondi mingħajr ma la x-*XIĦ *u lanqas* RIENI *ma jneħħu ħarsithom minn fuq it-TV.*

RIENI: *(aktarx weħedha – lit-TV)* "Happy Birthday, Alis….."

IX-XIĦ: *(ma jħarrikx ħarstu)* Tafu?

RIENI: *(ton taʾ qrusa)* Lil Alistair? Kont.

IX-XIĦ: Kont taf li qiegħed hawn issa?

RIENI: Kont. U kont nafu. Imma mhux hekk.

IX-XIĦ: *(pawsa qasira)* Lili ħadd ma qalli. Missieru…

RIENI: Lili qaluli l-ewwel waħda. Riedu jwissuni. Biex naqtaʾ jiesi.

IX-XIĦ: Ħeqq. Mhux aħjar?...

RIENI: Tagħraf xi ħadd ieħor?

IX-XIĦ: Minn min?… *(idur iħares lejha – josservaha – jerġaʾ jdawwar ħarstu)* Ħadd. Ħbieb tiegħu il-Kanada nassumi. Dak – hemm – dak ma nafx, donnu – *(iwaqqaf il-vidjow – idawru lura xi ftit – iwaqqaf)* …Dak – dak jagħti lemħa lil ħija. Kien siefer Detroit wara l-Gwerra. Jagħtih lemħa. Mhux bʾdak ix-xagħar imma, u dak l-ilbies… Forsi t-tifel tiegħu.

RIENI: Jew it-tifla!

IX-XIĦ: *(ixengel rasu)*.

RIENI: Dawk il-vidjows tiegħu?

IX-XIĦ: Taʾ Alistair. Qalli ma jikkuppax. Ħallihom hemm apposta.

RIENI: Taħseb ikun irid iselliħomli?

Resqet lejn it-TV. Tħares lejn xi erbaʾ vidjows mitluqin fuq it-tavolina u taqra l-kitba fuqhom.

IX-XIĦ: *(jgħolli spallejh)* Għid lilu. Skont kemm kontu ħbieb!

RIENI: Hawn qiegħed?

IX-XIĦ: Ma nafx. Għamlet għajni bija xi l-ħamsa. Naħseb ħareġ imma.

It-tpaqpiq ta' ħorn minn barra.

IX-XIĦ: Għalik naħseb.

RIENI: Issa spaċenzjuż dak!

RIENI *tersaq indeċiża lejn l-indana iżda donnha ma tridx titlaq. Idur lura u tidħol lejn il-bieb ta' ġewwa, hekk kif jerġa' jinstema' l-ħorn.*

RIENI: Jimporta tgħidlu dalwaqt ġejja?

IX-XIĦ: Xiex?… Fejn sejra?

RIENI: X'taħseb? Għandi bżonn! Mur għidlu, jekk jogħġbok!

Toħroġ mill-bieb ta' ġewwa. Tpaqpiq tal-ħorn.

IX-XIĦ: Stenn…

Tpaqpiq.

IX-XIĦ: ...Iva ġej! *(lil* RIENI*)* Taf fejn int?…

RIENI: *(minn barra)* Naf! Mur!

IX-XIĦ: *(huwa u jimxi lejn l-indana)* Taf. Taf… Dejjem jafu kollox…

Bilkemm jilħaq joħroġ fl-indana li RIENI *ma terġax tidħol. Tmur b'ġirja lejn it-tavolina, taqbad l-ewwel vidjow li ssib u ddeffsu fil-handbag.Tkun se thaffef 'il barra biex tilħaq lix-*XIĦ *iżda f'daqqa waħda, fis-sikta, tinstema' ċempila, did-darba qawwija, tat-telefown li tidwi u tidwi. Maħsuda, kważi b'istint,* RIENI *terfa' r-riċevitur.*

RIENI: Hello!

Fuq it-telefown leħen ta' raġel jirrispondi maħsud "Hello?"

RIENI: Hello! *(skiet)* Hello? Min hemm? *(leħinha jinbidel)* Hello? *(pawsa*) Hello, Alistair? *(pawsa)* Alistair…

Il-linja tinqata' ħesrem. Pawsa. RIENI *tniżżel ir-riċevitur.*

RIENI: Welcome home, Alistair. Welcome home, Baby.

Dlam.

4 XENA

Aktar tard.

IX-XIĦ *jinsab mal-bank tal-kċina jagħmel it-te,* RIENI, *bilqiegħda fuq banketta għolja n-naħa ta' barra tal-bank, tbill saba' ġo ważett tal-ġamm.* MICHAEL, *il-ġlekk mitfugħ mal-art ħdejn is-sufan, jinsab ħdejn it-telefown b"notebook' żgħir iswed f'idu jdawwar numru wara l-ieħor, jitkellem ħażin kull darba li ma jaqbadx.*

Waqt l-istennija, atmosfera pjuttost irreali, talba ta' spjegazzjoni mdendla fl-arja tul ix-xena.

IX-XIĦ *iferragħ il-misħun ġo stanjata, jitfa' xi żewġ kuċċarini te u jħallih itektek fuq in-nar. Waqt li jistenna t-te isir, jieħu l-kaxxa tas-sulfarini f'idu u, kważi mingħajr ma jaħseb x'qed jagħmel, joħroġ żewġ sulfarini u jqegħedhom linja dritta fuq il-bank, imissu ras ma' ras.*

RIENI: X'int tagħmel?

IX-XIĦ: Int tpejjep?

RIENI: Iva. *(tħares madwarha, tfittex il-handbag tagħha li jinsab fuq il-bank xi ftit bogħod minnha, eqreb lejn I*X-XIĦ) X'int tagħmel?

IX-XIĦ: *(joħroġ idejh biex jieħu jew inewwillha l-handbag)* Xi tpejjep?

RIENI *tinduna x'se jagħmel u kważi taqa' minn fuq il-banketta biex taħtaf il-handbag qabel ma jilħqu hu.*

IX-XIĦ *josservaha, jipprova jifhem.*

RIENI *tgerfex fil-handbag bla ma tħallih jara x'fih u dlonk titfagħlu pakkett sigaretti fuq il-bank quddiemu.*

IX-XIĦ: Grazzi.

Bla għaġla, jifrex is-sigaretti kollha minn ġo fih għal fuq il-bank biex sa fl-aħħar jista' joħroġ il-karta fidda li kienu ppakkjati fiha.

RIENI: X'int tagħmel?

MICHAEL *ikompli għal xi ħin jipprova jċempel bla wisq suċċess sakemm jintebaħ eventwalment b'li qed jagħmel* IX-XIĦ.

Jieqaf, it-telefown f'idu, u jibqa' jħares: déjà vu.

IX-XIĦ: Int ara. *(jispjega waqt li juriha)* Trid tieħu żewġ sulfarini u tpoġġihom hekk, ras ma' ras, il-kubrit ta' waħda jmiss mal-kubrit tal-oħra, hekk, imbagħad iddawwar u tissikka biċċa karta fidda madwarhom… Ma tridx tagħfas wisq inkella ma ttirx…

RIENI: X'ma jtirx?

IX-XIĦ: Int ara. …Iddaħħal iż-żewġ sulfarini, issa ħaġa waħda qishom sulfarell, tarahom? – iddaħħlu hawn, marsus mal-ġenb tal-kaxxa tas-sulfarini – *(jinduna b'*MICHAEL *iħares - jieqaf sekonda imma jkompli)* ...ippuntahom 'il fuq, hekk, imbagħad sulfarina oħra… *(jixgħel is-sulfarina mal-istess kaxxa)* U bil-mod il-mod issaħħan minn taħt ras is-sulfarini mdawrin bil-fidda u….

*Pawsa waqt li x-*XIĦ *iżomm is-sulfarina mixgħula taħt is-'sulfarell'. Sa fl-aħħar is-sulfarini jieħdu n-nar u s-sulfarina ppuntata 'l barra ttir titjira żgħira minn fuq il-bank għall-art.*

B'ċertu sens ta' anti-climax, IX-XIĦ *jitfi bla għaġla s-sulfarina li għadha f'idu u li qed taħraqlu subgħajh u jarmiha fis-sink.*

MICHAEL *jersaq u jgħaffeġ is-sulfarina fl-art.*

MICHAEL: *(mingħajr l-għajjat tas-soltu - theddida)* Tilgħabx… bin-nar… hawn ġew! Iġborha!

IX-XIĦ *jiġbor is-sulfarina.*

MICHAEL: Armi!

IX-XIĦ *jarmiha fis-sink.*

RIENI: Gustuż però dan missierek. Kif qatt m'għedtli?

MICHAEL: *(jitfa' l-kaxxa sulfarini fil-but)* Għax dak… dak darba tar b'kamra tan-nar u issa, issa, dak mejjet. Għalhekk. *(jitfagħlha l-kaxxa sigaretti f'ħoġorha)* Neħħihom minn hemm dawk.

RIENI: Right. Dnub m'intix gustuż daqsu.

MICHAEL *idur u jmur ikompli jċempel. Mal-ewwel numru li jdawwar jaqbad.*

MICHAEL: Hello! – Paul!… Isma, ma tistax tgħaddi għalina int, hux Paul? Il-karozza ta' Rieni ma… *(jieqaf)* – Louis? Fejn hu Paul? – Telaq diġà! Ħaqq il-bagħla ommu! OK! OK! Ma ġara xejn… Isma, Louis xbin, int m'għandekx ċans twassalna sa Buġibba, hux sieħeb?… Għall-petrol, teħux ħsieb, nagħtik lira...

RIENI *xxengel rasha u tidħaq. Tkebbes sigarett.*

MICHAEL: *(m'għamel xejn)* Oh. OK, grazzi anyway! *(iniżżel it-telefown. Idur lura għan-'notebook')* Grazzi, Pajx – Grazzi tal-appoġġ, Pajx!

RIENI: Min jaf kieku ċċempel għal taxi?

MICHAEL *ikompli qisha ma qalet xejn.*

RIENI: …Jew noħorġu niħħiċċjaw lift? *(tagħmel l-auto stop – sinjal b'sebagħha l-kbir, tgħolli u tikxef sieq waħda u tagħti tisfira ħafifa)* Yoohoo!

MICHAEL *jinjoraha.*

RIENU: Jew forsi jeħodna dawra Alistair. Tgħid m'għandux karozza ħuk l-Amerikan?

MICHAEL *jieqaf.*

RIENI: Lili kien jeħodni. Kemm konna niġru! Konna naħartuha Malta.

MICHAEL *jersaq lejha. Donnu se jerfa' idejh fuqha. Minflok jaħtaflha s-sigarett u jgħaffġu fuq il-bank.*

MICHAEL: Neħħi minn hemm! Hawn ġew għedtlek tpejjipx! Ħadd ma jpejjep hawn ġew.

IX-XIĦ *lesta t-te u jressqilha kikkra quddiemha.*

RIENI: Grazzi. Għedtlek li missierek aktar gustuż minnek. Tlieta zokkor, please. Jien m'għandix għalfejn nibqa' fuq dieta issa, hekk jew hekk. *(ħarsa lejn* MICHAEL*)* Hekk jew hekk, ta' ċerta età, tfajla ftit jimpurtaha aktar.

MICHAEL *imur lura mat-telefown, jagħmel l-aħħar sforz biex jaqbad lil xi ħadd.*

RIENI: *(l*ix-XIĦ*)* Tinduna kif lanqas biss jindenja ruħu jistaqsini xi rrid ngħid biha?

IX-XIH: Għaliex? Ridt tgħid xi ħaġa?

RIENI: Li għedt!… Issa jmiss lilek. Veru li kont tirt b'kamra tan-nar?

Pawsa qasira.

IX-XIĦ: Hm? Forsi aħjar tistaqsini – veru li mitt meta tajjart il-kamra tan-nar?

RIENA: Orrajt! Veru?

IX-XIĦ: Veru.

RIENA: Ah. Skużani ma fhimtx.

IX-XIĦ: Erġa' staqsi mela.

RIENI: Veru tirt – veru mitt! – meta tajjart kamra tan-nar? Insomma – xi ħaġa hekk?

IX-XIĦ: Xi ħaġa hekk. – Qatluni. Imma ma mittx. Dik il-ħasra.

RIENI: *(ma fehmet xejn)* OK!…

Wara xi żewġ telefonati, MICHAEL *qata' jiesu - jinxteħet iddiżgustat fuq is-sufan, joħroġ pakkett karti tal-logħob mill-but u jilgħab bihom, l-ewwel solitaire, imbagħad jipprova jibni torri bihom.*

IX-XIĦ: Kont niddelitta bin-nar. Bħal missieri u missier missieri. Hawn ġew stess ukoll, hemm isfel, fil-kantina… *(juri lejn il-bieb tal-kantina)* Minn kollox konna nagħmlu: murtali tal-kulur, murtaletti, beraq pront, blalen jimxu...

RIENI: Blalen jimxu!

IX-XIĦ: Blalen jimxu, minn kollox… In-Nannu kien miet taʾ ħamsa u għoxrin. Kien sfurtunat: l-ewwel darba li qatt ipprova jagħmel in-nar. Missieri – missieri kważi miet sitt darbiet. Tilef widna waħda – darbʾoħra geddumu – darba tlett iswabaʾ… u toqba daqshekk fʾġenbejh. Spiċċa biex fl-aħħar tajritu l-putassa – miet taʾ erbgħin. Kien xortih tajba.

RIENI: U int?

IX-XIĦ: Jien mitt taʾ tletin.

RIENI: OK!

IX-XIĦ: Il-mara, ommhom, qed tifhem, ma kinitx taf li kont nagħmel in-nar. Kont niġi hawn – dak iż-żmien kien għadu r-razzett taʾ missieri – u kont ninżel hemm, fil-kantina, meta suppost kont qiegħed hemm barra, fuq l-andar. Hemm barra però kont nibgħat lil dak jidres *(Michael)* – kien għadu qajla tifel, imma kien jaħdem daqs tnejn, jekk temminni...

RIENI: Dik żgur li le!

IX-XIĦ: U ħuh, Alistair, miegħu. Imma dak kultant biss… Dak kien mod ieħor…*(jieqaf)* Hi, qed tifhem, hi ma kinitx taf. Għax kont wegħedtha qabel iżżewwiġna li mhux se nbagħbas iżjed nar. Kont ħlift fuq ommi u missieri. Fuq San Ġlormu, Santa Klara u Santa Rita… kull qaddis li ġabitli. Kont ħlift fuqhom kollha. U fuq uliedi. Fuqhom ukoll. Imbagħad però, wara dik l-ewwel darba… Għax kienet hedditni li titlaqni, qed tifhem? U kważi telqet dik l-ewwel darba. Ma nafx xʾkien itini – speċjalment meta kienet tkun tqila. Ġenn – kien qisu ġenn, iva – ġenn taʾ ferħ – forsi taʾ biżaʾ – xi ħaġa ġewwa fija trid tisplodi – tixpakka minn qiegħ ġismi… Imma din l-ewwel darba bkejt u erġajt ħlift fuq li ħlift. U tatni ċans ieħor. Imbagħad imma, it-tieni darba, ħalfet hi, u ġiegħlet lil dawn jaħilfu quddiemi fuq il-Kurċifiss li jekk terġaʾ tiġri, jien inkun mitt għalihom; darbʾoħra, u jien, immut jew ma mmutx, toqtolni hi. Ġegħlithom jaħilfu li joqtluni huma wkoll. Għamilt sena… sena taʾ infern mingħajr nar. Sakemm sa fl-aħħar ċedejt.

RIENI: Erġajt bdejt.

IX-XIĦ: Erġajt bdejt. Ma domtx imma. Bilkemm għaddew tliet xhur… Tajjart nofs dan ir-razzett… Sabuni xi għoxrin metru bogħod. Ħaġa tal-iskantament, għajr din *(u jneħħi l-beritta u juriha l-qorriegħa ta' rasu sewda faħam imma bla xagħar)* – għajr din – xejn. Imma għaliha – għaliha veru stajt kont mitt.

MICHAEL *itajjar torri bil-karti tal-logħob li kien irnexxielu jibni.*

RIENI: Ħafirhielek San Glormu!

IX-XIĦ: Jew Santa Rita... Imma hi le... Għaliha veru kont mejjet. U għalihom ukoll. Ġegħlithom… Ma qatlitnix, imma stajt kont mejjet. Kelli nitlaq. Hekk jew hekk, ma ridunix. U qatt aktar ma kellmitni hi. U lanqas huma. Kont tassew mitt għaliha. Issa okay hekk?

RIENI: A-OK. A-OKissimu.

*Tressaq u tiġbed l*ix-XIĦ *mill-pavru lejha u ttih bewsa fuq il-qorriegħa ta' rasu.*

RIENI: Għaliex taħbiha? Mhix kerha daqs kemm taħsibha, Xiħ? Hawn ħafna affarijiet ikreh fid-dinja llum.

IX-XIĦ: Forsi. Imma setgħet kienet l-ewwel u l-aktar ħaġa kerha li qatt raw hawn ġew. Beżżgħethom biha wkoll. Użatha kontrija wkoll.

RIENI *tbusu oħra u tinżel mill-banketta. Tmur lejn* MICHAEL, *mitluq imdejjaq, il-karti f'ħoġru. Titbaxxa fuqu u tbus lilu wkoll fuq rasu.*

RIENI: Xi tgħidli, Mikey ħanini? Tridx ma mmorru xejn? Dak il-party bħalissa ġa żvojta nofsu.

MICHAEL: X'għalgħajni mill-party. Mhux il-party rrid jien.

RIENI: Lili forsi, mela? Lili biss trid, ħanini?

MICHAEL: *(jiġbor il-karti tal-logħob)* Lil PJ ridt. Ridt inkellmu. Fuq dik l-affari.

RIENI: *(taparsi diżappuntata)* Oh! Sinċier tal-anqas. Prożajku, imma

sinċier.

MICHAEL: Min jaf xi jrid ikun biex taqbdu xi mkien għall-kwiet dak. Bit-telefown ma ssibu qatt - bit-Telecell b'kollox! – kieku qatt issibu f'post wieħed.

RIENI: Jien noqgħodlok f'post wieħed kieku, Mikey. *(tpoġġi f'ħoġru)* Kemm tistedinni. M'hemmx bżonn ċerimonji. U m'hemmx bżonn pattijiet a lunga scadenza miegħi, int taf.

MICHAEL: Naf. Naf u ma nafx miegħek. Li naf żgur li rrid neħles minn dal-post – illum qabel għada!

RIENI: *(nibxa, taħtaflu karta minn ħoġru)* Joker!

MICHAEL: Eh, il-Joker sabiħ...

IX-XIĦ: Teħles minnu?… Għedt teħles minnu – minn dal-post jiġifieri?

MICHAEL: Iva, neħles. Għaliex?

IX-XIĦ: Jiġifieri tbigħu?

MICHAEL: Mela nagħtih b'xejn?

MICHAEL *iwarrab lil* RIENI *u jimxi lejn* IX-XIĦ.

MICHAEL: Inbigħu iva. Għaliex? Trid tgħid xi ħaġa int?

IX-XIĦ: Ridt ngħid… u Alistair?

MICHAEL: Xiex Alistair?

IX-XIĦ: Hu wkoll irid jeħles? Għaliex ġie lura?

MICHAEL: Fejn naf! Għaliex mar, ibda biex? Propju meta dik sa fl-aħħar kienet bdiet tirraġuna u tħaddem moħħha. Int taf hux x'għamlet bin-negozju tal-art dik?

IX-XIĦ: Il-lukanda. Naf. Imma propju hemm kellhom jibnuha?

MICHAEL: Hemm jew xi mkien ieħor…

IX-XIĦ: Le – hemm. Hemm riditha. Apposta. Tiftakar x'kien hemm, meta kontu żgħar, hemm fuq hux?

MICHAEL: X'kien hemm?… Xiex? Xi siġra mingħalija, eh? Siġra kbira.

IX-XIĦ: Safsafa. U kbira iva. Minn kullimkien kont taraha dik is-safsafa.

MICHAEL: Niftakarha… Siġra griża.

IX-XIĦ: Imma ommok qatt ma ħamlitha. Minn dejjem riedet teqridha. Kienet taraha kerha – kerha daqs dagħwa b'Alla, kienet tgħid. Dawk il-weraq ippuntati, il-ġmiemen suf u fjuri… Ma kenitx tista' għalihom – tajba biss biex terda' l-ilma kollu tal-ħamrija, kif kienet tgħid il-Qabla. Taħraqha kienet saħansitra kieku ħallejtha. Biex spiċċat biex radmitha taħt mostru tal-ġebel u l-konkrit – il-lukanda…

MICHAEL: Il-lukanda eh. Hekk jew hekk, kemm konna se ddumu nagħżqu l-art? Dak Pawlinu fetħilha għajnejha. Imnalla kien hu… *(ħarsa lejn* IX-XIĦ*)* Hekk jew hekk, kont taf fuq Pawlinu, le?

IX-XIĦ: Hekk jew hekk.

MICHAEL: U kieku baqa' hawn Alistair konna nimmaniġġjaw aħjar. Dak kellu moħħ…

IX-XIĦ: U int le?

MICHAEL: Jien ? Jien għamilt li stajt! Taf wara kollox li ommi mhux lakemm tindaħlilha, taf aktar minni. U qajla setgħet tibqa' tgħix bir-renta għal dejjem. U kont ngħidilha jien.

RIENI: Int għext b'dik l-istess renta, però, ħanini. Easy money! Kemm kont ilek ma tagħti daqqa t'id, jew tfendi għal rasek. Dejjem home sweet home!

MICHAEL: Xi nfendi? U għaliex kelli nfendi għal rasi jien? Dawk flusi wkoll kienu. Jekk ma tafx id-dar f'ismi għamlitha. Infendi għal rasi!… Fuq kollox, jekk ma tgħallimtx skola għax żammitni hawn hi – marbut mal-art – nagħmel xogħol li suppost… suppost għamilt int! (*lix*-XIĦ*)* Alistair le imma – Alistair l-aħjar kulleġġi – l-aħjar kollox Alistair…

RIENI: L-aħjar tfajliet ukoll?

MICHAEL: Ħaħ! Tfajliet! …Biex imbagħad fittxitu u ma sabitux! U ħaqqha! Le, tajjeb allura, jien biss il-bagħal! Jien biss tajjeb biex inħammeġ idejja. *(lix*-XIĦ*)* X'inti tagħmel hawn

int issa wara kollox? Għax ma titlaqx minn fejn ġejt? OK, ħammiġthom idejja meta kien hemm bżonn – u darba titgħallem ma tinsiex lanqas. Jien kont il-bagħal hawnġew. Mela toqgħodx tiġi tgħidli ħdimtx u ma ħdimtx issa lili. Biex issa telqet hi – dabbret rasha – ħallietna hawn infendu għal rasna. Issa hi wkoll. Bħalma għamilt int l-ewwel wieħed!

IX-XIĦ: Bħalma ġegħiltuni nagħmel intom…

MICHAEL: Aħna! Qas kelli ħdax-il sena… u twaħħal fija! X'ridtni nagħmel lili? X'ridtni nagħmel, għid?

IX-XIĦ: Xejn. Ma kien hemm xejn x'tagħmel…

RIENI: Issa x'jimporta imma! Li sar sar! Ejja nagħmlu paċi lkoll! *(tbus sebagħha ż-żgħir u tagħtih lil* MICHAEL *biex ibusulha)* Ejj' ninsew! Għadda ilma minn taħt il-pont… u che sarà, sarà!

MICHAEL: U int tindaħalx! U x'għandu x'jaqsam? X'għandu x'jaqsam? X'int tgħid int? Qatt m'int kapaċi tieħu qaħba ħaġa bis-serjetà int?

RIENI: U mhux għalhekk nogħġbok lilek? Għax inħallik qaħba ma teħodnix bis-serjetà? Mela allura!…

MICHAEL: *(lix-*XIĦ*)* X'ridtni nagħmel?… *(imma tilef il-fil, jew il-ħerqa biex ikompli jħaqqaqha)* Hemm int, x'kont qed ngħid?…

RIENI: Tara kif insejt - smajt minni? X'ma nħobbokx! Xi tgħid? Immorru nieħdu pizza? Taf li għadna ma ħadna xejn minn nofsinhar!

MICHAEL: Eh, u tħallas int?

RIENI: Oh, x'kegħdin jisimgħu kedawna widnejna!… OK, inħallas jien! Bħas-soltu! Basta nitilqu 'l barra minn hawn! Bin-nejk in-nejk, għandek tgħid x'għamlitilkom din ommkom ukoll! Hemm bżonn taħsbu x'sejrin tagħmlu int u ħuk, issa li r-renta spiċċut!

MICHAEL: Nispera għadhom m'għalqux. Għandi ġuħ ta' nama! *(jilbes il-ġlekk)*

RIENI: Ċaw, Xiħ — it's been a pleasure!

IX-XIĦ *jgħolli idu kemm kemm b'tislima iżda ma jiċċaqlaqx.*
MICHAEL *ikun se joħroġ, iżda mbagħad idur lura.*

MICHAEL: Int se tibqa' hawn?

IX-XIĦ: Xi ftit. Mhux se ndum.

MICHAEL: Agħmel int. *(pawsa qasira – ifeġġlu ħsieb)* X'ġejt tagħmel hawn wara kollox? X'ridt?

IX-XIĦ: *(jgħolli spallejh)* Hekk…

RIENI: *(timitah)* Hekk! Ejja, Mikey ħanini. Tħallix dik il-pizza tiksaħlek!

MICHAEL *jidħaq.*

RIENI *timitah – daħqa falza. It-tnejn iduru biex joħorġu.*

IX-XIĦ: *(in extremis)* Isma', jekk trid hemm il-lażanja fil-friġġ, ta!

MICHAEL: *(idur)* Lażanja?… X'lażanja?

IX-XIĦ: Fil-friġġ. Kemm issaħħanha ftit.

MICHAEL: *(ċajta sabiħa)* Lażanja! Fil-friġġ! Ara fejn qatt rat lażanja dik il-friġġ! *(jidħaq)*

RIENI: *(dejjem timitah)* Ħa, ħa, ħa!

IX-XIĦ: Fi ftit minuti nsaħħanha!

RIENI: Lażanja! U ejja, Michael!

MICHAEL: X'kull waħda! *(imma bejn ħaltejn jekk joħroġx issa)*

IX-XIĦ: Hemm il-mozzarella mqattgħa wkoll – u xi ftit zalza extra.

MICHAEL: Int ġibt il-lażanja?

IX-XIĦ: Friska – għamiltha jien. Hemm, fil-friġġ. Hemm – mur ara.

MICHAEL *jeżita għal sekonda, imbagħad jersaq lejn il-friġġ.*

RIENI: Michael!… U ejja!

MICHAEL *jiftaħ il-friġġ. Jibqa' wieqaf issummat, ma jridx jemmen lil għajnejh.*

MICHAEL: Jesus Christ! *(jiftaħ qartas)* Ġobon, eh? *(ixomm)* U

parmiġġan ukoll. *(inaqqar – jiftaħ qartas ieħor)* Daʾ xʾinhu?

IX-XIĦ: *(jersaq)* Zalzett taʾ barra. Taljan. *(jagħtih qartas ieħor)* U Provolon.

MICHAEL: Ġobon tat-tursin! Tajtha għall-ġobon int hawn!

IX-XIH: Hemm – dak perżut. Virginia Baked Ham. U hemm il-Parma Ham ukoll.

ALISTAIR *jitfaċċa bil-kwiet fl-indana.*

MICHAEL: *(dejjem inaqqar – jiftaħ il-bieba tal-friżer)* Ġież – dan kollu laħam? U dan? Torrone! Tartufo!... U daʾ? Daʾ pastizzi? Iva qaħba pastizzi ffriżati, jaqq?

IX-XIĦ: Għal Alistair...

MICHAEL: ...Hawn biex se ngħabbu, Xiħ!

IX-XIĦ: ...Barra min jaf kemm kien ilu ma jduqhom…

ALISTAIR: Grazzi. Stajt ma ġibthom xejn għalija.

RIENI, *maħsuda, twerżaq.*

Dlam.

5 XENA

Ftit wara.

ALISTAIR *u* MICHAEL *madwar il-mejda jieklu bil-kwiet. Donnhom ilhom ma jieklu hekk tajjeb.* RIENI *bilqiegħda bejniethom, imma tteftef biss, kultant tħares lejn* ALISTAIR *jiekol – tosserva l-manjieri puliti tiegħu – kuntrast mal-guffaġni taʾ* MICHAEL. IX-XIĦ *idur magħhom, kultant jgħaddilhom il-ġobon, kultant xi ftit zalza. Xi fliexken birra fuq il-mejda.*

Idoqq it-'timer' tal-forn. IX-XIĦ *imur jiftħu u jġib ħbejżiet bittewn u ż-żejt taż-żebbuġa. Jgħaddu xi waqtiet taʾ skiet.*

RIENI: Xi jfuħu wkoll! Fejn tgħallimt issajjar hekk?

IX-XIĦ: Il-bżonn iġiegħlek.

RIENI: Kont kok? Le, tgħidlix! Bilfors Chef – u Cordon Bleu jkolli ngħid!...

MICHAEL: X'ġejt tagħmel?… *(ħalqu mimli – jibla')* …X'ġejt tagħmel hawn?

RIENI: ...Kont barra, hux?

MICHAEL: Għadek – għadek m'għedtx… *(jixraq)*

RIENI *ttaptaplu fuq dahru.*

RIENI: Naughty, naughty! Titkellimx b'ħalqek mimli, ħanini! M'għallmitekx, il-Mummy?

MICHAEL *jifhem xi ċajta – irid jidħaq u aktar jixraq.*

ALISTAIR*, imdejjaq, jieqaf mill-ikel.*

RIENI: *(tinduna – aktar tkompli)* Issa jgħaddilu tibżax! Irid jidħaq, irid jitkellem u jrid jiffanga! Ħuk dejjem irid jagħmel tal-anqas żewġ affarijiet f'daqqa!

MICHAEL *aktar jixraq,* RIENI *ttaptaplu b'aktar saħħa.* IX-XIĦ *imur iġib l-inbid mill-vetrina u jferragħlu tazza.* ALISTAIR *iqum u jwarrab mill-mejda.*

IX-XIĦ: Għad hemm it-tartufo jekk trid, Alistair.

ALISTAIR: Marli l-aptit.

RIENI: U ejja! *(iżżomm lil* ALISTAIR *minn idejh)* Hi imma jien mingħajr dežerta ma nimteliex! Tal-anqas ġib wieħed lili. Please?

ALISTAIR *jinħall mill-qabda t'idha. Jersaq bla kliem lejn il-friġġ u joħroġ il-ġelat. Jagħmilhulha fi plattin u jmur jitilqu quddiemha bla wisq galbu.*

RIENI: Thank you! Daqs il-Papa tinqala'!

MICHAEL: U jiena? Jien iswed jew? Tiegħi fejn hu?

IX-XIĦ: Ġej. *(lil* ALISTAIR*)* Mur, poġġi hemm. Issa nġib jien.

ALISTAIR: Se terġa' tibda bl-inbid int?

MICHAEL: Nibda u nispiċċa!…

ALISTAIR: Kieku kienet hawn ix-Xiħa…

MICHAEL: Mhix imma! U tiksirlix sormi bix-Xiħa aktar. Domnu u mietet! U daqshekk! *(jixrob)*

IX-XIĦ *iġib ġelat lil* ALISTAIR *u lil* MICHAEL.

ALISTAIR: Għedtlek tħallihx jarah l-inbid ’il dak.

IX-XIĦ: Hekk jew hekk m’hemmx aktar. Dak baqa’.

MICHAEL: U int kif taf li kellu l-inbid? *(ebda tweġiba minn* ALISTAIR*)* Jaqaw – kont taf li kellu jiġi hawn? Kont taf hux?…

ALISTAIR: Ma kont naf xejn.

MICHAEL: Żubbaba! Int dejjem taf kollox! Kollox jgħidulek lilek – dejjem!

ALISTAIR: Ma kont naf xejn.

MICHAEL: Kif taf dwar l-inbid mela?

ALISTAIR: Kont hawn meta ġie…

MICHAEL: …Jew ċempiltlu int biex jiġi?

ALISTAIR: Qas kieku ridt. Qas kieku kont naf fejn insibu. It-telefown bil-ħsara…

MICHAEL: *(daħqa mqanżħa)* Eeh! Bil-ħsara. Meta jaqbillek! *(ibosslu waħda - jinfaqa’ jidħaq)*

ALISTAIR: Kont naf li int kont, ħamallu.

MICHAEL *jersaq eqreb lejh u jerġa’ jbosslu f’wiċċu. Jidħaq aktar u aktar.*

RIENI: *(f’daqqa waħda – diverżjoni - sajma sajma)* Lili ċempilli wkoll.

Pawsa.

MICHAEL: Xiex? Min ċempillek?

RIENI: Alistair.

MICHAEL: Xiex ċempillek?

RIENI: Ċempilli – Alistair. Lili!

MICHAEL: *(lejn ħuh)* X'ċempiltilha tagħmel?…

ALISTAIR: *(fuq kliemu)* Mhux veru.

MICHAEL: Meta? Għaliex?… X'ridt minnha?

ALISTAIR: Għedtlek…

RIENI: Veru. Lo giurò!

MICHAEL: X'ridt iċċemplilha tagħmel?

RIENI: *(lil* ALISTAIR*)* Mhux int kont? L-ewwel?

ALISTAIR: Meta? Ftit ilu?…

RIENI: Kont taf li qiegħda hawn?

ALISTAIR: Kieku kont naf ma kontx… *(jieqaf)*

RIENI: Imma int kont - ammetti.

ALISTAIR: *(lil* MICHAEL*)* Ċempilt iva!. Biex niċċekkja t-telefown jaħdimx, OK?

MICHAEL: Meta? *(lil* RIENI*)* U int kont hawn? X'kont qed tagħmel hawn?

RIENI: Ara l-ieħor! Issa – ftit ilu qed ngħidu! Meta ġejt miegħek! Qabel dħalt int!

MICHAEL: Allura – b'daqshekk? Billi ċempel!… Taħseb li jimpurtani?

RIENI: *(lil* ALISTAIR*)* Meta dħalt kont taf li qiegħda hawn imma.

MICHAEL: …X'kull waħda wkoll! Ara x'jimpurtani!

ALISTAIR: *(lil* RIENI*)* Allura – b'daqshekk?

RIENI: Forsi ridt terġa' tarani? Wara das-snin kollha!

MICHAEL: *(iqum mill-mejda)* U fuq kollox – dak? Żgur se jimpurtani minn dak jien! *(jixrob l-aħħar erba' qatriet mill-flixkun)* Ara li kieku kien PJ, forsi.

RIENI: *(tqum bilwieqfa)* Ilek sitt xhur tevitani. Ma ġitekx kurżità tara nbdiltx? Qatt smajtni fuq ir-radju?

ALISTAIR: Kienu qaluli li fuq it-TV kont m'ilux.

RIENI: Għat-TV sabu 'l xi ħadd ieħor. Waħda iżgħar. Lilek żgur ma togħġbokx – waħda ma tafx tilbes weħedha – ilibbsuha u jneżżgħuha qabel kull programm – biex tidher isbaħ minn minuta għal oħra – biex il-ħin ma jirkibhiex. Mhux għax jien kont tant ħażina – minkejja li ntrikibt. X'jidhirlek? *(piruwett – turih il-figura tagħha)* Int l-artist. X'jidhirlek? Isa, ġudizzju sinċier, spassjonat eh?...

ALISTAIR: Spassjonat?

RIENI: Kif taf tkun int. Eh, agħar jew aħjar? Ftit eħxen veru – però aktar – aktar ġisem, le?

ALISTAIR: U ixjeħ.

MICHAEL: *(jidħaq)* X'tistenna? Eh, x'kont tistenna?

RIENI: Appuntu. Ixjeħ. *(nofs daħqa)* U eħxen?

ALISTAIR: Xi ftit.

RIENI: Imma… isbaħ?

ALISTAIR: Staqsi lil Michael. Mhux lili.

RIENI: Michael ma jgħoddx. L-imħabba għamja! Barra li dalwaqt ma jibdiex jara art dak! *(idur fuq* IX-XIĦ*)* Int forsi – x'taħseb?… *(l-istess piruwett)* Eh?

IX-XIĦ: *(togħġbu)* Eeh! U hekk, eh! U hekk!

RIENI *tersaq u tbusu fuq xufftejh.*

RIENI: Int biss ħaqqek bewsa! L-aħjar wieħed fosthom int! Ma nafx kif kellek subien bħal dawn! Veru ma tistħoqqilhomx! U lanqas 'il ommhom ma kont tistħoqqilha!

ALISTAIR: Le. Kien jistħoqqilha. Niżgurak. U tinsiex – skont iz-zokk il-fergħa. Tinsiex.

MICHAEL: *(jerġa' jmur jiftaħ il-friġġ, ifittex il-ġobon)* U dak x'inhu - kumpliment jew insult?

ALISTAIR: Jiddependi għal min.

RIENI: Hemm int! Għadek l-istess. Tiffilosofizza mingħajr ma tissogra tgħid xejn!

ALISTAIR: Daʾ għax għedtlek ħoxna?

RIENI: Le. Niskanta biss kemm hija ħoxna l-qoxra li tistaħba warajha int!

ALISTAIR: Tabilħaqq. Forsi għax meta tkun drajt tistenna d-dwiefer jiggranfaw fik, tidra tieħu prekawzjoni wkoll. Istint.

MICHAEL: Min xorob dak l-inbid kollu? Bilkemm ħallejtuli beżqa!

ALISTAIR: Jien qas biss doqtu.

MICHAEL: Tajjeb, Xiħ! Mela int gelgiltu kollu.

IX-XIĦ *idaħħal idu fil-but u joħroġ il-portafoll.*

IX-XIĦ: Trid tmur sal-kantuniera ġġib flixkun?

ALISTAIR: *(iqum fuq saqajh)* Pa, se terġaʾ tibda!

MICHAEL: *(il-kelma ilu snin twal ma jismagħha)* Pa? *(jersaq lejn* IX-XIĦ*)* Diġà bdejna bil-Pa, eh?… Issa li mʾhawnx il-Ma, se nibdew bil-Pa? Diġà?…

IX-XIĦ: *(jiftaħ il-portafoll, joħroġ mazz liri u jitfagħhom fuq il-bank)* Ħa, ħu. Mur ixtri.

MICHAEL *jitlef il-fil taʾ xʾkien se jgħid malli jara l-flus.*

Jersaq bil-mod.

IX-XIĦ: Jew, immur jien ara!…

Jagħmel biex jerġaʾ jiġbor il-flus hekk kif MICHAEL *jilħaq jaqbad ponn liri.*

MICHAEL: Le! Immur jien!…

*Iżda x-*XIĦ *malajr jaħtaf u jżomm id* MICHAEL*. Jissaraw għal bosta sekondi, bejn bʾlogħob, bejn bʾserjetà. Jirbaħ* IX-XIĦ *li sa fl-aħħar jirnexxilu jeħodlu l-flus lura.*

Iżda MICHAEL *mhux se jċedi hekk ħafif.*

MICHAEL: *(issa theddida serja – il-pala ta' jdejh miftuħa)* Hawn!

Dendel ’l hawn! Dendel qed ngħidlek!…

IX-XIĦ *jagħtih il-flus, lira wara l-oħra, u jkompli jagħtih, karta fuq oħra, sakemm* MICHAEL*, sa fl-aħħar sodisfatt, jagħlaq il-pala ta’ idu – imma mhux qabel ma jkun ħa xi ftit biċċiet sew ta’ karti ta’ flus.*

IX-XIĦ: Mur! Qabel ma jagħlaq.

MICHAEL: *(b’daħqa ħarxa)* Is-supermarket qatt ma jagħlaq; ma tafx, Xiħ? F’liema seklu qed tgħix? Open twenty-four seven, Baby! All night long, Baby! *(joħroġ)*

6 XENA

IX-XIĦ*, għadu ftit imriegħex, jibda jiżbarazza l-mejda.*

IX-XIĦ: Morru araw ftit televixin. Issa nġibilkom il-kafè.

RIENI: Trid daqqa t’id?

IX-XIĦ: Le, ħalli! Nieħu ħsieb jien. Mur.

ALISTAIR *ipoġġi fuq il-pultruna. Jixgħel it-televixin u jdur ifittex il-gwida tal-programmi fuq it-tavolina.* RIENI *tiġi tpoġġi ħdejh. Bir-‘remote control’ f’idejha ddawwar xi stazzjon jew tnejn bla wisq interess.*

RIENI: *(bla ma tħares lejn* ALISTAIR*)* Pa, eh?

ALISTAIR: Xiex?

RIENI: Sejjaħtlu, Pa.

ALISTAIR: B’daqshekk?

RIENI: Kont donnok ilek ma ssejjaħlu hekk. Hekk kontu ssejħulu qabel?

ALISTAIR: Ma nafx. *(pawsa qasira)* Forsi ħmistax-il sena ilu…

RIENI: Ħmistax-il sena… Żmien twil.

ALISTAIR: Le, għandek żball. Qasir. Iż-żmien... iż-żmien ma jeżistix, Rieni.

RIENI: Għalhekk għedtli xiħa?

ALISTAIR: …Ma jfisser xejn. Ladarba għadda, jista' ma jeżistix iż-żmien.

RIENI: Mhux li kien.

ALISTAIR: Għaliex? – Meta kien ilbieraħ tagħna, Rieni? Tiftakar?

RIENI: Xiex?... Int taf x'kien.

ALISTAIR: Mhux x'kien. Meta! Għidli. – Ngħidlek jien? Li ġara lbieraħ, li ġara tmien snin ilu, ħmistax-il sena ilu, l-istess, …. Għalkemm għadda, il-vojt bejn ġurnata u oħra, bejn sena u oħra, u l-vojt bejn sekonda u oħra….

RIENI: Tibdiex tħawwadli moħħi...

ALISTAIR: L-istess vojt jibqa'. U jekk issa, jekk għada jeżistu biss għax kien ilbieraħ, jekk illum u għada ġejjin mill-bieraħ, mela allura llum digà eżista lbieraħ… inkella llum ma jeżistix.

RIENI: Alistair, Alistair... Hemm int, bqajt l-istess.

ALISTAIR: L-istess. Imma min jaf – min jaf kieku lbierah ma kienx dak li wassal għal-lum, għal għada? Kieku tista' temmen li dawn qatt eżistew… kieku la llum, u lanqas għada, qatt m'eżistew?… Mela għidli, meta kien ilbieraħ tagħna, Rieni?…

RIENI *xxengel rasha.*

RIENI: *(tibdel l-istazzjoni bir-remote)* Ma nafx. Alistair, OK. Ma nafx!

ALISTARI: Tajjeb – dak biss jeżisti mela! *(jaħtafilha r-remote)* Tippreferih hekk illum? Hemm arahom – hemm – u hemm – hekk aħjar? …Films tal-bieraħ – U issa l-aħbarijiet tal-lum, kull siegħa, kull nofs siegħa. Kif tridhom? U riklami – għamara u ġelati – karozzi u supermarkets… Hemm! Dak – tarah lil dak? Irid jixtri jew ibigħ dak? Michael bil-liri f'idejh dak tgħid? Jekk irrid nista' mmur lura u dak li kien jerga' jiġi… U issa – *(jibdel l-istazzjon*) …Baħħ! Puff! Sparixxa! U aktar films, mużika u storbju – il-kejbil – u hemm – kliem; erġajna aħbarijiet – teletext – il-programmi ta' għada – u hemm; il-programmi tal-bieraħ – li diġà għaddew – imma għadhom hemm! Taħseb li ma jafux li għadda l-bieraħ? Għal min qegħdin hemm – għal min ilbierah ma kienx hawn!

Imma jħalluhom hemm – qisu m'għaddiex… Qishom ma jeżistux – la lbieraħ u lanqas illum. Aħna biss neżistu allura?

RIENI: Ma nafx x'int tgħid… Int u l-filosofija tiegħek!

ALISTAIR: Mhix filosofija din, Rieni. Mhux logħob bil-kliem biss.

RIENI: Biss! Issa għedt tajjeb! Titturmenta ruħek wisq int, Alistair. Ease-up! Chill out! Taħseb wisq!…

ALISTAIR: Naħseb wisq? Taħseb li għandi nibża'… għax naħseb? Għaliex nibża'?… Jew nibza' għax naħseb… Nibża'... Nibża' iva. *(jieqaf - donnu jrid ibiddel id-diskors)* Int… tpejjep? Għandek sigarett?

RIENI *turih pakkett tas-sigaretti.*

ALISTAIR *iħares, imma dlonk ixejjer rasu. Mhux dak li ried.*

RIENI: Għedt tibża'… Minn xiex?

ALISTAIR: Min jaf. Li ma neżistix? Li jekk taħseb, meta taħseb biss, teżisti?

RIENI: Ukoll jekk taħseb li ma teżistix?

IX-XIĦ *jersaq bil-kafè.*

RIENI: *(tieħu kikkra)* Grazzi! Togħġobni int, Xiħ, imma rabbejtuhom ħażin wisq lil dawn. Rabbejtuhom imħawdin u jibżgħu wisq dawn uliedek.

ALISTAIR: Mhux aktar minn ġenituri oħrajn…

RIENI: Missni għedt hi rabbietkom ħażin forsi.

IX-XIĦ: Le… Tort tagħna t-tnejn. It-tnejn konna nbeżżgħukom… għalkemm l-aktar hi.

ALISTAIR *iqum u jmur lejn il-bitħa.*

IX-XIĦ: *(iħares lejh)* Iva. Rabbejniehom jibżgħu minn kollox. Mill-ilma, minn nar u ilma, minn xemx u xita… Qatt ġurnata ħdejn il-baħar; dejjem hemm barra, jilagħbu fuq l-andar, basta għad-dell, basta ma jersqux lejn il-bir. Għax hemm barra wkoll, hemm kellna nbeżżgħuhom bil-belliegħa, il-

belliegħa fil-bir, li ma jixxabtux u jaqgħu. Kif werwirniekom. U kemm kontu tibżgħu.

ALISTAIR: *(jgħolli spallejh)* Kulħadd jibża' minn xi ħaġa.

Hekk kif IX-XIĦ *ikompli jitkellem,* ALISTAIR*, wieqaf fil-bieb tal-bitħa, idur lejn it-televixin u jkompli jbiddel l-istazzjonijiet bir-'remote ġontrol' sakemm sa fl-aħħar jixgħel vidjow li hemm diġà fil-vidjowikorder,*

IX-XIĦ: Dak li qatt ma stajt naħfer lili nnifsi wara li tlaqt. Kemm xtaqt inkun hawn narakom tikbru, lest ngħidilkom u nispjegalkom kollox, il-misteri tal-ħajja… Kemm xtaqt. Imma kif stajt nipproteġikom, nevitalkom il-biza' ta' dar bla missier?… Altru minn belliegħa fil-bir! Imma dik, dik tal-anqas stajna evitajnihielkom.

ALISTAIR: Ma kinitx tkun dik, kienet tkun oħra.

IX-XIĦ: Le, dik kienet. Dik il-misħuta qabla.

ALISTARI: Dik. Dik ukoll.

RIENI: Qabla?…

ALISTAIR: Majjistra.

IX-XIĦ: Majjistra, qabla… Ġabitkom fid-dinja bħalma ġabet ir-raħal kollu, u għax mingħaliha ġabet lil kulħadd fid-dinja, lili, lil ommok, lil nanntek saħansitra – kienet taħseb li kellha dritt tidħol f'kull dar kif u meta trid! U tagħti pariri u tivvinta ħxejjex u duwa li trid. Ikollok suffejra jew naqra ta' riħ dejjem trid tgħaddi tagħha. Kont għedtilha 'l ommok ma ddaħħalhiex hawnġew. Ma kellix bżonn qabla għal uliedi jien.

ALISTAIR *ixengel rasu.*

IX-XIĦ: …Kellha lili ommok! Kont kapaċi nġib bhima fid-dinja ma kontx kapaċi nġib 'il uliedi?… Imma għalxejn. Biex ara x'ġara. Spiċċajtu tpattu intom. Waqajtu taħt difrejha intom ukoll.

RIENI: Għaliex, x'kienet tagħmel?

IX-XIĦ: X'kienet tagħmel? X'kienet tagħmel? Meta tkun f'waħda mill-burdata tagħha?… *(ixejjer rasu)* Misħuta mara.

ALISTAIR: Misħuta. Iva, niftakarha jien… Niftakar meta kienet tiġi tpoġġi magħna, hemm barra fuq l-andar ħdejn il-ġibjun… *(jagħfas buttuna, pawsa, bir- 'remote control' – jieqaf il-vidjow u l-ħoss diġà baxx tat-TV jintefa kompletament)* F'xi lejla bħal din, lejla suppost ta' sliem u paċi – ma kien xejn għajr raba' fuq raba' dak iż-żmien hemm barra – kont għadek tista' tara r-ramla hemm isfel, u tisma' ż-żarżir tal-iwrieżaq ġej minn kullimkien, minn taħt il-ħarrub, taħt is-safsafa, *(juri)* hemm – dak iż-żmien kienet għadha hemm – l-għana tal-iwrieżaq ġej minn wara kull ħajt imrammel u minn ġewwa l-ġibjun… U hi, kienet taf li nibżgħu mill-ilma hi… Għax imbagħad donnu f'daqqa waħda kien jagħtiha tal-qamar. "Tridux inqajmuha l-belliegħa? Eh, tridu nqajmuha?…" U kienet taqbad xi żrara jew ċagħka u tixħetha għal isfel; terfa' lili jew lil Michael biex nittawlu hemm isfel f'dak il-baħħ għammieq… U aħna nistennew, nistennew f'dik il-ħemda tal-waħx, sakemm sa fl-aħħar nisimgħu l-ħoss taċ-ċafċifa meta l-ġebla tasal fil-qiegħ, tikser dik l-eternità tal-waħx. U l-ħin kollu t-twerdin tagħha f'widnejna – "Arawha tielgħa għalikom issa! Dak li jiġrilkom jekk ma tobdux! Arawha ġejja, arawha tielgħa għalikom! …Obdu 'l ommkom, inkella titla' għalikom! Titla' għalikom il-belliegħa…"

IX-XIĦ: Miġnuna!

ALISTAIR: Iva... Imma mbagħad, xi kultant, kien veru jagħtiha tal-ġenn kultant. Tal-ġenn tassew! Kienet tinxteħet qisha l-imherwla lejn il-bir, tixxabbat għal fuq il-ħerża, tgħaffeġ xi wirdiena tielgħa minn hemm isfel, u tarma twerżaq u tgħajjat "Qed tisimgħuha ssejjaħli? Arawni se naqbeż! Arawni se naqbeż! Arawni se naqbeż!" U aħna nwerżqu aktar minnha u ngħajtu mwerwrin "Le! Le!" – u hi tidħaq u aktar tgħajjat "Arawni se naqbeż! Isimgħuha! Lili qed tistenna hemm isfel! Arawni se naqbeż!" U mhux l-ewwel darba li bil-biża'… mhux l-ewwel darba li…

IX-XIĦ: U jien, jien u ommok, aħna, aħna nidħqu... Inkredibbli. Nidħqu u nogħxew! Ma nafux għaliex – imma nidħqu u nogħxew qisna boloh!

RIENI: Tidħqu.

IX-XIĦ: Nidħqu iva.

RIENI: Tidħqu bil-biża' forsi. Intom ukoll. Għax tiftakru, għax intom ukoll minn hemm għaddejtu, mhux veru?… Hekk rabbewkom ukoll, f'xifer il-bir. Allura tidħqu wkoll. Għaliex le?

IX-XIĦ: Hekk hu. Għaliex le? Kont bsart li int tifhem, tal-anqas. U ma tlumniex sa barra…

F'daqqa waħda l-vidjowrikorder li kien fuq 'pause' jintefa, u jinstema' biss it-textix itarrax ġej mis-sett.

ALISTAIR: *(waqt li għalxejn jipprova jitfi t-televixin, jew jerġa' jsib stazzjon)* X'jiġifieri ma tlumekx! Xi tridha tifhem dik!… X'tifhem dik fuqna, Pa? X'qatt tista' tifhem?… *(jarmi r-'remote control' minn idu)* Ma missekx ħallejtha, Pa. Ma missekx.

IX-XIĦ: Naf, Alistair, aħfirli – issa naf…

RIENI *tieħu r-'remote control' u twaqqaf l-istorbju tat-televixin. Taqa' s-sikta.*

ALISTAIR: *(ħdejn il-bieb tal-bitha, wieqaf iħares 'il barra hekk li wiċċu ma jidhirx, leħen ħiemed - qed jibki?)* Le, ma tafx – ma tafx, Pa…. Lanqas int ma taf kollox. Hemm għadha… Hemm għadha, Pa.

IX-XIĦ: X'għadha hemm, Alistair?

ALISTAIR: Ma marritx…

IX-XIĦ: X'għadha hemm?…

ALISTAIR: Hemm għadha, iva. U magħha, Pa – qatt ħsibt, Pa – min hemm aktar hemm isfel magħha?… U ommi – ommi fejn marret?

IX-XIĦ: Ommok?…

ALISTAIR: Eh, fejn marret?… Hemm isfel hi wkoll, tgħid Pa – magħha? Hemm isfel, Pa? Magħha?

IX-XIĦ: Xxxx! Iskot! *(warajh sew – iqiegħed idu fuq spallejh –*

donnu jrid jgħannqu) Tibżax… Tibżax, ibni. Issa hawn jien. M'hemm xejn aktar minn xiex tibża'…

ALISTAIR: *(ixengel rasu bil-mod)* Hemm. Hemm jien, Pa. Hemm jien. Int… int ma tafx, lanqas. Hemm jien.

RIENI *għafset buttuna u tixgħel il-vidjowrikorder: il-ħsejjes tal- 'party', ilħna jkantaw "Happy Birthday, dear Alis, Happy Birthday to you!" ċapċip, tisfir, eċċ.*

Siparju bil-mod.

Tmien l-Ewwel Att

IT-TIENI ATT

Dawk li jifirħu, bħallikieku ma jifirħux,
dawk li jixtru, bħallikieku m'għandhom xejn.

1 XENA

L-istess xena. Jumejn wara.

Il-Ħadd filgħodu. Jinstemgħu xi qniepen, imma ’il bogħod.

Kollox l-istess bħal qabel, biss issa l-post hu nadif tazza u fuq il-bank tal-kċina hemm forn majkrowejv f’rokna tal-fuklar u magna tal-kafè tal-elettriku bil-kafè lest ġo karaffa tal-ħġieġ. L-apparat tat-telefown inbidel ukoll ma’ apparat aktar modern.

Jidħol ALISTAIR *mil-lemin. Għadu jqum u liebes flokk ta’ taħt tas-sajf u qalziet qasir ikkulurit ta’ paġama ħafifa. Jersaq lejn il-kċina u jaqbad flixkun tal-plastik bl-ilma u jkun se jagħmel il-mishun fil-kitla meta jintebaħ bil-magna tal-kafè. Jersaq ixammem, imbagħad iħares madwaru, donnu jistenna jara l*ix-XIĦ. *Jieħu magg u jibda jferra’ l-kafè.*

Jidħol IX-XIĦ *minn barra; ġej mill-quddies u għandu mazz gazzetti f’idu u kaxxa bil-pasti.*

IX-XIĦ: Poġġi; issa nġiblek jien.

ALISTAIR: M’hemmx għalfejn. Naf nagħmel kafè.

Iferra' l-kafè u jmur mal-mejda. IX-XIĦ *ipoġġi l-kaxxa pasti fuq il-mejda u jiftaħha.*

IX-XIĦ: Ħu. Ħarġet ġurnata tal-għaġeb wara lejl bħal dak! Ta’ min wieħed joħroġ ftit passiġġata sal-wied! Jagħmillek tajjeb. Hemm riħa ta’ ħamrija mxarrba taqsamlek qalbek.

ALISTAIR*, donnu ma semgħux, jieħu belgħa kafè.*

ALISTAIR: *(mument ta’ paniku)* Da’ bl-ilma tal-bir għamiltu?

IX-XIĦ: U x’tal-bir!… *(iżda dlonk aktar prudenti)* Le, b’tal-flixkun, tal-flixkun.

IX-XIĦ *idur lejn il-mejda jqalleb il-gazzetti, iħares lejn il-*

'headlines' imbagħad jagħżel sewwa gazzetta minn fosthom u jagħtiha lil ALISTAIR. *Dan jaċċettaha bla ħsieb u jkun diġà fetaħha għall-paġna ppreferita tiegħu meta jintebaħ kemm qisu diġà qed jeħodha bi drawwa. Jitlaqha fuq il-mejda. Iħares lejn* IX-XIĦ *li dar lura lejn il-kċina u fetaħ il-friġġ biex joħroġ il-lariġ magħsur u l-butir.*

ALISTAIR: *(itiegħem il-kafè)* Michael għadu ma qamx?

IX-XIĦ: Qas daħal m'għadu sa fejn naf jien.

ALISTAIR: Għamel lejl sħiħ barra?

IX-XIĦ: Is-Sibt kien ilbieraħ, le?

ALISTAIR *ikun se jgħid xi ħaġa, iżda minflok jaqbad il-gazzetta u jiftaħha bil-herra.*

ALISTAIR: *(jgħidha)* Il-Ma kienet tgħidlu xi ħaġa żgur.

IX-XIĦ, *tweġiba fil-ponta ta' lsienu, imma jrażżanha. Jixgħel il-majkrowejv, imbagħad imur jixrob ftit kafè waqt li jagħti ħarsa ħafifa lejn il-gazzetti. Pawsa.*

ALISTAIR *iressaq il-kaxxa bil-pasti lejh u jagħżel kannol. Imbagħad iħares fit-tul lejn* IX-XIĦ.

ALISTAIR: Ma niftakrekx hekk.

IX-XIĦ: *(bla ma jgħolli ħarstu)* Hekk kif?

ALISTAIR: Hekk: donnok taf xi trid, taf x'int tagħmel. Ma niftakrekx hekk.

IX-XIĦ: Illum, il-Ħadd imqaddes? Nerġgħu nibdew fuq hekk?

ALISTAIR *xorta donnu għadu jistenna tweġiba.*

IX-XIĦ: Ma kinitx tħallini nkun hekk. Ma stajtx inkun.

ALISTAIR: U issa tista'.

IX-XIĦ: Qed nipprova.

ALISTAIR: U taf xi trid?

IX-XIĦ: Naħseb.

ALISTAIR: Għadek m'għedtilniex x'ġejt tagħmel…

Idoqq il-'buzzer' tal-majkrowejv.

IX-XIĦ *jiftaħ il-forn u joħroġ platt bil-bajd, bejken u towst. Jieħdu u jpoġġih quddiem* ALISTAIR.

ALISTAIR: Għedtlek – m'iniex imdorri nieħu brekfast filgħodu…

IX-XIĦ: Ilbieraħ ħadtu.

ALISTAIR: Il-bajda biss.

IX-XIĦ: U biċċtejn towst.

ALISTAIR: Biċċa waħda…

IX-XIĦ: U llum forsi tieħu l-oħra!

IX-XIĦ *imur lura jġib il-larinġ magħsur.* ALISTAIR *iwarrab il-platt minn quddiemu u jerġa' jiftaħ il-gazzetta.* IX-XIĦ *xorta jpoġġilu l-larinġ magħsur ħdejh u jmur lura bilwieqfa mal-bank, jaqra l-gazzetta. Wara ftit* ALISTAIR, *donnu bla ħsieb, jieħu l-larinġ magħsur u jixrob. Ftit wara jieħu biċċa towst u jkompli jaqra.*

Jinstema' jinfetaħ f'daqqa l-bieb tal-kantina. Ftit sekondi wara, mitfugħin 'il fuq mit-taraġ, jidhru ħerġin żewġ 'boots' ta' raġel u, ftit wara, ġlekk.

Jitla' MICHAEL *minn isfel. Liebes xi ftit diżutli, donnu raqad bil-ħwejjeġ b'kollox, u għandu bżonn tqaxxira leħja sew.*

MICHAEL: X'ħin hu?

ALISTAIR: Mela int hawn? Fi x'ħin dħalt?

MICHAEL: X'ħin hu? *(joħroġ lejn il-bieb tal-bitħa)* Ibbnazza jew?

IX-XIĦ: L-għaxra neqsin għoxrin. *(imur jippreparalu l-kolazzjon)* Forsi tagħmel xi ħalba oħra.

ALISTAIR: X'għamilt bl-arloġġ? Lgħabtu wkoll?

MICHAEL: Mhix affarik. *(jagħti ħarsa sew 'il barra – sodisfatt)* Ħe! Ħe! Agħmel, ja xita agħmel, ħalli jikber il-ħaxu!

Ipoġġi mal-mejda. Jieħu l-kafè ta' ALISTAIR *u jixorbu waqt li jeħodlu wkoll xi folji mill-gazzetta.* ALISTAIR *jarah se jħarislu wkoll lejn il-platt bl-ikel u dlonk jiġbdu lejh.*

MICHAEL: X'għamlu s-Sirens? Kif spiċċaw?

IX-XIĦ: *(mill-kċina)* Għandujkun tilfu…

Tokki ta' qanpiena tal-knisja.

MICHAEL: X'tilfu – kienu tlieta minn fuq!… *(jaqra fil-paġna tal-isports)* Ara ħaqq dik il-qaħba!… Ma tiġinix waħda tajba!

IX-XIĦ: Ejja, biżżejjed ara! –Trid tieħu xi ħaġa?

MICHAEL: Xiex? Int lili qed tgħid biżżejjed?

IX-XIĦ: X'se tieħu?

MICHAEL: U agħmel int! – Dik tal-għaxra li qed iddoqq?

ALISTAIR: Xiex?

MICHAEL: Il-quddies, xiex!

ALISTAIR: Għaliex? Tgħidlix sejjer il-quddies int ukoll!

MICHAEL: Għaliex le – jekk irrid immur, immur – għaliex le? Din Malta kattolka għadha, mhux l-Amerka saħta t'Alla tiegħek!

ALISTAIR: Iva, għax hawn aktar Insara ħżiena Malta milli Nsara tajbin l-Amerka, minn daqshekk veru!

MICHAEL: Lilek baqgħu ma kkonvertewx!

ALISTAIR: Għaliex, min ikkonvertiek lilek? Rieni?

MICHAEL: Rieni – u aktar milli tobsor int! U forsi PJ jasal jikkonvertini xi ftit ieħor ukoll illum! Basta nroxxlu ftit ilma mbierek.

ALISTAIR: Trid titmejjel int…

MICHAEL: Le, nitnejjek irrid! Imma veru. Qaluli li jekk irrid inkellmu l-aħjar nipprova naqbdu l-Ħadd filgħodu. Dejjem imur tal-ħdax San Pawl. …Jekk ma jkunx hemm tiġrijiet il-Marsa. Ikolli ngħid iħassrulhom dalgħodu wara dik id-dilluvju dal-lejl. Jalla jerġa' jagħmel!

ALISTAIR: Tgħid mhux għax titlob għax-xita int.

IX-XIĦ *iġib platt bil-kolazzjon ta'* MICHAEL *u jpoġġilu gazzetta ħdejh.*

MICHAEL: Grazzi, Xiħ! M'hawnx għalik int!

ALISTAIR: Isma' l-ieħor issa! Waqa' l-ass!

IX-XIĦ *ma jagħtix kas u jerġa' jmur jaqra l-gazzetta. Jixgħel ir-radju, imma jżomm il-mużika baxxa; għana folkloristiku.*

MICHAEL: *(iqalleb il-gazzetta l-oħra)* Tgħid ta' dawn ibbiddluhom ir-riżultati tal-waterpolo? Tgħid hemm xi ċans? Eh, kieku tajjeb? Dawn jirrappurtaw rebħa għall-partitarji tagħhom – u l-oħrajn jgħidu li rebħu tagħhom – hekk, biex ħadd ma jiġġieled. Dik tkun solidarjetà!… Leee! Ma tarax!… Imma għad naslu – għad naslu! Xi tgħid, Xiħ?

IX-XIĦ: Ma niskantax – ma niskanta xejn.

ALISTAIR *ixengel rasu. Silenzju għal ftit sekondi.*

MICHAEL: *(lil* ALISTAIR*)* Għalfejn dal-gdiedem miegħu, int? Wara kollox, issa li hemm hemm. Aħfer u insa. Hekk jew hekk, ix-Xiħa, dik marret u dabbret rasha; m'hemmx għalfejn aktar mutetti miegħu. Biġġel, biġġel għax iż-żmien ibiddel, sieħeb.

ALISTAIR: X'int tgħid?…

MICHAEL: Biġġel! Qed ngħidlek. Jien, hekk jew hekk, ibda biex, qatt ma tajtu t-tort kollu sa barra jien…

ALISTAIR: Le – tassew – mhux sa barra! Sirt veru Kristjan int f'daqqa waħda! Rajt id-dawl sa fl-aħħar!

MICHAEL: U mela – toqgħod twaħħal fih – dejjem fih – tal-problemi tiegħek! Kun ottimist! Aħseb fil-futur!

ALISTAIR: Issa tassew qed tbeżżagħni. Għandek xi ħaġa f'moħħok int, tgħidlix…

MICHAEL: U intant f'moħħi!… Iva x'għandi?

ALISTAIR: Xi ħaġa. U għandhom x'jaqsmu l-flus, tiġix tgħidli.

MICHAEL: Il-flus – il-flus! Minn daqshekk…

ALISTAIR: Għalfejn dil-premura kollha biex tara lil PJ? X'inhi din l-affari urġenti miegħu?

MICHAEL: *(iħares lejh, donnu jaħsibha għandux jgħidlu)* Iva… mela. Għax fejn jidħlu l-flus, ħa ngħidlek, bilfors trid… *(iħares lejn* IX-XIĦ *u jinduna li qed jisma' attent – jerġa' jibdielu)* Imma le, mhux għalissa, dalwaqt, imma mhux għalissa. Ara, int għax ma tiġix miegħi dalgħodu?

ALISTAIR: Fejn? Il-quddies?…

MICHAEL: U l-quddies, il-quddies… Jekk trid noqogħdu nistennewh barra! Imma l-ewwel irrid inkellmek … rasi u rasek.

ALISTAIR: *(iħares lejh)* Le. Grazzi. Aħjar le.

MICHAEL: Għaliex le? *(ibaxxi leħnu)* Din tinteressa lilek daqs kemm tinteressa lili. Għedtlu x-Xiħ li għandek bżonn il-flus? U... flus ta' veru? Eh?

ALISTAIR: Aħjar le. M'hemmx għaġla. Hekk jew hekk, jekk din xi oħra minn tiegħek, anqas ma nsir naf, aħjar.

MICHAEL: Agħmel int! Wara kollox m'għandix bżonnok! Fejn qatt sibtek lilek wara kollox! *(iqum u jagħmel biex joħroġ)* Agħmel int! Jien sejjer inqaxxarha.

ALISTAIR: Biex dieħel il-Belt, b'tal-linja? Jew ma' Rieni?

MICHAEL: Ma' Rieni. Għaliex?

ALISTAIR: Taqtagħni sal-Bombi?

MICHAEL: Naqtgħek sal-Belt. Basta tkun lest.

ALISTAIR: OK.

MICHAEL *joħroġ.*

ALISTAIR *iqum u jkun se joħroġ warajh imbagħad donnu jiftakar fix-*XIĦ. *Jiġbor il-platti vojta mill-mejda u jmur iqegħidhomlu fis-sink.*

IX-XIĦ: *(iniżżel il-gazzetta)* Ħalli Alistair; issa nieħu ħsieb jien.

ALISTAIR: Jekk trid daqqa t'id…

IX-XIĦ: U le, mur! Mur biddel.

ALISTAIR: OK. Thanks.

ALISTAIR *idur u jmur biex joħroġ. Idur lura donnu qed jaħsibha għandux jgħidlu xi ħaġa oħra, iżda hekk kif donnu jiddeċiedi li jiftaħ ħalqu,* RIENI *titla' kuta kuta mit-taraġ talkantina u titfaċċa taħt l-arkata.*

Maħsud, ALISTAIR *jieqaf iħares lejha. Tidher għadha kemm qamet; il-'make-up' imżelleġ, il-libsa mkedda tal-party talbieraħ u xagħarha mħabbel jagħtuha dehra diżutli, hekk li ftit baqagħlha mis-sofistikaġni tas-soltu.*

RIENI: *(la xtaqitu jaraha hekk u lanqas hemm, imma ma tridx turi)* Hi!

ALISTAIR *sa fl-aħħar jiċċaqlaq u jħaffef joħroġ bla kliem xejn.*

RIENI: Bonġu lilek ukoll!

Tara li X-XIĦ *ukoll baqa' wieqaf iħares lejha.*

RIENI: Iva x'jien jien, il-Medusa? M'iniex daqshekk kerha, come on!

IX-XIĦ: *(jiċċaqlaq)* Bonġu. X'tieħu? Kafè?

RIENI: Iswed. Tlieta zokkor, please.

RIENI *tmur tpoġġi mal-bank.*

Pawsa.

RIENI: *(biex tkun qalet xi ħaġa)* Għamluh sabiħ hemm isfel ukoll.

IX-XIĦ: Għadni ma nżiltx.

RIENI: Ma rajtux? Hemm il-kobor ukoll!

IX-XIĦ: Naf. Niftakar.

RIENI: Michael qal li kellu ħsieb jagħmel appartament sħiħ għalih hemm isfel.

IX-XIĦ: Hekk qallek?

RIENI: Separat naturalment. Irid jagħlaq dan il-bieb u jħalli l-ieħor biss, fuq barra, biex żgur ikun maqtugħ kompletament. *(bi sfida)* Il-kamra tas-sodda biss leħaq lesta imma. Tal-anqas konsistenti fil-prijoritajiet tiegħu, ma taħsibx?

IX-XIĦ: *(jagħtiha l-kafè)* Tlieta zokkor?

RIENI: Tlieta. Diplomatiku wkoll int. Ara kieku kont jien kont nistaqsi: U tiegħek: x'inhuma l-prijoritajiet tiegħek, Sinjorina? Le – mhux int imma, għax int diplomatiku. Don ieħor li wliedek m'għandhomx. Int żgur li int missierhom?

IX-XIĦ: Żgur.

RIENI: U kavalleresk ukoll. Sa l-aħħar – u minkejja kollox. Tal-għaġeb!

IX-XIĦ: Le, il-verità biss.

RIENI: X'inhi l-verità – staqsa Pilatu. *(tixrob ftit kafè – imbagħad)* Tinnota kif Ġesù kien l-uniku li seta' jagħtina r-risposta definittiva u baqa' ma weġibx? Tgħid għaliex?

IX-XIĦ: Ġesù kien il-verità.

RIENI: U għadek temmen – minkejja kollox.

IX-XIĦ: Minkejja kollox. Tgħidlix studjajt il-filosofija int ukoll...

RIENI: Le, għamiltha m'ibnek. M'ibnek l-ieħor. Dak li jistaqsi ħafna, imma jistaqsi biss.

IX-XIĦ: Dejjem xtaqt stajt nistudja l-filosofija. Tal-anqas hu studjaha floki.

RIENI: Ma tantx jidher li għamlitu ferħan b'dak li skopra.

IX-XIĦ: X'taħseb li seta' jagħmlu ferħan?

RIENI: Jien żgur ma stajtx.

Pawsa qasira.

IX-XIĦ: Ħalliek tipprova?

Pawsa qasira.

RIENI: Ħallini. Ma stajtx.

IX-XIĦ: U Michael?…

RIENI: Michael?… Forsi żerżaqt xi ftit il-maskra tad-diplomazija, jew sejra mqarrqa? *(tieħu nifs)* Michael… Iva, dak issa jaħseb li stenbaħ minn raqda twila. Issa sa fl-aħħar jaħseb li jista' jagħmel kollox. Skopra l-Amerka. Miskin.

IX-XIĦ: U Alistair?… Skoprieha l-Amerka?

RIENI: Ooops! Hemm int! Bye-bye, maskra! *(pawsa waqt li tixrob il-kafè, imbagħad)* Alistair ma naħsibx li messu ġie lura hawn, ma jidhirlekx?

IX-XIĦ: X'għedt li jismek int?

RIENI: Rieni.

IX-XIĦ: Rieni biss?

RIENI: Rieni… Irene, insomma. Dik tar-radju, filgħaxija, fuq l-RTS. Qatt ma smajtu l-programm tiegħi?

IX-XIĦ: *(ixejjer rasu: 'le')*

RIENI: Għaliex, ma kontx taf? Ħadd ma qallek min jien?

IX-XIĦ: *(l-istess)*.

RIENI: Ħadd. U int ma staqsejthomx?

IX-XIĦ: *(l-istess)*.

RIENI: Naturalment. Għax magħhom diplomatiku dejjem int. Diplomatiku żżejjed però forsi. Mhux dejjem ħaġa tajba. Irid ikun hemm żmien, jiġi waqt meta tgħid: Issa biżżejjed!… Meta ddur fuqhom u tgħidilhom: Ja qatta għażżenin, ja qatta bgħula bla sinsla, min hi din it-tfajla li daħħaltuli f'dari? Min hi din il-qaħba li raqdet hawn taħt is-saqaf tiegħi dal-lejl? B'liema dritt?

IX-XIĦ: Jien m'għandix dritt.

RIENI: Int missierhom, le? Tal-anqas tgħid li int missierhom!

IX-XIĦ: Missierhom. Missierhom, iva! Dak ħadd ma jista' jiċħadhuli. Qatt.

RIENI: Mela allura!… Li kienet ommhom, kienet tgħidli! U kif! Qas

biss kien jissogra jressaqni 'l hawn Michael kieku, ibqa' ċert!

IX-XIĦ: Imma jien m'għandix dritt. Din mhix dari, imma darhom.

RIENI: Imma kienet tiegħek qabel, le?

IX-XIĦ: Kienet. Ċedejtilhom kollox meta tlaqt. Għax hekk riedet hi…

RIENI: Ġegħlitek? Ħallejtha teħodlok kollox?

IX-XIĦ: Kollox.

RIENI: …Kollox?

IX-XIĦ: Kollox: l-art, il-bhejjem, ir-razzett, il-ftit flus, … U t-tfal. Kollox.

RIENI: Qaxxritek ħaj!

IX-XIĦ: Kellha dritt. Kien tort tiegħi. Kont ħliftilha. Qarraqt biha imma. U bihom. Kien ġust li jkun hekk.

RIENI: Kulħadd jiżbalja. Kieku kelli nħallas jien tal-iżbalji tiegħi kollha!… Iġibuni sabiħa kieku! Altru milli Medusa!

IX-XIĦ: Ippruvajt inħallas – inpatti. Kont nibgħatilha ċekk kull xahar. Imma qatt ma sarrfithom. Tal-anqas, sa tliet xhur ilu.

RIENI: Tliet xhur ilu? Għaliex? X'ġara tliet xhur ilu?

Jidħol MICHAEL. *Għamel xagħru u biddel biex joħroġ. F'idu għandu electric shaver u mera.*

MICHAEL: Jimporta nużaha din, Xiħ? Tiegħi saret ma taqta' xejn.

IX-XIĦ: Le, ħudha. Però żommha dejjem ipplaggjata fejn sibtha. Dik rechargeable…

MICHAEL: OK, OK. Naf!

RIENI: Michael, kemm ilu issa meta għedtli li marritlek tajjeb dik l-affari?… Meta għedtli għamilt ftit flus ġmielhom?

MICHAEL: *(difensiv)* X'affari?…

RIENI: Xi tliet xhur ilu, meta ridt li naħarbu ħarba sa Amsterdam u kellek xi tgħid max-Xiħa? Tliet xhur ilu kien, le?

MICHAEL: Issa mhux Amsterdam sejrin. U aħjar tmur tirranġa ftit ruħek jekk ġejja magħna. Ma tafx kif PJ ifettillu jistedinna fuq il-jott tiegħu forsi.

RIENI: Magħna?… Min ġej aktar?

MICHAEL: Alistair – kemm niddroppjawh xi mkien. Ħaffef.

IX-XIĦ: Jekk tridu tistgħu tiġu tieklu lkoll hawn. Se nagħmel fenek bit-tewn u l-inbid, kif kienet tagħmlu x-Xiħa.

MICHAEL: Fenek, eh? It-tentazzjoni kbira kieku! Għalkemm fil-fatt, ma nafx qattx indunajt – kienet iżżomm idejha fl-inbid dik! Hemm ukoll!

IX-XIĦ: Indunajt, indunajt.

MICHAEL: *(lil* RIENI*)* Ħaffef! *(lix-*XIĦ, *huwa u ħiereġ)* Ibqa' ċert li jekk ma mmorrux ma' PJ, hawn niġu! *(lil* RIENI*, li ftit jidher għandha ħajra tiċċaqlaq)* Iva ħaffef ftit jekk ma tridx tibqa' l-art!

RIENI: Skużani, insejt li l-karozza issa saret tiegħek ukoll!

MICHAEL: U iva – tiegħi – tiegħek! Jekk li għandi f'moħħi jirnexxi, Porsche l-ewwel ħaġa li nixtrilek!

RIENI: Iva, nista' naħseb! Ġa qed inħossha dik iż-żiffa friska, friska ma' wiċċi, xagħri jittajjar mar-riħ, l-arja pura tal-konkrit, siment u diesel timlieli mnifsejja! …L-arja biss imma għandek s'issa.

MICHAEL: Hemm int! Bħall-oħrajn! Ma ttinix nitfa fiduċja, inkorraġġiment! Imma għad nurikom, nurikom ilkoll! Ibq'hawn jekk trid! *(joħroġ).*

RIENI *tintefa' mal-bank bla ħajra. Tiftaf il-'handbag' u toħroġ xi affarijiet tal-make-up.*

IX-XIĦ: Għandek ċans tiekol xi ħaġa? Nagħmillek?…

RIENI: Le! Ma rrid xejn!

IX-XIĦ *idur u jibda jipprepara għall-ikla ta' nofsinhar. Joħroġ il-fenek mill-friġġ, xi borma kbira, xi ftit tewn, flixkun inbid,*

eċċ, u jibda jferra' l-inbid fil-borma. Imbagħad iqatta' xi sinniet tat-tewn, jgħaffiġhom u jqaxxarhom. Kultant jittawwal 'il barra mit-tieqa.

RIENI: Skużani. M'għandix għalfejn neħodha miegħek wara kollox. Mhux ħtija tiegħek li ġibthom fid-dinja. Li saru kif saru.

IX-XIĦ: Le. Imma r-responsabbiltà tibqa'. Iġibu kunjomok, demmek jiġri ġol-vini tagħhom, u xi ftit tal-ħtija tiegħek dejjem tingħaġen ma' laħamhom. Trid jew ma tridx. U huma dejjem lesti jfakkruk kemm inqasthom. Ma jinsewx. L-ulied l-eħrex inkwiżituri.

RIENI: *(tagħmel il-lipstick)* Għax huma l-mera tiegħek, mera ħajja li ma tigdibx. Min qalha dik?...

IX-XIĦ: Ma nafx. Dak qisu kliem biss. Filosofija tal-popolin…

RIENI: Grazzi! Lil Alistair imissek tgħid.

IX-XIĦ: …Idoqq tajjeb għall-widna kieku, imma ma nafx kemm jista' fih verità.

RIENI: Appuntu. Imma l-verità x'inhi?

IX-XIĦ: Appuntu.

Ħoss minn barra donnu ta' xi magni jew makkinarju kbir qed jibda jitħaddem. IX-XIĦ *imur lejn it-tieqa – jittawwal 'il barra.*

RIENI: X'ġara?

IX-XIĦ: Dak il-krejn; u deħlin bil-gafef hemm isfel ukoll. Naħseb li se jibdew iwaqqgħu l-lukanda.

RIENI: Illum? Il-Ħadd?

IX-XIĦ: Hekk donnu.

RIENI: Jgħidu se tinbena oħra five-star flokha jekk ituhom permess. Qas temmen. Qas ħaqq dawk l-eluf li nefqu.

Ikollha tieqaf għax l-istorbju tal-magni żdied sew.

IX-XIĦ *jgħid xi ħaġa li ma tinstemax u dlonk jagħlaq it-tieqa.*

L-istorbju jonqos xi ftit.

IX-XIĦ: Qed jizzettaw il-krejn f'postu għal għada – daqt jieqfu jkolli ngħid… *(jieqaf f'daqqa – iżomm rasu donnu muġugħ)*

RIENI: *(ma ndunatx)* Sakemm mhux qegħdin bis-sahra. Għal paga doppja jaħdmu kieku...

IX-XIĦ *jitlaq kollox minn idejh, itajjar xi skutelli jew affarijiet tal-kċina fl-art hekk kif jintlewa tnejn fuq il-bank tal-kċina; jagħti karba u jagħfas idejh mal-ġenb tal-beritta madwar nagħsu.*

RIENI: X'ġara? X'għandek! Qed iħossok ħażin?

IX-XIĦ: Le… xejn… Xejn!…

RIENI: *(tersaq u tipprova twieżnu – tgħajjat)* Alistair! Alistair!

IX-XIĦ: Le – ħalli… ħallihom… Daqt jgħaddili…

RIENI: Alistair! Michael!

IX-XIĦ: Ħalli – mhi xejn… *(jidher qed jistejqer)* Issejjaħilhomx!

RIENI *ssejjaħ, tgħinu jersaq lejn siġġu mal-mejda.*

IX-XIĦ: Mhi xejn. Issejjaħilhomx qed ngħidlek !... Tazz' ilma biss…

RIENI:Tqumx minn hemm. *(issejjaħ)* Michael!

MICHAEL *dlonk jitfaċċa mill-bieb tax-xellug, liebes u lest biex joħroġ. Warajh jidħol sparat* ALISTAIR, *ħafi u bilkemm liebes jeans, xagħru mxarrab għasra għax kien fid-doċċa.*

MICHAEL: X'ġara dan l-għajjat?

IX-XIĦ: Xejn – ma ġara xejn. *(qed jgħaddilu – jibda jqum)*

RIENI: Poġġi! *(lil* MICHAEL*)* Missierek – m'intix tara? Ma nafx x'taf. Kien qed iħossu ħażin!

IX-XIĦ: Le, xejn… Mhu xejn.

ALISTAIR: Kif xejn?… *(lil* RIENI*)* X'ġaralu? X'għandu?

RIENI: Fejn naf x'għandu? Dak mhux missieri! Beda jżomm rasu u jokrob…

IX-XIĦ: *(qam bilwieqfa – jibda jidher li qisu qatt ma kien xejn)* Le

– xejn – qed tara! Daqsxejn weġgħa. Darba kultant… darba kultant tiġi, hekk, bħal sajjetta fil-bnazzi. Ilha snin twal issa – mhi xejn imma.

ALISTAIR: Snin twal?…

IX-XIĦ: *(b'nofs daħqa)* Twal ħafna! Minn meta taret il-kamra tannar! Ħadd qatt m'għaraf jispjegaha wara.

RIENI: Rajt tobba? Professuri?...

MICHAEL *isib il-kaxxa bil-pasti u jieħu kannol*

IX-XIĦ: Rajt fuq li rajt. Imma mhi xejn qaluli. Le, mhux tumur – naf x'qed taħseb – u lanqas kanser! *(iqum u jmur lejn il-kċina; iferra' ftit ilma u jixrob)* Xejn. Aħjar taraw x'ħin sar. *(lil* ALISTAIR*, bl-aħrax)* Hemm x'int liebes!?

ALISTAIR: Iva jien intik f'għajnejk!

MICHAEL: *(lil* RIENI*)* U int x'qed tistenna? Dal-plejtu kollu… Aħjar tħaffu jekk ġejjin.

RIENI: Plejtu? Se titlaq 'il barra bla ma tara x'għandu missierek? Se tħalluh waħdu? Għax ma tiħduhx il-klinik?

MICHAEL: Imma x'għandu f'ġieħ kemm hemm?…

IX-XIĦ: Xejn! Morru – m'hemmx għalfejn toqogħdu dduru bija! *(kważi jirrabja ma'* RIENI*)* M'għandi xejn! Morru jekk għandkom tmorru.

MICHAEL: *(lil* RIENI*)* M'għandu xejn! Qed tisma'? Ħaffef. Ċaqlaq.

RIENI: Int toqgħod tikkmandani u tgħajjat miegħi xejn. Ara – m'għandix moħħ PJ dalgħodu, la trid taf. Ma rridx immur

MICHAEL: Xiex? Ma tridx tigi?

RIENI: Le. Aħjar ma niġi xejn...

MICHAEL: Eh, ma tridx? Tajjeb. Agħmel int. Jien sejjer. Aktar jien!…

ALISTAIR: Michael, stenna ftit! Jien ġej…

MICHAEL: X'ġej int! Hekk – nofsok għarwien! Mur b'tal-linja jekk trid!

RIENI: Mur int b'tal-linja. Il-karozza tiegħi wara kollox!… Mur – mur il-quddies! Mur għidlu ġakulatorja lill-alla tiegħek!

MICHAEL: *(kien ħiereġ - imma fakkritu – idur u jmur ifittex il-handbag tagħha fuq is-sufan)* Fejnhom iċ-ċwievet?

RIENI: Sibhom jekk tridhom!

Imma dlonk jgħaddilha ħsieb u tiġri għall-handbag.

RIENI: Ħalli – issa ntihomlok jien!…

MICHAEL *jimbuttaha minn miegħu u* RIENI *taqa' fuq is-sufan. Isib iċ-ċwievet u b'daħqa ta' żuffjett, jitfagħlha l-handbag lura fuqha. Minnu jaqaw bosta affarijiet: lipstik, kaxxetta tal-'make-up', xi pinnoli ta' għamliet differenti u l-vidjow.*

MICHAEL: Xi ħsibtni, se neħodlok xi waħda mill-pirmli tiegħek! Kieku jafu s-semmiegħa tiegħek xi trid tagħmel int biex torqod!… Ċaw, bella – a più tardi!

Joħroġ.

RIENI *tibda tiġbor malajr l-affarijiet imxerrdin madwarha.* ALISTAIR *jersaq lejha.*

RIENI: Ħalli! M'għandix bżonnok!

Taħtaf u titfa' l-vidjow lura fil-handbag, iżda ALISTAIR *leħaq rah.*

ALISTAIR: Dak… Dak il-vidjow tiegħi?

RIENI: X'tiegħek?

ALISTAIR: Tiegħi!

RIENI: Tiegħek fil-handbag tiegħi?

ALISTAIR: Ħa nara.

RIENI: Tara xejn! ... Show me yours and I'll show you mine!

ALISTAIR *idur u jfittex il-vidjows ħdejn it-TV. Jgħodd.*

ALISTAIR: Hawn wieħed nieqes… Tihuli, Rieni.

RIENI: Għaliex – fih xi ħaġa ħażina?

ALISTAIR: Ma tafx?

RIENI: Ili li għalaqthom il-wieħed u għoxrin issa…

ALISTAIR: Tihuli.

RIENI: *(tgħolli spallejha)* Ħudu la tridu. Kont se nissellfu. Ma tridnix narah?

ALISTAIR: Għadek ma rajtux?

RIENI: Narah kif? Kont se nieħdu iss'issa… Staqsi x-Xiħ.

ALISTAIR *iħares lejn missieru.*

IX-XIĦ: Xiex? Għedtilha jien li aħjar tistaqsi lilek…

RIENI: Right! U kont se nistaqsik jien! Għalfejn dal-misteri? Ma nistax narah? X'fih?

ALISTAIR *mhux konvint; jaqbad il-vidjows l-oħrajn u jibda ħiereġ bihom.*

ALISTAIR: Darb'oħra tmiss xejn. Din mhix darek! Tbagħbas xejn!

RIENI: Hi, inbagħbas – xi tridni nbagħbaslek! Skużani, ma kontx naf li sirt daqshekk sensittiv! U possessiv! Ara ħuk mhux bħalek…

ALISTAIR: Ma rridx naf aktar fuq ħija! Aqtagħha darba għal dejjem! Ma rrid naf xejn! *(joħroġ kważi mbikkem)*

IX-XIĦ *imur ipoġġi. Ma jaħbix aktar li mhux iħossu f'sikktu għal kollox..*

IX-XIĦ: Ma missekx, Rieni. Għaliex tieħdu dejjem hekk?

RIENI: …Għax iġegħilni! Għax iqajjimli ġismi xewk xewk. Ma nkunx irrid! *(tgħaddas rasha bejn idejha)* Ma nafx għaliex – ma nafx – ma nafx, ma nafx, ma nafx… *(tibqa' rasha hekk – imma jekk qed tibki, ma turix)* Ma' mitt barrani fuq it-telefown, qisni mhux jien – elf kelma ta' faraġ insib – Mogħdrija rħisa… Għaliex? Wiċċ imb wiċċ imbagħad, speċjalment miegħu, għaliex il-kliem jiġini hekk aħrax, hekk jaqta'?…

Pawsa qasira.

RIENI: *(tgħolli rasha)* Min jaf għaliex? Tajjeb, xi trid tagħmel. Magħmul ieħor x'niskonġraw – imur mal-oħrajn! *(tqum fuq saqajha, trid ittajjar il-ħsieb, kif imdorrija tagħmel)* Allura! Milli jidher se jħalluna l-art – lili u lilek! X'għandna għall-ikel? *(Taqbad pasta mill-kaxxa fuq il-mejda u tmur biha lejn il-kċina. Tgħolli l-għatu ta' borma.)* Dak il-fenek ilek ma tħanxarhielu jew? *(Iddur lejh - tibla' u tiekol il-pasta f'bukkun wieħed.)*

Dlam.

2 XENA

Xi sigħat wara.

ALISTAIR *għadu bil-'jeans' ta' qabel, iżda milbusha fuqhom minn barra għandu ġakketta twila ħafifa tal-ħarir, speċi ta' 'Nehru jacket' kollha kulur u rakkmu. Jinsab għarkupptejh mat-tavolina tas-salott fejn għandu mifruxa faxx folji kbar u xi lapsijiet tat-tpinġija, tejp tal-kejl, eċċ.*

Quddiemu għandu wkoll xi katalgi kbar tal-ħwejjeġ tannisa li kultant iħares lejhom u jqalleb fihom, kultant ipinġi u jiddisinja fuq il-karti quddiemu. Ħdejn saqajh hemm bagoll kbir ikkulurit, l-għatu mbexxaq, hekk li jidhru ħerġin minnu xi bċejjeċ ta' drapp, crêpe de Chine, organza, eċċ.

Mużika klassika fuq ir-radju.

ALISTAIR *jidher differenti minn kif rajnieh s'issa. Għallewwel darba jidher kuntent, mimli ħeġġa u bla ħsibijiet ta' xejn. Iħażżeż fuq il-karta, kultant jeħel, kultant ispirat. Idur lejn il-bagoll, iqalleb fil-bċejjeċ ta' drapp sakemm isib biċċa ħarir trasparenti lewn lelà, organza; jerfagħha u jħares lejha b'apprezzament u għoġba. Joħroġ mera mdaqqsa mill-bagoll, iwaqqafha quddiemu fuq it-tavolina, imbagħad ipoġġi d-drapp madwar għonqu. Rasu lura, josserva l-iskullatura.*

Titfaċċa RIENI *mill-bieb tal-kantina. F'idha għandha kwadru kbir u antik b'ritratt ta' ġuvni pjuttost sabiħ u liebes ilbies*

antikwat.

ALISTAIR: Yes! Yes! YES! *(kuntent, jitlaq id-drapp fl-art u jinfexx iħażżeż)*

RIENI *tqiegħed il-kwadru mal-ħajt ħdejn l-arkata tal-kantina u tersaq tiġbor id-drapp.*

ALISTAIR *iħares lejha, jieqaf għal waqt wieħed, imbagħad ikompli qisu m'hemm ħadd.*

RIENI: *(tpoġġi d-drapp madwar għonqha)* Veru ġmiel ta' drapp! X'inhu? Georgette?

ALISTAIR: Ħarir – ħarir pur. Ma ssibx bħalu Malta dak.

RIENI: Issib…

ALISTAIR: Polijester waħdu imma. Mhux bħal dak!

RIENI: Ġibtu miegħek?

ALISTAIR: Iva. U dawk kollha. *(juri lejn il-bagoll)*

RIENI: *(minn wara spallejh)* Int iddisinjajthom dawn?

ALISTAIR *isikkitha, irid jikkonċentra fuq xogħlu.*

RIENI *titbaxxa ħdejn il-bagoll, tqalleb xi ftit fih sa ma ssib libsa li togħġobha. Toħroġha, tħares lejha, tagħmilha ma' sidirha u tħares fil-mera.*

RIENI: Xogħlok?

ALISTAIR: *(bla ma jħares)* Iva. Togħġbok?

RIENI: Bellezza!

ALISTAIR: *(iħares – kuntent)* Tassew?

RIENI: Mela! Tixraqli?

ALISTAIR: Hmm. Iva, ħafna. Id-décolletage dejjem jixraqlek lilek. Naturalment mhux b'dawk it-tkaken.

RIENI: Bojod aħjar forsi?

ALISTAIR: Ma' dik? Pumps, b'takkuna medja... Jew forsi għolja?...

(iħares lejha għal ftit, josservaha kritikament, imma dlonk jintefa' lura fuq id-disinn) Xi ħaġa hekk ikolli ngħid. X'taħseb?

RIENI *tosservah jaħdem. Donnha qed tarah għall-ewwel darba.*

RIENI: Sbieħ it-tnejn. Dik! L-għolja…. hekk aħjar!

ALISTAIR: Iva. Jew hekk… Jew sandals forsi, x'taħseb? Hekk?

RIENI: Ma nafx, it-tnejn sbieħ…

ALISTAIR: Jew tal-ġild. Ħarira disinn hawnhekk – qisu filugran… Eh?

RIENI: Tal-għaġeb! *(tqalleb il-katalgi)* Imma fejn issib min jagħmilhulek dak ix-xogħol hawn Malta?

ALISTAIR: Issib! Xi ftit nagħmlu jien… *(ftit aktar kiebi)* Imma ssib kieku. Mhux b'xejn naturalment. *(iċaqlaq spallejh – ma jridx jaħseb fuq hekk, iqalleb il-folji fejn kien qed jiddisinja*) X'jidhirlek minn din? Ara.

RIENI: Sabiħa. Dak l-istess drapp bħal din? *(turi lejn il-bagoll)*

ALISTAIR: Eżatt! Imma din bid-dahar mikxuf kważi kollu. X'taħseb; mhux aħjar?

RIENI: Forsi…

ALISTAIR: Aħjar żgur! *(jitbaxxa jqalleb fil-bagoll sa ma jsib il-libsa li jrid)* Hawn ara – hemm differenza le?… *(ipoġġilha l-libsa ma' sidirha, josservaha kritikament, waqt li jagħti daqqa t'għajn lejn id-disinn fuq il-mejda. Lura lejn il-libsa; ixejjer rasu mhux sodisfatt)* Le, le… Pas ça! Pas ça!.

RIENI: Tridnix nippruvaha? Tiġini tidher.

ALISTAIR: Ma nafx. Nixtieq naraha fuq xi ħadd kieku. Għadni ma sibtx min jimmudellali…

RIENI: Hemm int – sibt lili! Għandek lili manekin illum. Jew forsi veru ħoxna wisq jien?

ALISTAIR: Le, mhux għalhekk…

RIENI: OK mela. Din magħmula għalija. Mill-ewwel għoġbitni! Issa tara.

Tersaq fid-daħla tal-kantina, tinżel xi tarġiet u tibda tbiddel hemm.

ALISTAIR: Fejn hu x-Xiħ?

RIENI: Ħallejtu jistrieħ.

ALISTAIR *iħares lejha għal ftit, imbagħad idur lura lejn il-bagoll u joħroġ kaxxetta minn ġo fiha.*

ALISTAIR: Għandi l-aċċessorji li jmorru magħha. Il-kappell iddisinjajtu wkoll, imma ma stajtx naffordja nagħmlu. *(joħroġ mazz disinji llegati fi ktejjeb)* Hawn, issa arah ftit – għidli x'jidhirlek. U dawn – ilbes dawn…

Joħroġ brazzuletti u xi ġiżirana u msielet u jagħtihom lil RIENI *waqt li hi ddur u tagħtih daharha biex jaqflilha ż-żipp.*

RIENI *tersaq lejn il-mera.*

RIENI: X'taħseb, togħġbok?

ALISTAIR: *(mhux konvint)* Iva… naħseb. *(ilibbisha l-brazzuletti)* Imma dak iż-żipp… daż-żipp kien żball! Non! Non! Non! *(ħin bla waqt jerġa' jdur u jħoll iż-żipp u jniżżlu sa qaddha)* Voilà! *(jitni d-drapp fi ġmiegħ żgħar, żgħar hekk li jħalli biċċa sew mid-dahar mikxuf)* Hekk irid ikun! X'jidhirlek issa? Hekk! Bellezza! *(iħares sodisfatt, imbagħad idur lejn id-disinn u jibda jpinġi)* Tiċċaqlaqx, mument wieħed! Kont naf, kont naf li din kienet se tirnexxi!

RIENI: *(tosservah)* X'ġejt tagħmel lura hawn, Alistair?

ALISTAIR: Din kienet l-ewwel waħda. *(imma bdiet iġġibu lura għar-realtà)* Il-linja Galatea... Kellha tkun il-bidu ta' linja ġdida – Il-Galatea.

RIENI: ...Għidli. X'kien jonqsok hawn li ma kellekx hemm?

ALISTAIR: *(bla ma jgħolli rasu)* Int fejn taf x'kelli hemm jien.

RIENI: Nimmaġina.

Pawsa

ALISTAIR: Int rajtu l-vidjow, hux veru? Għid il-verità issa.

RIENI: Rajtu. Għalhekk, x'ġejt tagħmel hawn?

ALISTAIR: Kieku ngħidlek… *(lesta d-disinn; iniżżel il-lapes)*

RIENI: Hawn ma jistax ikollok li kellek hemm. Hawn xejn ma jinbidel, Alistair.

ALISTAIR: Le, hawn infern ieħor. Iċken – iżgħar – imma għalhekk agħar.

RIENI: Safrattant ġejt lura.

ALISTAIR: Hawn l-infern li nafu bih u nsejħulu ġenna. Hemm infern magħruf, imma aċċettat, u l-qrusa tista' tittaffa. *(jagħlaq il-bagoll)* Hawn imma, hawn inlibbsuha żigarelli u ngħattuha bil-bellus, ninfurrawha biex il-ġilda ma trabbix il-kallu, u kappell tal-okkażjoni, mikri jekk hemm bżonn... hawn! U nkomplu ntaqqluha, basta tidher sabiħa minn barra.

RIENI: U hemm?…

ALISTAIR: Hemm nafu li għarwenin kif ħalaqna Alla. U xorta ngħixu. U nippruvaw ngħixu, minkejja kollox.

RIENI: U int tipprova tlibbes lill-għarwenin.

ALISTAIR: Jien inseddaq biss is-sbuħija! Il-verità kif inhi.

RIENI: Tipprova twettaq l-aqwa arti – arti tant perfetta li ma tingħarafx li hija arti.

ALISTAIR: Arti tant perfetta li saħansitra tostor li hija arti. Issir sbuħija pura. Vera. Tal-anqas għal mument wieħed. Galatea – statwa tad-demm u l-laħam, ta' sbuħija bla qies.

RIENI: Bla ma qatt tista' tmissha imma; bla ma tissogra tgħannaqha. U għalhekk ġejt lura. Għax wasalt tant viċin, u xorta ma stajtx tilħaqha….

ALISTAIR: Le, mhux għalhekk.

RIENI: Għaliex, mela? Mhix sempliċi kurżità din, Alistair, emminni.

ALISTAIR: Għaliex, għaliex!…

RIENI Ma tistax tafdani – tal-anqas lili? Jew tippreferi nkunlek biss manikin? Nagħlaq ħalqi?

ALISTAIR: Kulħadd irid jaf għaliex! ...Kelli bżonn il-flus, OK?

RIENI: *(ma stennithiex – forsi ma temminx) I*l-flus?…

ALISTAIR: Il-flus, il-flus iva, għaliex le! Kulħadd irid il-flus, għaliex m'għandix irridhom jien ukoll?… Kelli ħolm kbir, OK? Trid taf x'ridt aktar? Ridt dar tal-moda – The Alis House of Fashion – b'disinji tiegħi – disinji Unisex – disinji ta' nies perfetti! Ħames snin stinkajt, tlajt mix-xejn, studjajt u wasalt fejn qatt ma bsart stajt nasal. Imma dak l-aħħar pass, il-pass il-kbir kien jeħtieġ sforz aqwa… Kien jeħtieġ…

RIENI: Xiex? X'kien jeħtieġ?

ALISTAIR: Kien jeħtieġ… il-kapital, kapital kbir!

RIENI: Imma minn hawn Malta xi stajt stennejt?

ALISTAIR: Xi ħaġa…

RIENI: Xiex?

ALISTAIR: Hawn Malta… Ara, ħalli… aħjar. Ħalli, Rieni!

RIENI: OK. *(tibda riesqa lejn il-kantina biex tbiddel)*

ALISTAIR: Hawn Malta …hawn dejjem kien hawn ix-Xiħa.

RIENI: Ix-Xiħa…

ALISTAIR: *(iċedi)* Qatt ma qatgħet tiktibli. Dejjem l-istess kantaliena. Ejja, nieħu ħsiebek jien. Il-flus mhux problema – nagħmillek kollox f'ismek… U tibgħatli ritratti tagħha, t'hawn ġew, ta' dar-razzett kif irrinovatu, kif irvinatu! – tal-lukanda bil-pjanti għall-iżvilupp fil-wied… Kienet lesta tgħinni, basta niġi lura. Imma dan meta kienet teħodni bit-tajjeb. Imbagħad kultant però, nirċievi ittra kollha dwejjaq u disprament, aħbarijiet ħżiena – kif miet dak u mietet l-oħra – u kif dalwaqt imiss lilha issa! Saħansitra bagħtet tgħidli meta mietet dik il-qaħba qabla! Ħasbitnix se nibkiha? Imma hi aktar disprament, u aktar dwejjaq, u kif issa l-belliegħa fil-bir biss kienet se tirbaħha.

RIENI: U għalhekk ġejt.

ALISTAIR: Għalhekk ukoll… Mhux biss imma. Għax jasal iż-żmien

meta l-għejun li minnhom tixrob f'art barranija jinxfu wkoll, jekk drajt tixrob mill-ilma ta' artek; ukoll jekk dik l-art m'għandhiex għajr ilma mdardar u mielaħ; ukoll jekk ġej mill-istess bir li ombrajtu minn ċkunitek. Ukoll jekk drajt it-togħma tal-barrani. Trid terġa' dduq dak il-morr, terġa' tittawwal f'dak il-bir u tosserva f'dak il-fond iswed sfiq, dik ix-xi ħaġa ħajja bilkemm titħarrek, titlajja hemm isfel – biex tħallik terġa' tara kemm kemm ir-rifless ta' dak il-wiċċ hemm isfel…

RIENI: X'wiċċ?

ALISTAIR: …Ir-raġuni tal-biża' li ġarrejt miegħek ħajtek kollha, tkun fejn tkun. Għalhekk: għax għalkemm ma trid terġa' tara lil ħadd, u ma tridx idduq l-istess morr, xi ħaġa tibqa' ankrata miegħek, u tiġbdek lura.

RIENI: Imma għedt ridt il-flus tagħha wkoll…

ALISTAIR: Il-flus… Dejjem il-flus! Iva, dik il-verità tal-lum! Il-flus ukoll iva, issa li qiegħed hawn! Tal-anqas stennejt il-flus! Għamilt is-sagrifiċċju li talbitni – ħallast – u ġejt lura! Stennejt wisq jekk tal-anqas stennejt il-flus? Biex nibda nagħmel xi ħaġa hawn, tal-anqas? Għax barra – barra aqta' jiesek, qaltli! Barra int mhux ibni! Tal-anqas hawn ħsibt li stajt nipprova nerġa' nibda, insib post, studjow, forsi fabbrika żgħira għall-bidu… Garax!

RIENI: Imma hi ma riditx lanqas?

ALISTAIR: Min jaf x'riedet! Dejjem tittamani, u sadanittant, dejjem tnawwarli ġewwa moħħi, trid taf għaliex hekk u mhux hekk – għaliex mort – għaliex jien mhux bħall-oħrajn! Għaliex m'iniex bħal Michael? Bħal Michael riditni, tista' timmaġinaha? Michael li qas biss tista' tafdah… *(jieqaf)*

RIENI: Kompli tibżax. M'int se tgħidli xejn fuq Michael li ma nafux. Kont se tgħid ma tistax tafdah ma' tfajla.

ALISTAIR: Ma' tfajla?… Int tafdah?

RIENI: Nafdah jew le, xorta jagħmel li jrid.

ALISTAIR: Ommi fdatu, fdatu qisha qroqqa għamja… Tfajliet hawn ġew, le – dak le u qatt! – imma bil-flus fdatu. Kienet tagħtih kemm irid, fuq l-iċken skuża. U meta ma tagħtihx…

RIENI: Kien jieħu.

ALISTAIR: Jieħu biss kieku mhux ħażin għal kollox.

RIENI: Mela? *(*ALISTAIR *jgħolli spallejh)* Jekk fuq iċ-ċekkijiet, m'hemmx għalfejn taħbilu. Diġà ssoponejt.

ALISTAIR: X'ċekkijiet?…

RIENI: Li kien jibgħat missierek. Qalli hu stess; sa tliet xhur ilu ommok qatt ma riedet issarrafhom. Imbagħad, f'daqqa waħda, bdew jissarrfu. Mhux Michael kien li sabhom, li beda jeħodhom, jew xi ħaġa hekk?

ALISTAIR: Xi ħaġa hekk… Dejjem ħafritlu, għalqet għajnejha. Imma fuq hekk le, fuq hekk ma setgħetx.

RIENI: Għalhekk telqet mela.

ALISTAIR: *(jikkwota)* Meta fl-istess darek issib ruħek ittraduta, ittraduta minn min tant ħabbejt… Ma setgħetx tkeċċih imma, id-dar kienet f'ismu wkoll… Imma x'tagħmel meta ma tistax tafda 'l min qed jgħix miegħek taħt l-istess saqaf tiegħek?… X'tagħmel? Ma felħitx. Tal-anqas kienet konsistenti fuq hekk. L-istess bħal ma keċċiet lil missieri, għoxrin sena ilu, riedet tkeċċi lil Michael. U lili.

RIENI: Lilek?

ALISTAIR: Lili wkoll. Għedtlek: is-sitt xhur li għamilt hawn kien interrogarju kontinwu, bla heda. U xorta qatt ma fehmet, jew riedet tifhem. Allavojla kien hemm id-demm bejnietna, jorbotna. Ma fehmitx. Avolja kien hemm id-demm… Imbagħad, nhar il-Ħamis, sabet dawk il-vidjows… Sabithom... Għax ħallejthom hemm apposta, biex forsi xi darba tifhem, darba għal dejjem. Darba għal dejjem…

RIENI: Kien għalhekk mela li telqet.

ALISTAIR: Għalhekk. Minħabba fih u fija. Minħabba missieri

għoxrin sena ilu – minħabba fina lkoll. Falliment wara l-ieħor. Falliment agħar minn ieħor. Min jaf?

RIENI *tibda tneħħi l-libsa minn fuqha u tmur lura taħt l-arkata.* ALISTAIR *donnu jintebaħ għall-ewwel darba bil-kwadru wiċċu mal-ħajt ħdejn il-kantina. Imur u jdawru.*

RIENI: Fejn taħseb li marret?

ALISTAIR: Min jaf. Ħadet kulma hu tagħha. Ukoll il-kwadru tagħha, ta' pariġġ dan… Ma ħalliet xejn fid-dar li jista' qatt iffakkarna li qatt kienet hawn hi. U mhix ġejja lura aktar. Qatt.

RIENI: *(lejn il-kwadru)* Dak missierek kien? Jixbah lil Michael. Imma eħxen, ħafna eħxen. Qatt ma kont nobsor li kien fih raġel daqshekk.

ALISTAIR: Ridt tara t'ommi… Kienet tqila meta ħadu dawk ir-ritratti. U tħares lejhom ma kontx tgħid hux hu jew hi li kienet tqila. Tal-anqas hekk kienet tgħid il-Qabla. U trid tara 'l ommi tifferoċja kull meta Michael, dak il-baħnan, kien ifakkarha f'dak il-kliem…

Jinstema' l-bieb ta' barra jinfetaħ.

MICHAEL: *(minn barra)* Hello! Anybody?

RIENI: Semmi x-xitan!…

ALISTAIR: Xi x-xjaten! Diġà ġie?

Jibda jixħet kollox bil-għaġla ġol-bagoll. Iħares lejn RIENI *għadha nofs ilbies.*

RIENI: Ma baqax għall-benizzjoni, għalhekk!

ALISTAIR: Aħjar titla' tkompli fuq! Jew inżel isfel…

RIENI: Isfel hemm ix-Xiħ. U kieku stess!

Jidħol MICHAEL.

MICHAEL: Alistair! Ma taqtax min ġie? Jekk il-muntanja ma tmurx għand Mawmettu! – kif jgħidu: Mawmettu!… *(jara lil* RIENI *u jieqaf)* Rieni…

RIENI: Salaam, ja sidi! Diġà ġejt lura mill-moskea, jewwilla?

MICHAEL: Hawn x'inhu jiġri?

RIENI: ...Wa alaykom as-salaam! *(il-libsa ma' wiċċha u tinħeba warajha)* X'jidhirlek? Jixraqli l-velu, j'għażiżi?

Minn wara MICHAEL *jitfaċċa* PJ – *raġel ta' mezz' età, pjuttost qasir, daqsxejn fartas u nitfa qawwi. Liebes pulit, l-aħħar moda, b'kowt iswed twil miftuħ, mitfugħ fuq spallejh u mgeżwer fih qisu vampir. F'idu għandu flixkun xampanja.*

MICHAEL: *(jaħsel jirrabja)* X'inhu jiġri?… *(imma hemm* PJ*)* Għaddi, PJ. Ma nafx… *(b'nofs daħqa mqanżħa)* Naħseb dħalna daqsxejn ħin ħażin forsi!…

RIENI *(tilmaħ lil PJ; għajta ta' ferħ)* PJ!

PJ: Rieni!

RIENI: PJ !

PJ: *(jiftaħ idejh beraħ biex jilqagħha)* Rieni, Baby !

RIENI *tiġri ħafja lejh u taqbeż fuqu hekk li hu jilqagħha f'nofs titjira u jgħolliha 'l fuq lejn is-sema. Idawwarha dawra mejt.*

PJ: *(ibusha)* Rieni!

RIENI: PJ, honey bunch!

Jitgħannqu u jitbewsu, RIENI *tgħolli 'l fuq il-flixkun xampanja.*

*Jidħlu ż-*ŻEWĠT IRĠIEL *(bodybuards) u jistallaw ruħhom fid-daħla tal-intrata.*

Dlam.

3 XENA

Aktar tard.

ALISTAIR, MICHAEL, RIENI *u* PJ *madwar il-mejda jieklu.*

*Pranzu liema bħalu: Iż-*ŻEWĠT IRĠIEL*, it-tnejn issa lebsin qmis bajda u biċ-ċoff, iduru mal-mejda jservu l-ikel li* X-XIĦ,

liebes il-kappell u fardal ta' kok, qed jipprepara fil-kċina. Kulħadd jiekol bil-qalb u bl-akbar gost. Isaltan fuq il-mejda, imwaħħal f'post prominenti, hemm il-kwadru tal-missier.

PJ: …Time is money, veru, imma importanti li kultant tajjeb li tagħmel eċċezzjoni biex tgawdi l-money mal-ħbieb! *(jieħu tiġieġa minn fuq platt li jnewwillu r-*RAĠEL*)* Għax jiġi żmien u… *(jagħmel ħoss b'ħalqu hekk kif jgħaddi sikkina minn taħt griżmejh)* – xi ħadd ikun ħanxarhielek u ma jkollokx żmien tgawdihom aktar. U ibqgħu fuq kliemi, ħadd ma jkollu ħniena minnek fejn jidħlu l-flus! Ħadd! Jixwuk bħal dit-tiġieġa, ħbieb u mhux ħbieb!… Dejjem isibu skruplu għaliex m'għandhomx jissapportjawk, dejjem hemm punt ta' prinċipju li lesti jgħallquk bih! …Kumpanija preżenti eskluża, naturalment!

RIENI: Naturalment! Ara x'qallek!

PJ: Imma qatt innutajtu, qatt innutajtu kemm l-ikel jinżillek itjeb meta jkollok mara sabiħa mal-mejda, tiekol miegħek? Ara kemm jgħidu li mara għall-kċina tajba…

RIENI: Oops. Żball! Zball kbir! Min jgħid hekk!?

*Wieħed mill-*IRĠIEL *jiġi bil-flixkun xampanja fuq plattin tal-fidda u xi tazez tal-okkażjoni u joffri lil* PJ. *Dan iċedi l-unur li tiftaħ il-flixkun lil* RIENI.

PJ: ...L-aqwa koki, l-aqwa chefs dejjem irġiel kienu. Le, mara, mara qiegħda biex isserviha, biex tagħtiha l-aqwa u l-aħjar… Għalhekk l-aqwa koki huma rġiel. Mod ieħor biex juru l-apprezzament tagħhom.

RIENI: *(tiftaħ il-flixkun xampanja)* Qishom paguni, iridu jgħammxuk, iridu jimpressjonawk. Ara Michael, Michael jipprova jimpressjona b'kemm jiflaħ jiekol, kemm jiflaħ jiffanga.

MICHAEL: Dak għax jien raġel… b'aptit enormi!! U mhux inteftef u nnaqqar biss bħal dan. *(*ALISTAIR*)*

RIENI: Et… voilà!

Itir it-tapp tax-xampanja. PJ *u* RIENI *jgħajtu bil-ferħ.*

PJ: Rieni, Rieni, Rieni! *(iħares lejha b'ammirazzjoni waqt li tferragħlu t-tazza)* Ġież! Ma rridx nemmen! Kemm ili ma narak issa? Sentejn żgur… Il-Festival kien l-aħħar, le?

RIENI: Hekk hu! Erba' snin probabbli mindu tlaqt mix-Xandir.

PJ: Hekk hu! Erba' snin diġà!

RIENI: Biex issa int għandek l-istazzjon tat-TV tiegħek!

PJ: Hekk hu. U inti – issa x'int tagħmel sabiħ? Tgħidlix timmudella l-ħwejjeġ!

RIENI: Le, issa sirt inviżibbli! Ma nidhirx aktar – issa biss leħen fuq ir-radju. Qatt smajtni -'Goodnight Irene', filgħaxija fuq RTS?…

PJ: Irene? Il-leħen misterjuż? Int Irene?…

RIENI: Kollni kemm jien – bl-għajnuna ta' ftit effetti tekniċi u computer enhancements, kif jgħidulhom, biex ninstema' aktar seduttiva, aktar simpatika. Kollox irid ikun!

PJ: Int Irene?… *(jinżel għarkupptejh fuq sieq waħda ħdejha – jeħodilha jdejha f'idu)* Irene – Rieni, Rieni!… Mindu smajtek l-ewwel darba għedt: jekk qatt niltaqa' magħha dit-tfajla – din l-anġlu ta' billejl! – dis-saħħara tal-iljieli twal twal… Mmmm mmmm mmmmaa! *(ibusilha l-ponot tas-swaba' wieħed wieħed u jibqa' tiela' jbusilha idha mis-swaba' sa gerżumitha…)* Għidli li tiżżewwiġni – għada stess! Le, illum qabel għada…

ALISTAIR: *(sarkastiku)* Ħeqq! – La Time is money !

PJ: …Illejla stess. Le! Naħarbu jiena u int, nisirqek minn hawn, nitfgħek fil-Porsche tiegħi…

RIENI: Eh, int għandek Porsche! Smajt, Michael? Aħjar minn ġemel, xi tgħid! Mela żgur niżżewġek! Illum qabel għada! Yes, Yes, Yes !

PJ: Yes, yes, yes ! Ġirja waħda sal-Yacht Marina u nsalpaw – jien u int – weħedna, *(jippoetizza)* … f'nofs il-baħar Mediterran – jien u int taħt qamar kwinta – fuq baħar tal-fidda jleqq taħt il-qamar kwinta…

ALISTAIR: Illejla m'hemmx qamar. Tough!

MICHAEL: Hekk hu! Jalla tinżilx taħt l-għaxar gradi llejla!

RIENI: Ma jimpurtax! Jinżlu! Aħjar! U aħna ninżlu isfel, ħanini, fil-kabina, għall-irdoss.

PJ: Hekk jew hekk għandi s-central heating hemm isfel! Qas kutri ma jkollna bżonn! Xi tgħid, Rieni – tiġi miegħi? Għidli li tiġi! Għidli – terġax tiksirli qalbi. Darba ħallejtek taħrabli, imma qatt aktar!…

Ċempila ta' telefown.

Kulħadd jieqaf – iħarsu awtomatikament lejn it-telefown fis-salott, iżda kważi minnufih PJ *idaħħal idu fil-but ta' ġewwa tal-ġlekk u joħroġ mowbajl.*

PJ: Skużawni ftit. *(bidla radikali – il-buffu jisparixxi)* Yes? *(jisma')* – Int kemm għedtilhom? *(jisma')* – OK, imma mingħajr il-garaxx… *(jisma')* – Mingħajr il-garaxx! Mela kazz, dak għoxrin elf waħdu! *(jisma')* – Package deal jew xejn mela. Għidilhom jekk iridu jistgħu jbigħuh għall-business, xi storage jew ħanut. Anki fabbrika żgħira jesa'… *(jisma')* Naf li m'hemmx permess għal fabbrika! Għidilhom inġibhulhom jien il-permess… *(jisma')* Dak narah jien!… Int għidilhom jew kollox jew xejn! – OK? – OK. Jien inkun hemm fl-erbgħa u nofs. OK.

PJ: *(jerfa' t-telefown)* Oops! Sorry! Heqq, When duty calls!...

MICHAEL: Business is business, PJ!

PJ: *(nesa x'kien qed jgħid qabel* – IR-RAĠEL *ikun se jferragħlu aktar xampanja)* Le – luminata – jew diet coke. *(lil* MICHAEL*)* Allura – fejn hu dal-post li ridt turini?

MICHAEL: *(sa fl-aħħar!)* Hawn – hawnhekk stess, PJ! Malli tlesti nieħdok dawra malajr. Hawn il-kobor hawn, kif qed tara. U rrestawrajnieh bully! Barra li qed tara, hemm żewġt ikmamar tal-banju ensuite, waħda bil-ġakkuzi, doċċa, study u salott – erbat ikmamar tas-sodda…

RIENI: U oħra isfel. Tinsiex l-oħra!

MICHAEL: Hekk hu. Hemm kbir hemm isfel ukoll!

RIENI: Rajtx kif ma jinsiex!

PJ: Yes… X'hemm; appartament?

MICHAEL: Hemm fejn tagħmel tnejn jekk trid! Hemm kbir – qed ngħidlek…

PJ: Yes. Ta' min jagħti daqqa t'għajn. Kantina – forsi int ma tafx – imma kantina għandha selling-points kbar, Mike.

RIENI: Naħseb jaf!

PJ: Speċjalment għal raġel, ma taħsibx? Dejjem kellhom ċertu faxxinu għalija l-kantini. L-idea li hemm dak il-vojt taħt saqajk, dak il-kobor kollu fejn timraħ. U fuq kollox taħt l-art, 'il bogħod mill-għajnejn fittiexa, sindikajra, għajjurin… Fejn tista' tagħmel dak li trid, dak li dejjem xtaqt, mingħajr suġġestjoni ta' ħadd. Dak – dak il-faxxinu ta' post bħal dak, ta' kantina bħal dik għal raġel, ma taħsbux?

MICHAEL: Eh, PJ, veru! Eh, Xiħ!?

RIENI: Ara mara imma – il-mara tara biss l-umdità!

IX-XIĦ: Tabilħaqq. Ommhom – ommhom għaliha ma kienx hemm għajr umdità hemm isfel, umdità u wirdien.

PJ: Kienet mara għajjura jkolli ngħid…

ALISTAIR: Għajjura? Fejn taf int x'kienet ommi? U missieri?… X'taf fuqu int? Kont taf li dan, dan missieri, kien jilgħab bil-porvli hemm isfel, bil-logħob tan-nar u l-ġiġġifogi? Kont taf kif kien ġabu dal-post? U kemm-il darba pprova jtajjarna b'kollox minn hawn?…

MICHAEL: Mhux veru, PJ! Qed jesaġera… Dak irid jiċċajta!

ALISTAIR: Staqsih! Porvli u trikki-trakki – u bumm! *(iġġebbed il-beritta minn ras missieru)* Veru nofs ras! Arah!

PJ: *(iqum)* Ma jogħġobnix ċajt bħal dak. Titkabbarx bil-għajb ta' missierek, Alice..

ALISTAIR: Alistair!!

PJ:. ...Hemm miktub: Il-għajb ta' missierek mhux ġieħ għalik.

IX-XIĦ: Tabilħaqq.

ALISTAIR: Int ukoll? Konversjoni oħra din? Tittieħed malajr milli qed nara!

PJ *jieħu t-tazza tax-xampanja li għandu quddiemu* MICHAEL *u jagħtiha lix-*XIĦ. *Jgħolli t-tazza tiegħu 'l fuq lejn il-kwadru tal-missier imwaħħal mal-ħajt.*

PJ: Hemm miktub: Bil-kliem u l-għemil weġġaħ lil missierek, għax il-barka tal-missier issaħħaħ dar l-ulied. Bin Sirak; kapitlu tlieta.

IX-XIĦ: *(jgħolli hu wkoll it-tazza tax-xampanja)* …Imma s-saħta tal-omm taqlagħha mis-sisien…

PJ: *(imejjel rasu b'rispett)* Hekk hu. Cheers!

IX-XIĦ: Salute.

It-tnejn jixorbu.

ALISTAIR: Ġież! Tara, Mikey – ma tlifthiex l-omelija llum, tal-anqas!

PJ: *(ipoġġi idu fuq spallet* IX-XIĦ*)* Jekk kien hemm ħaġa li qatt ma nsejt, li ma ħallejthiex barra minn ħajti, kemm meta rnexxieli l-business, u kemm meta fallieli, kienet il-Fidi. Naf mnejn ġejja l-barka fuqi. U naf mnejn tiġi s-saħta. Hu l-ewwel u qabel kollox.

ALISTAIR: Barra nhar ta' Ħadd meta tkun trid tmur it-tlielaq taż-żwiemel.

PJ: F'dak il-każ, immur filgħaxija. Kollox f'ħinu u f'waqtu. *(iwarrab f'daqqa waħda mill-mejda – jidher xi ftit imfantas)* Anyway, qed tfakkarni – għandi appuntament ieħor fl-erbgħa...

ALISTAIR: L-erbgħa u nofs....

MICHAEL: PJ!… *(huwa u jdur għal warajh, lil* ALISTAIR*)* Int jaqbillek tagħlaq ħalqek! …PJ! Stenna ftit! M'intix se tagħti daqqa t'għajn tal-anqas? Ħames minuti biss!

ALISTAIR: Ħallih imur jekk irid! Għandu appuntament qallek, ma smajtux?

MICHAEL: Agħlaq ħalqek!…

PJ: *(idur – ikkontrolla ruħu, assolutament kalm)* Le, ma jimpurtax, Mike. Business is business. Intik... *(ħarsa lejn l-arloġġ)* għaxar minuti. X'taħseb, biżżejjed?

MICHAEL: Thanks, PJ! U tara kif jogħġbok! U ma jiddispjaċikx, ibqa' ċert!

PJ: Minn dak m'għandix dubju. *(lil* ALISTAIR*: b'tifsira)* Jien qatt ma jiddispjaċini. Naf inżomm ilsieni, jien... *(kollu entużjażmu)* Nibdew minn isfel mela Mike?

MICHAEL: Kif trid, PJ!

PJ: Minn isfel. Il-pedament l-ewwel u qabel kollox. Bħall-ulied, mhux hekk, Xwejjaħ? L-aqwa li jkollok ulied sodi? Ta' sinsla! *(lil* RIENI – *ibusha fuq xufftejha – imma issa aktarx aktar serju)* Imma kemm int sabiħa! Itla' arana xi darba, Rieni. Postok mhux wara majkrofown int, imma quddiem il-kameras!

RIENI: Ċaw, PJ.

PJ: Ħalli min jarak. *(jieħu b'idejn* IX-XIĦ*)* Delizzjuż – assolutament delizzjuż!

MICHAEL *imexxih lejn it-taraġ tal-kantina. Huwa u għaddej* PJ *jagħmel kemm kemm sinjal lejn iż-*ZEWĠT IRĠIEL *li diġà bdew ineħħu l-fradal. Jaqbdu l-ġkieket li għandhom imdendlin ħdejn il-bieb u jinżlu wara* MICHAEL *u* PJ *fil-kantina, b'xi ħarsa kerha lejn* ALISTAIR *huma u għaddejjin. Joħorġu.*

4 XENA

ALISTAIR *isaffar, tisfira li minnha jingħarfu xi noti mill-mużika ta' 'Il Padrino'.* IX-XIĦ *jibda jiżbarazza l-mejda.*

RIENI: Li kont minnek ma niċċajtax miegħu.

ALISTAIR: Le? Taħseb li hu ftit maċo żżejjed għalija forsi?

RIENI: Jaf xi jrid, dak kollox.

ALISTAIR: Tabilħaqq! Rajtu kemm dam iridek lilek. Filli "Ejja niżżewġu, illejla qabel għada!", filli "Ħalli min jarak". Naqta' rasi li għalih biżżejjed ftit computer enhancements, ftit effetti tekniċi biex jissodisfa ruħu!

RIENI: Hekk taħseb?

ALISTAIR: Sodisfazzjon ta' mument. għax time is money! U malajr jinsa.

RIENI: L-aqwa li jaf li jien naf xi jrid. Dak li jimpurtah.

ALISTAIR: Imma li rrid jien ma jafux…

RIENI: ...Dak l-importanti

ALISTAIR: ….U lanqas x'ma rridx.

RIENI: Int? Għaliex, x'ma tridx?

ALISTAIR: Inbigħ dal-post. Dak li ma rridx. Indunajt x'għandu f'moħħu ħija, hux. Kont taf, hu? Imma jekk Michael ħaseb li jista' jaqbad u jbigħ id-dar t'ommi meta u kif irid, se jarralu… Bl-ikraħ se jarralu!

RIENI: Mhux f'ismu qiegħda? Jekk irid…

ALISTAIR: F'ismu xejn! F'ismu ż… żubbaba! F'ismi wkoll… F'ismi wkoll! Qatt għaddielek minn moħħok li f'ismi wkoll? Jew jiena xi ċapsa hawnhekk! ...F'ismi wkoll! F'isimna t-tnejn kienet għamlitha. Il-lukanda, le – dik fattruha hi u Pawlinu. Imma jekk issa Michael qed jaħseb li hu wkoll se jgħaffeġ u jagħmel mingħajr ma jgħidli, sejjer żball!

RIENI: Aħjar tgħid lilu. Qabel ma jfattarha hu did-darba.

ALISTAIR: Ma jista' jfattar xejn mingħajri.

IX-XIĦ, *jieqaf minn xogħlu u jpoġġi mal-mejda.*

IX-XIĦ: *(jixrob ix-xampanja li baqa')* Imma int m'għedtx li kellek bżonn il-flus?

ALISTAIR: Allura?

IX-XIĦ: Forsi jkollok biżżejjed biex tagħmel dak li kellek f'moħħok; id-dar tal-moda, il-Linja Galatea, jew x'kienet?...

ALISTAIR: X'dar? X'linja? Int min qallek?… X'inhi affarik int wara kollox?

IX-XIĦ: Qed ngħid għalik…

ALISTAIR: Għalija xejn! Jien naf xi rrid u x'ma rridx! Tibdiex bħax-Xiħa int ukoll. Tindaħalx…

RIENI: Mhux jindaħallek, Alistair. Mhux kull min jixtieqlek il-ġid ifisser qed jindaħallek!

ALISTAIR: Iva, jindaħal! U int ukoll! M'għandi bżonn 'il ħadd min jixtieqli l-ġid! Dejjem sibt min lest jixtieqli l-ġid! Imma bix-xewqa biss iħalluni! Mela tixtiquli xejn, orrajt! Agħmluli pjaċir u tixtiquli xejn!

MICHAEL *jitla' waħdu mill-kantina. Jidher ħosbien sew u xi ftit frustrat ukoll.*

ALISTAIR: Hawn hu, ieħor li jixtieqli l-ġid!

MICHAEL: Xiex? Tuni lapes… Tersaqx lejja int. *(jersaq lejn il-kċina u jittawwal mit-tieqa)* Iva ħadd m'għandu qaħba lapes?

ALISTAIR: Xiex? Ġa lestejtuh il-business? Hekk malajr? Kemm bqajtu? Sittin, sebgħin elf?… Imħatra m'għedtlux li jien imissni nofshom?…

MICHAEL: *(idur mit-tieqa – isib lapes fil-kexxun tal-kċina)* X'nofs? X'int tgħid, balalu?

RIENI: Mar PJ?

MICHAEL: *(jikteb fuq kalendarju mal-bieba tal-friġġ)* Baqgħu ħerġin dritt minn wara. Ra dawk il-krejns u l-gafef… Għandhom kalamita għalih! Ried jaf x'se jiġri hemm isfel. U f'daqqa waħda donnu għandu x'idea li hemm xi biċċa business… Xamm xi ħaġa.

IX-XIĦ: Imma interessat f'dal-post?

MICHAEL: Jidher interessat. Imma ma nafx x'għandu sew f'moħħu.

Qalli ntih ċempila wara l-ħamsa. Irid jiċċekkja xi ħaġa.

ALISTAIR: X'jiċċekkja? Jekk hemmx iż-żejt taħt il-lukanda? Jew forsi xi minjiera deheb? Xi basal u patuta għidlu hemm! Hux dak li kont tkabbar, Pa? Basal u patuta!

MICHAEL: Kemm tiflaħ tkun idjota! Int il-patuta – ja basla!…

IX-XIĦ: Biżżejjed, Michael!…

MICHAEL: Ukoll! Toqgħod tgħajjat miegħi int issa! Ħlist mix-Xiħa, se tiġi int issa? Dak li jonqos… Baqax!

IX-XIĦ: Biżżejjed, għedt!…

F'daqqa waħda donnu qed jibda jagħtih dak l-istess uġigħ li tah qabel: jokrob waħda u jżomm rasu.

RIENI: X'għandek? Se jerġa'!…

IX-XIĦ *did-darba donnu jistejqer mill-ewwel.*

IX-XIĦ: Le – xejn! Għaddiet diġà…

RIENI: Ma togħġobni xejn dil-biċċa.

IX-XIĦ: Tibżax, mhi xejn. Issa drajthom.

RIENI: Xi darba għad ittik waħda u tibqa' taħtha!

IX-XIĦ: Le, mhi xejn. Il-gażiba li meta ttini xi waħda hekk, ħlief għali ma nistenniex wara. Għali u inkwiet biss…

MICHAEL: Kif? Erġ' għidhieli din.

IX-XIĦ: U le, xejn…

MICHAEL: Għali u inkwiet! ...Ma tridx tgħid qisha xi pinnur turik meta ġej riefnu, jewilla, hux?

IX-XIĦ: U xejn !… Naf biss li ħlief inkwiet ma nistenniex wara li tagħtini xi weġgħa bħal dik. Qatt ma jonqos…

MICHAEL: Eh iva ? U x'jiġifieri inkwiet? Xi trid tgħid biha?

IX-XIĦ: Hekk – għali, xorti ħażina…

RIENI: Attent. Għandek tkun taf li ibnek jemmen bl-astroloġija. Jaf jaqra l-istilel. U jemmen fil-għajn ukoll.

IX-XIĦ: Bħal ommu…

MICHAEL: Bħal ommi xejn. Xi trid tgħid biha? X'għali ġej? Xi botta dik forsi?… Trid tgħid li jien qed nagħmel ħażin? Dak li trid tinsinwa?

RIENI: X'tagħmel ħażin? X'botta?

MICHAEL: Mhux lilek qed inkellem! *(lix-*XIĦ*)* Għid – trid tgħid qed nagħmel ħażin nipprova nbigħ did-dar? Għax ma titkellimx ċar?

IX-XIĦ: Jien m'għedtx hekk…

MICHAEL: Naf x'għedt! Ħares, ħares madwarek. Din li għamiltu int u ommi mid-dar tagħna. U minn dik l-art hemm barra… dik l-art miksija ġebel u konkrit. U minn issa 'l quddiem ħlief ġebel u konkrit mhux se jkun hawn. U taħseb li jimpurtani lili? Le, ma jimpurtanix! Jimpurtani biss li neħles minn hawn. Minnha, minnha ħlist, marret għand ix-xjafek – u jalla jekk ma marritx, tmur – tmur u tibqa'!…

ALISTAIR: Aqtagħha, Michael!…

MICHAEL: Tmur għand ix-xjaten!... U jekk taħseb li int, int se tiġi issa, wara das-snin kollha, u se nħallik tindaħalli – jarralek!

IX-XIĦ: Jien indħaltlek?…

MICHAEL: Mela xi trid tgħid biha? *(jgħajjeb – iżomm rasu)* Ajma, ajma rasi – żgur se tiġri xi waħda – ibżgħu wliedi – ajma, j'ommi, Ma – il-belliegħa fil-bir… Buuu! Ajma, jaħasra… Oqogħdu attenti, uliedi!…

RIENI: Aqtagħha, Michael.

IX-XIĦ: Ma jimpurtax, ħalluh…

MICHAEL: *(idur madwarhom – żifna grotteska, dejjem j*għajjeb*: lix-*XIĦ*)* Oj, ejme rusi kemm tuġgħeni! Ibżeʾ mill-għejn ħebibi, xbin! Egħmel qrewn u skunġra, ja Qabla! (*lil* RIENI*)* Skunġra, ħenini, skunġra! Ej negħmlu l-qarja fuq ir-ras, inbiegħdu l-ispirti ħżiena, ħuti. *(lil* ALISTAIR*)* Hawn ħa, sieħbi – ħokkli mnieħri ħa jalla l-ġid, jaħasra. Jew aħjar, ħa, ħokkli l-warrani, ja ħija; ħokkli biex żgur ġid jiġi! Ħokkli l-warrani!

RIENI: Kultant, Michael, niggustahom il-buffunati tiegħek – u niggustak u nipprova nistħajlek ħelu minkejja li int stupidu…

MICHAEL: Grazzi!

RIENI: …Kultant però hemm limitu għall-istupidaġni u lanqas il-ħlewwa mhi skuża biżżejjed! (*taqbad iċ-ċwievet u l-handbag mill-mejda)* Fejn ħallejtha l-karozza?

MICHAEL: Mur sibha jekk tridha! Forsi ssib xi stilla turik fejn ħallejtha!

RIENI: Immur… Mela ma mmurx! Imma jekk terġa' tiġi tfittixni darb'oħra, lanqas b'ebda stilla m'int sejjer issibni did-darba!

Toħroġ

MICHAEL: Tibżax! Basta nisimgħek fuq ir-radju! Nikkonsla xi trid tagħmel! Għalhekk tinqala' int biss! Biex tpaċpaċ! Għalhekk u xi ħaġa oħra!…

Jinstabat il-bieb ta' barra.

5 XENA

MICHAEL: X'intom tiskantaw? Taħsbunix sejjer niġri warajha? *(b'nofs daħqa)* Hekk jew hekk, mhix se ssibha l-karozza! Il-Belt ħallejtha. PJ wassalni s'hawn! *(dlonk irrabjat)* Dan kollu tort tagħkom wara kollox! Jien naf x'qed nagħmel, OK? Jekk irridu nbigħuh malajr dal-post, xi ħadd bħal PJ irid ikun. Jekk jogħġbu, jieħdu. Cash down! U daqshekk problemi… U int ifhimha *(lix-*XIĦ*)* f'dil-biċċa m'għandek x'taqsam xejn.

IX-XIĦ: Jien m'għedtlek xejn.

MICHAEL: Xejn!

IX-XIĦ : Jien m'għedt xejn…

MICHAEL: Għedt biżżejjed!

IX-XIĦ: Ma rrid xejn mingħandkom jien. U jekk tħoss li bdejt indejjaqkom, immur. Kemm tgħiduli, u mmur mnejn ġejt. Għidli; tridni mmur?

MICHAEL: Agħmel li trid. Jien mhux qed inkeċċik. Biss lili ħallini.

IX-XIĦ: Inħallik…

MICHAEL: Ħallini mela!

IX-XIĦ: U int? *(lil* ALISTAIR*)* Int tridni mmur?

ALISTAIR: Taqbadx miegħi. Dak l-iffissat bil-flus, mhux jien!

MICHAEL: Jien, jien iffissat? Min kien dawn l-aħħar jumejn il-ħin kollu imqabbad miegħi, biex ma nixtrix hekk u hekk, u biex inħallas dal-kont u l-ieħor, u taħlix dawl u telefown? Min ħlief kontijiet ma jarax lejl u nhar?…

ALISTAIR: Dak għax jekk ma nurihomlokx, int għalik jistgħu ma jeżistux!…

MICHAEL: U billi jeżistu, jekk m'hemmx biex tħallashom? Għalfejn tgħidli? Mnejn tridni nġibhom il-flus?

ALISTAIR: Tassew, mnejn se ġġibhom? Tgħid mhux xi logħba karti!...

MICHAEL: …Int l-Amerikan hawn. Għalkemm Alla jaf fejn tonfoqhom flusek int…

ALISTAIR: Mnejn se ġġibhom, għid? …Issa li x-Xiħa m'għadhiex hawn tissussidjak? Issa li ma baqax ċekkijiet xi ssarraf?

MICHAEL: X'ċekkijiet?

ALISTAIR: Ma nafx.

MICHAEL: X'ċekkijiet huma?

ALISTAIR:….L-aqwa li taf int.

MICHAEL: Jien ma naf xejn.

ALISTAIR: Mela lanqas jien. U naqtgħuha hemm.

MICHAEL: Naqtgħuha hemm mela.

ALISTAIR *iqum biex joħroġ, iżda ma jiflaħx ma jkomplix.*

ALISTAIR: Għalfejn din l-għaġla? Billi hemm dawk l-erba' kontijiet?…

MICHAEL: Għax jew issa jew qatt. Jew issa jew qatt, ċuċ!

ALISTAIR: Issa. Trid tgħid, għax issa sibtu l-kuraġġ, issa li hi mhix

hawn. Kieku ma kontx tissogra tbigħilha s-saqaf minn fuq rasha. Sibt ix-xoqqa f'moxtha...

MICHAEL: Moxx….!!

ALISTAIR: Xi ħaġa hekk kont tistenna…

MICHAEL: …U int – x'int tistenna int? Qed tistennieha tiġi lura biex terġa' tieħu ħsiebek hi? Biex tfarfar kollox f'ħoġorha, bħal ma dejjem għamilt? Għax tal-anqas biha hawn kellek skuża biex ma tagħmel xejn…

ALISTAIR: U int, x'inhi l-iskuża tiegħek?…

MICHAEL: U int! Int kif tonfoqhom il-flus tiegħek? Għidli… Għidlu kif tonfoqhom?…

ALISTAIR: Flusi tiegħi. Ma sraqthomx!

MICHAEL: Għid il-verità, għalik hi għadha hawn, hux veru? Taħrab kemm taħrab 'il bogħod minn hawn, għalik dejjem qiegħda miegħek, hux tassew? Il-belliegħa fil-bir, dejjem hemm lesta biex titla' għalik!! Dejjem hawn… Ukoll jekk telqet hi. Għidha! Ukoll jekk telqet hi… hawn għadha.

ALISTAIR: Ukoll jekk telqet hi… Hawn għadha, iva! Hawn għadha!

MICHAEL: X'għedtlek?… Hawn għadha. Tajjeb… Mela issa naraw! Jekk għadha hawn – iżżommni! Nisfidaha! U daqshekk.

ALISTAIR: Daqshekk, iva… *(idur)*

MICHAEL: ....Iżżommni jekk għandha l-ħila! Jekk għadha hawn!

ALISTAIR: Iva, daqshekk. Kun af però, jien ma rridx ikolli x'naqsam.

MICHAEL: U ma jkollokx, balalu! Kif qatt ma kellek x'taqsam f'xejn! Tajjeb, ma jkollokx!

ALISTAIR: Tajjeb! *(qabel joħroġ)* Ftakar… u ftakar ukoll li jekk jien ma rridx inbigħ, ma nbigħx. U jien ngħid daqshekk imbagħad. *(joħroġ)*

6 XENA

MICHAEL: Daqs da' mhux daqshekk! Għid daqshekk – għidha

kemm trid! Ħalliha tisħetni jekk trid!! M'intix tarani kemm qed nibża'… Arani x'nitwerwer! Nitwerwer… *(lix-*XIĦ*)* Tarah kif sar? Tarah? Tort ta' min, eh? Għidli, tort ta' min?

IX-XIĦ: Tagħna. T'ommok u tiegħi.

MICHAEL: Hekk, mela. Ammettuha…

IX-XIĦ: …U tagħkom ukoll.

MICHAEL: Tagħna?

IX-XIĦ: Iva, tagħkom ukoll!

MICHAEL: Tagħna? Mhux intom għamiltuna hekk – mhux int u dik?…

IX-XIĦ: Le, aħna konna biss il-bidu.

MICHAEL: U l-bidu kollox!…

IX-XIĦ: Il-bidu biss! Meta jkollok l-ulied int imbagħad forsi tista' tifhem fejn....

MICHAEL: Ulied! Iva, naf, għax dik hija l-barka tal-missier… Kif qalha, dak?… Il-barka tal-missier li ssaħħaħ id-dar…

IX-XIĦ: Hekk hu. Il-barka tal-missier issaħħaħ dar l-ulied…

MICHAEL: Mela fejn hi l-barka tiegħek, Pa? Ejja, tini jdejk, Pa. Tberikni int, Pa, għid?… *(itellagħlu id waħda lejn wiċċu – wieħed forsi jaħseb li se jbuslu idu – minflok:)* Xomm! Ixxommha, Pa, ir-riħa… ir-riħa ta' ħruq? Qed ixxommha! Għadha hemm. U ara, Xiħ, ara: ukoll difrejk igiddbuk. Int tilbes il-ġild ileqq f'saqajk issa, imma taħt difrejk, inkallat fil-ġilda sewda, għandek il-mugrufun. U ma teħles minnu qatt… Ara! Xomm! *(*IX-XIĦ *jiġbed idejh lura)* Xiħ – ipokrita! Int mhux ir-riħa tal-art imxarrba, il-ħamrija, trid ixomm – int tibqa' biss ixxomm ir-riħa tan-nar – tal-art maħruqa! Riħa ta' ħruq! Giddibni jekk għandek ħila! Giddibni, Xiħ! Kif qatt stajt nistenna barka mingħandek jien mela? Meta jien hemm barra, daqsxejn ta' tfajjel, u int hemm isfel, mistoħbi fid-dalma?… Kont tarani hemm barra, Pa, għid? Kont tarani hemm, barra, waħdi, wara dak il-moħriet, l-ixkora fuq spallejja akbar minni?… Tkellem!

IX-XIĦ: Kont narak. Mela ma kontx... Mill-gradilja tal-kantina – kont narak: 'il bogħod, taħt xemx tisreġ, tofroq il-ħamrija.

MICHAEL: Eh, kont tarani mela...

IX-XIĦ: ...twarrab il-ġebel, ixxerred żerriegħa fl-imradda. Kont narak…

MICHAEL: U int – int x'kont tkun tagħmel, Pa? Jien hemm barra – u int?

IX-XIĦ: Inkejjel u nqis. Inkejjel – porvli fin, fin, bil-qies – nimla skratać u pajpijiet. Idi soda – nara dak il-fil irqiq irqiq iserrep – kulur, tir u faħam, inħallat u nsodd – norbot u ngħaqqad… Issa murtaletti u serpentelli – issa lampjuni u stoppini u beraq pront… Imma dejjem attent, naħsel idejja li ma noqrosx xi kulur, dejjem nara fejn nirfes… Dak li kont nagħmel iva.

MICHAEL: U qatt ma ħsibt fina – x'jiġri minna jekk jiġrilek xi ħaġa?

IX-XIĦ: Ħsibt. Dejjem ħsibt. Imma għalxejn. Kien hemm dik ix-xi ħaġa ġo fija… Qatt ma ġralek, meta tkun qed tedha, għid, tedha bil-karti tal-logħob, pereżempju, ittellagħhom u tibni torri tal-karti, saff fuq saff, bil-paċenzja kollha... u filli tistenna biss li f'daqqa waħda tarahom jiġġarrfu b'żiffa riħ? Jew ukoll filli ttajjarhom int stess? Qatt ma ġralek, għid?... Qatt ma rajt tifel jibni torri bir-ramel għoli, għoli mbaghad tarah jieqaf skantat u meżmerizzat jara l-baħar dieħel jagħqad madwaru bil-mod il-mod iħollu fix-xejn? Ismagħni! Jew tkun xi mkien, tkun xi mkien tara xi bini għoli tiela', u timmaġina x'jiġri kieku kellek tarah f'daqqa waħda jiġġarraf u jinstabat mal-art? Veru? U minkejja kemm jistgħu jmutu nies, tixtieq biss li mqar darba taraha dik ix-xena tal-biża'… tal-biża' imma tal-għaġeb! Dak il-waqt tremend, dak il-waqt meta kollox u f'daqqa waħda donnu jilħaq l-għan, l-iskop ewlieni tiegħu! Qatt ma ġralek li timmaġina meta l-enerġija kollha maħkuma f'idejk soda sa fl-aħħar tirtogħod, hekk li dak il-porvli miġmugħ b'tant reqqa f'daqqa waħda jikbes u jinħaraq f'leħħa ta' mument? U kollox f'daqqa waħda, f'leħħa ta' mument, jagħqad u jissiġilla ruħu f'damdima ta' darba, eternità ta' mument, hekk li xejn aktar ma jimporta iżjed?

Il-bidu ta' univers, damdima ta' darba, il-berqa li ma tidhirx, u xejn aktar ma jimporta! Lanqas it-tifel ċkejken, issa qed jitbiegħed bejn ir-raddi taħt xemx nieżla. Għax minn hemm irid jgħaddi hu wkoll. Hu wkoll. Qed tifhem, Michael? Int ukoll! Qed tifhem? Int ukoll.

MICHAEL: Nifhem...

IX-XIĦ: Tibżax mela min-nar ta' darba, ibni. Tibżax minn dak il-waqt, jekk dak hu l-uniku waqt li jfisser xi ħaġa għalik. Kollox imut u jikkonsma ruħu. Tħallix il-biża' teħsik. Trid tinsa l-biża' u l-uġigħ u timmaġina biss dak il-waqt, għax dak il-waqt ma jispiċċa qatt imbagħad.

MICHAEL: Nifhem. U nifhem ir-riħa ta' ħruq… U issa naf. Int – int miġnun. Miġnun daqsha!…

IX-XIĦ: Daqsha... Daqs kulħadd, Michael! Bħal kulħadd! Imma issa qed ifhem?

MICHAEL: …Nifhem. U nifhem il-ġenn tiegħi ukoll.

Id-dwal jintfew bil-mod il-mod.

7 XENA

Tard dak il-lejl.

Jerġgħu jibdew jogħlew id-dwal, hekk kif minn fuq ir-radju tinstema' togħla l-kanzunetta 'Goodnight Irene'.

Hemm biss IX-XIĦ *fix-xena, bilwieqfa ħdejn it-telefown.*

RIENI: *(fuq ir-radju)* …Tibżgħux mil-lejl sewdieni, maħbubin tiegħi. Itfu d-dwal kollha, kollha, u iftħu widnejkom. Isimgħu l-ilħna tal-lejl u n-nar ta' filgħodu ħalluh jintefa fl-ilmiet ħiemda tal-lejl. Għiduli x'jinkwetakom, xi jnikkitkom jew iferraħkom… Hello, hemm xi ħadd fuq il-linja?… Għidli… Qed nisimgħek.

IX-XIĦ: Hello…

RIENI: Hello, anonimu mill-Belt?

IX-XIĦ: Hello, Irene?…

RIENI: Yes, għidli? X'għandek f'moħħok, ħabib, dil-lejla ta' Ġunju?

IX-XIĦ: Irene – x'tagħmel meta l-ulied, l-istess uliedek, ma tafhomx? U huma ma jafukx? X'jagħmel missier li għandu żewġt ulied li qatt ma afuh?… Li qatt ma qisuh? Li nsewh, għax riedu jinsewh, qisu qatt m'eżista?

RIENI: X'tagħmel? *(pawsa qasira – imbagħad)* Għidli int – x'tagħmel int, Xiħ? Jew x'tixtieq tagħmel int, kieku tista' issa?

IX-XIĦ: Jien… ma nafx. Naf biss li nixtieq ngħinhom. Kultant.

RIENI: Kultant?

IX-XIĦ *donnu xi ftit stordut ipoġġi fuq is-sufan.*

RIENI: Kultant biss?

IX-XIĦ: Kultant. U ma nafx għaliex nixtieq ngħinhom lanqas. Ma nafx.

RIENI: U għax ma tafx, taħseb li l-ħtija aktar tikber. Il-ħtija tal-iżbalji tiegħek, u l-iżbalji tagħhom ukoll, mhux hekk?

IX-XIĦ: Ukoll. U mhux għax ma nħobbhomx. Nipprova nħobbhom, imma… forsi int ma tafx l-istorja kollha, imma huma, huma naqsuni wkoll.

Pawsa

IX-XIĦ: Rieni?…Irene?

IRENE: Kompli. Qed nisimgħek. Huma naqsuk ukoll…

IX-XIĦ: Forsi mingħajr ma jafu. Forsi għax ġew imġiegħla… Kultant imma, tal-anqas, tal-anqas nixtieq li ntihom ċans ieħor. U huma jtuni ċans ukoll. Biex forsi xi darba nkunu kif suppost kellna nkunu.

Pawsa qasira.

RIENI: Xi darba, kultant, forsi jew xi darba: kliem mimli inċertezzi, misteri… Però, jien ma naħsibx... nibza' li tistax tivvjaġġa lura fiż-żmien, Xiħ. Perikoluż wisq…

IX-XIĦ: Nista' tal-anqas nagħmel l-aħħar sforz. U mbagħad… forsi

jaħfruli.

RIENI: Biex int imbagħad – int taħfrilhom ukoll? Taħseb tkun tista' taħfrilhom imbagħad, Xiħ?

Pawsa

IX-XIĦ : Naħseb li mbagħad inkun nista'. Nittama.

RIENI: Ipprova mela, Xiħ. X'għandek x'titlef? Ara jien, jien m'iniex bħalek. Ma tantx naħfer malajr jien. L-ewwel irrid inpattiha. Illum pereżempju, illum jien u l-maħbub tiegħi kellna xi ngħidu. U hu abbandunani fid-dežert ta' wara nofstanhar sajfi, f'nofs triq niexfa għad-dell ta' lukanda battala qed tiġġarraf taħt xemx tisreġ. U biex jeħlisni ġie alla żgħir u iswed riekeb fuq Porsche ħamra ttajjar ix-xrar u tobżoq il-liri. U jien irkibt u tlaqt miegħu. Imma l-ewwel tlabt lill-alla iswed idur darbtejn, tliet darbiet madwar l-oażi tal-maħbub tiegħi. Biex hu żgur jarani nitgħannaq u nbus lill-alla iswed tiegħu. X'taħseb li għamel? Rani u faga f'demmu? Ħareġ jiġri warajna, ixejjer il-ponn jew ximitarra?… Le. Baqa' ma deherx. Baqa' ma deherx… U wara – wara taħseb li ddispjaċieh ta' kif ġab ruħu miegħi? X'taħseb?

IX-XIĦ: Iddispjaċieh. Għal ftit iddispjaċieh. Imbagħad xorob ftit ieħor, siker u ntefa' jorqod.

Tinstema' togħla bil-mod il-mod mużika fuq ir-radju – kanzunetta ta' xejra nostalġika u melankonika, tindika tmiem it-telefonata.

IX-XIĦ: U wara, meta ħrabt fuq il-Porsche ħamra, wara lilek iddispjaċiek, Irene?

RIENI: Xi ftit. Dejjem jiddispjaċini xi ftit wara.

IX-XIĦ: Jien ukoll. Goodnight, Irene.

RIENI: Goodnight. …U tal-aħħar, Xwejjaħ – jekk taf xi alla żgħir u iswed… agħtih ċempila int ukoll. Min jaf – forsi jista' jgħinek – lilek ukoll.

IX-XIĦ: Taħseb?...

RIENI: Ċerta.

IX-XIĦ: OK.

RIENI: Goodnight.

IX-XIĦ: Goodnight, Irene.

Mużika togħla għal xi ftit sekondi, imbagħad IX-XIĦ *iqum u jitfi r-radju.*

Jersaq lejn il-friġġ u jaqla' l-kalendarju minn fuqha. Imur lura lejn it-tavolina, jerfa' r-riċevitur u jagħfas il-buttuni ta' numru li jieħu minn fuq il-kalendarju.

IX-XIĦ: *(jistenna ftit sa ma jirrispondu, imbagħad, b'leħen sod, determinat)* Hello, nista' nkellem lil PJ, jekk jogħġbok? – Iva, kelli nagħtih risposta. Jaf li kelli nċempel. – Grazzi; nistenna. *(pawsa qasira)* Hello, PJ?…

Siparju

Tmiem it-Tieni Att

IT-TIELET ATT

U dawk li jgawdu d-dinja, bħallikieku ma jgawduhiex
għax is-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi.

1 XENA

Bosta ġranet wara. Filgħodu.

L-istess xena, imma l-post jagħtik dehra ta' dar li ġiet imneżżgħa kważi minn kollox. II-biċċa l-kbira tal-għamara m'għadhiex hemm, tneħħew il-kabords, il-bank u banketti kif ukoll l-apparat kollu tal-kċina. Minflok, fir-rokna tal-kċina, ħdejn il-vit iqattar l-ilma. hemm mejda qadima u żlugata, b'fuqha kitla, kitla tal-elettriku u xi żewġ tazez, ħdejhom kaxxa bl-għodda u fliexken tal-birra. Għad baqa' biss il-friġġ, battala u skunnettjata u maħruġa minn mal-ħajt, il-bieba ta' fuq tal-friżer magħluqa, imma dik t'isfel imbexxqa.

Fejn qabel kien hemm is-salott baqa' biss it-telefown fl-art.

Ix-xambrelli u l-bibien tal-panew inqalgħu u tneħħew, kif ukoll id-dwal u l-brazzi, hekk li jidhru l-wajers ħerġin minn ġol-ħajt fejn kienu. Baqa' bozza waħda għera mdendla b'wajer nieżel mis-saqaf. Ir-rota u l-moħriet li kien hemm esebiti mal-ħitan issa jinsabu mitluqin ma' ħajt fl-art.

MICHAEL *qed jaħdem fuq l-aħħar xambrella li tagħti 'l isfel għal ġol-kantina. Qala' l-imsiemer minn maċ-ċaċċis u qed jipprova jaqlagħha 'l barra biex iserraħha mal-ħajt, imma waħdu ma jidhirx li se jirnexxilu.*

Mill-bieb ta' barra jitfaċċa ALISTAIR. *Jieqaf josserva mid-daħla.*

MICHAEL *jintebaħ bih. Iħares lejh għal xi waqt, jaf li għalxejn jistenna għajnuna, imbagħad ikompli jqandel waħdu. Ix-xambrella tiżloqlu minn idu u tiddendel 'l isfel għal ġol-kantina.*

MICHAEL: Iva ejja żomm ftit, ħaqq dik il-qaħba dinja!

ALISTAIR *jinjorah.* MICHAEL *iqandel u jġebbed ftit ieħor, imma jaf li mhux se jirnexxilu. Jitlaq kollox u jħalliha titgerbeb*

xi tarġa jew tnejn. Jagħtiha daqqa ta' sieq u jitfagħha tkompli titgerbeb għal isfel.

MICHAEL: Kuntent issa?

Imur lejn il-kaxxa tal-birra u joħroġ flixkun. Ipoġġi fuq il-kaxxa tal-għodda u jixrob.

ALISTAIR: Taf li għalxejn qed tagħmel dan kollu, hux?

MICHAEL: Għalxejn tgħid int.

ALISTAIR: Le. Il-liġi tgħid għalxejn. Li għamilt, responsabbiltà tiegħek u jien mhux se niċċaqlaq minn hawn.

MICHAEL: Meta jiġu PJ u sħabu malajr iċaqalquk imbagħad, tibżax.

ALISTAIR: Issa naraw.

Jersaq lejn il-mejda u jixgħel il-kitla tal-elettriku. Jieqaf, jistenna li jisma' l-ilma jidbda jisħon u jtextex, imma donnu jinduna li mhix taħdem. Jixgħel u jitfi s-swiċċ. Għalxejn. Imur lejn swiċċ mal-ħajt jipprova jixgħel il-bozza f'nofs il-kamra. Għalxejn.

ALISTAIR: Tfejtu mill-main?

MICHAEL: Għax ma tmurx tara?

ALISTAR *idur biex joħroġ lejn l-indana.*

MICHAEL: Għalxejn, balalu! M'hemmx dawl!

ALISTAIR: Kif m'hemmx?

MICHAEL: Ġew jaqraw l-arloġġ u tfew kollox. Hekk kien il-ftehim. Toqgħodx tħares lejja! Issa fatta la żorba! U li hemm hemm!

ALISTAR *jinduna bil-bieba miftuħa tal-friġġ u jkompli jiftaħha beraħ. Vojta għal kollox. Jiftaħ imbagħad il-friżer u jsibu għadu mimli bil-laħam iffriżat.*

ALISTAIR: U dan? X'se tagħmel b'dan issa? Eh, għid, dak il-laħam kollu x'se tagħmel bih?

MICHAEL: Issa nara. Iżomm, tibżax...

ALISTAIR: Xi jżomm?

MICHAEL: ...Għandu tal-anqas erbgħa u għoxrin siegħa.

ALISTAIR: ...Trid issajru imma! U terġa' tiffriżah mill-ewwel wara!

MICHAEL: U jżomm qed ngħidlek!

ALISTAIR: Fejn se ssajru? Ħsibtha dik, ċuċ?… Ma ħsibthiex, hux? Se ssajjarlek Rieni issa?

MICHAEL: M'hemmx x'tara, għedtlek! Int iċ-ċuċ!

ALISTAIR: M'hemmx x'tara tgħid int.

MICHAEL: U m'hemmx x'tagħmel; beżqa u xagħra u m'hemmx lura issa! U aqtagħha! Li mar ma jiġix!

ALISTAIR: Issa naraw. *(imur lejn it-telefown)*

MICHAEL: *(jimxi warajh)* Issa naraw… X'qatt kellna minnu dal-post aħna, għid? X'qatt kellek int?

ALISTAIR: *(idur – jippuntalu sebgħu taħt imnieħru)* Li għamilt int, waħdek għamiltu…

MICHAEL: *(itajjarlu sebgħu)* U int issa tista' tmur lura mnejn ġejt! U aktar ma tirrassenja ruħek malajr li sa fl-aħħar hawn spiċċa u mar, aktar ikun aħjar għalik.

ALISTAIR: *(ikompli lejn it-telefown)* Aħjar għalik, trid tgħid. M'għandek ebda skuża. Kont wissejtek. Issa nagħmel li għandi nagħmel jien.

Jitbaxxa u jinżel għarkupptejh ħdejn it-telefown.

MICHAEL: X'tagħmel? X'se tagħmel?…

ALISTAIR: Taf x'se nagħmel. Kont wissejtek. Ersaq 'l hemm.

MICHAEL: *(ma jiċċaqlaqx)* Se ċċempel l-avukat? Lill-pulizija jew?

ALISTAIR: L-ewwel l-avukat.

ALISTAIR *jerfa' r-riċevitur, imma għajnejh fuq* MICHAEL, *jistennieh jipprova jżommu.* MICHAEL *jibqa' ma jitħarrikx.* ALISTAIR, *għajnejh dejjem fuqu, jibda jagħfas il-buttuni ta' żewġ, tliet numri. Jieqaf; ma jistax jifhem għaliex* MICHAEL

għadu ma żammux.

MICHAEL: X'ġara – insejt in-numru?

ALISTAIR: Le ma nsejtux! *(ikompli n-numru. Hekk kif iqum bilwieqfa bl-apparat f'idejh, xi ħadd jirrispondi minnufih)*… Eh, hello!

VUĊI TA' TFAJLA FUQ IT-TELEFOWN: Hello! Dr Theuma's office!..

ALISTAIR: Yes, may I speak to Dr...?

VUĊI / TELEFOWN: ...This is a recording. I'm sorry but at the moment Dr Theuma is out of the office...

ALISTAIR: Shit!...

MICHAEL: Taf li kollu ħela ta' żmien dan, hux?

ALISTAIR: *(waqt li jistenna li jieqaf il-messaġġ fuq it-telefown)* Issa naraw. Int fattartha kif ridt, issa naraw hux ħela ta' żmien.

ALISTAIR *iżomm it-telefown f'ħoġru, ħarstu dejjem fuq ħuh, jagħtih dahru u jitbiegħed minnu xi ftit.*

ALISTAIR: *(malli jispiċċa l-messaġġ bl-Ingliż)* Hello - Dr Theuma!… Hi, Alistair hawnhekk… *(ir-recording reġa' beda bil-Malti)* Shit!... ...Shit! *(jerġa' jistenna – f'wiċċ* MICHAEL*)* Shit, shit, shit!

Sa fl-aħħar tinstema' l-'beep', imma qabel ma ALISTAIR *jilħaq jerġa' jiftaħ ħalqu,* MICHAEL *ipoġġi idu fuq it-telefown u jaqtagħlu l-linja.*

MICHAEL: Ħallik mill-avukati, Alistair. Isma' minni.

ALISTAIR: X'int tagħmel?… *(iwerżaq f'wiċċu)* X'taħseb li qed tagħmel! Taħseb li jien se nibża' minnek?

MICHAEL: Ikkalma! Int lix-Xiħ kellimtu?

ALISTAIR: ...Lix-Xiħ? Le ma kellimtux!...

MICHAEL: Ġej ikellmek mela...

ALISTAIR: ...X'ridtni nkellmu?

MICHAEL: Kellmu ftit int…

ALISTAIR: ...Għaliex? Ridtni nkellmu? X'ridtni ngħidlu lix-Xiħ? *(jerġa' jċempel in-numru)* Tridni mmur nugżak u ngħidlu: Ara Pa, dan il-poxt ta' ħija ffalsifika l-firma tiegħi u mar biegħ dar ommi lil biċċa miljunarju korrott!

MICHAEL: Korrott għax jaf jagħmel il-flus?

ALISTAIR: ...Xi tridu jagħmel ix-Xiħ? Jiġi jiġbidlek widnejk jew jisplodik sas-seba' sema?

MICHAEL: ...Għax int bl-arti tiegħek b'kollox qatt m'għamilt sold?

VUĊI / TELEFOWN: Hello! Dr Theuma's office. This is a recording. If you care to leave a message please wait till you hear the sound of the beep. Your call is important to us. Please leave your name and telephone number so…..:

MICHAEL: Up yours! *(iniżżel it-telefown b'tisbita)* ...Le, lix-Xiħ ma kellimtux! Lill-avukat kellimtu diġà imma, qed tifhem? U jien minn hawn m'iniex ħiereġ! M'iniex ħiereġ, Michael!

MICHAEL: Għedtllek, sehmek se tieħdu…

ALISTAIR: Bullshit! Ma jimpurtanix mill-flus, qed tifhem!

MICHAEL: …Għada stess jekk trid…

ALISTAIR: Bullshit! Mhux il-flus kollox!

MICHAEL: …Sal-anqas sold!

ALISTAIR: Għalik iva, naf, il-flus kollox, tisraq u toqtol għall-flus int, naf! Imma mhux jien! Mhux jien! Ja poxt!

MICHAEL: Pufta mġiddem!…

IX-XIĦ *jidħol mill-indana hekk kif se jiġu fl-idejn. L-aħwa jindunaw bih fl-istess waqt u jieqfu.*

Sikta.

IX-XIĦ *jidħol 'il ġewwa. Iħares madwaru. Jgħaddi jdejh minn mal-ħitan, imelles fejn inqala' l-injam minn mal-ħajt. Sodisfatt, ikompli jdawwar ħarstu mal-kamra għera. Idur mal-*

friġġ vojta, jagħlaq il-bieba, imbagħad jersaq lejn il-mejda u joħroġ borża mill-but tal-ġlekk.

IX-XIĦ: Kiltu xi ħaġa?

MICHAEL: *(jimbotta lil* ALISTAIR *minn ħdejh)* Ħadt pastizz dalgħodu!

MICHAEL *jersaq lejn il-mejda imma jieqaf hekk kif jara l*IX-XIĦ *joħroġ kisra ħobż imgeżwra f'sarvetta.* IX-XIĦ *ikompli joħroġ borża oħra mtebbgħa żejt mill-but l-ieħor u minnha joħroġ biċċtejn ħobż. Iqiegħed is-sarvetta fuq il-mejda u jifrex kollox fuqha bir-reqqa.*

MICHAEL: Hemm x'ġibtilna sabiħ, Xiħ? Ħobż biż-żejt!

IX-XIĦ: *(iressaqlu l-ħobż)* Ftira bit-tadam.

MICHAEL: Jaqaw, reġa' żmien il-karestija? Int m'hawnx bħalek!

IX-XIĦ *ipoġġi mal-mejda. Jieħu biċċa ħobż u jibda jiekol. Joħroġ mus mill-but u jqaxxar basla, waqt Ii s-subien iħarsu lejh fis-skiet.*

IX-XIĦ: *(jgħaddi biċċa basla lil* MICHAEL*)* Xi ddeċidejtu? *(lil* ALISTAIR*)* Ftehimtu bejnietkom?

ALISTAIR: X'niftiehmu? … M'hemm xejn x'niftiehmu. Jien ma nafx kemm talab flus u ma rridx naf x'tah, naf biss li…

MICHAEL: Għedtllek, ara l-konvenju jekk trid! Qas sold tal-bolli ma naqqasna! Meta trid tista'...

ALISTAIR: Ma rrid nara xejn! Jekk nara, nara biss dik il-firma falza u dik biżżejjed għalija! Ma jimpurtanix xi ffirmajt!

MICHAEL: Kieku qgħadt nistenna lilek tiddeċiedi ma konna naslu qatt. Qalli, jew issa, illum qabel għada, jew xejn! X'ridtni nagħmel? Offrieli tlett elef aktar milli qatt kont qed nistenna! Għedtlek...

ALISTAIR: Il-flus mhux kollox.

MICHAEL: ...Tlett elef, ta! X'inhuma tlett elef mela; ħarja? Ara, jekk trid ħudhom int, OK? Dawk it-tlieta żejda tiegħek. Tajjeb?

Fair jew le? Nista' nkun aktar fair minn hekk, Pa? Għidlu!

ALISTAIR: Mhix kwistjoni ta' flus. Il-ħarja żommha int.

MICHAEL: Ħaqq, se jerġa'! Nirra!...

ALISTAIR: U barra minn hekk, jekk offra tlett elef żejda kellu xi raġuni; qatt ħsibt, baħnan! Qatt ħsibt li seta' kellu xi raġuni?

MICHAEL: X'raġuni, taż-żobb?…

IX-XIĦ: Ħej!…

MICHAEL: *(isabbat fuq il-mejda)* …Il-flus raġuni biss! Taħseb li dak jirraġuna bħali u bħalek? Għalfejn taħseb riedna naqilgħu u nqaxxru kollox minn mal-ħitan? X'raġuni hi dik, ħa nara għidli, profs? Għaliex ried ix-xambrelli barra, il-ħitan għera, il-kċina barra b'kollox? Għidli, għaref!

ALISTAIR: Xi raġuni kellu! Fejn naf! Inkella miġnun!

MICHAEL: OK, miġnun. Mhux kulħadd miġnun? OK! Jew kapriċċ, fejn naf! Basta kapaċi jħallas tal-ġenn tiegħu! Basta hemm il-liri jagħmlu tajjeb.

ALISTAIR: Liri u mhux liri, jien ma ffirmajt xejn. U m'iniex ħiereġ minn hawn.

MICHAEL: Ismagħni, ismagħni, Alistair: dak ma tiċċajtax miegħu. Qed tifhimni? Dak jasal, qed tifhem?

ALISTAIR: Int għaffiġtha! Mur spjegalu int.

MICHAEL: M'intix tifhem, baħnan? *(idur frustrat mal-kamra)* Taħseb li se jimpurtah min għaffiġha dak, jekk hux jien jew int? Taħseb ma jafx jagħmilha ta' Salamun dak? It-tnejn inpattu jekk noqorsuh… Iva għidlu ftit int, Pa! Qabel ma jgħallina lkoll! Ipprova infed dik ir-ras ta' tuba!

ALISTAIR: M'hemm xejn x'jgħidli. Missek staqsejtni. Iddiskutejtha miegħi l-ewwel...

MICHAEL: Niddiskutiha miegħek? Niddiskutiha miegħek?... *(jisplodi)* U int, meta tlaqt il-Kanada int, meta qbadt u tlaqt, iddiskutejtha miegħi? Eh? Meta ħrabt u ħallejtni rieqed waħdi hemm isfel, iddiskutejtha miegħi? Tmien snin sħaħ

– ma nistax niċċaqlaq! Għid - staqsejtni xi ħaġa lili?… Meta ħallejtni waħdi hawn, magħha? Għedtlli xi ħaġa lili, Alistair?… Għedtli? Waħdi, hawn, magħha?… Ma nistax niċċaqlaq! Għidli!

Pawsa.

ALISTAIR: U dik hi mela?

MICHAEL: Niddiskutiha miegħek?...

ALISTAIR: Din bi tpattija allura?… Mhux fair, Michael. Le, mhux fair...

MICHAEL: Ma qalulekx? Daqskemm hi fair il-ħajja!...

ALISTAIR: Mhux fair.

MICHAEL: ...Għid lili hijiex fair!

IX-XIĦ: *(lil* ALISTAIR*)* Allura, x'se tagħmel issa? Jekk qed nifhmek sew allura, int trid li ħuk jeħel talli ffalsifika l-firma tiegħek? Dak li trid? Titilgħu qorti? U sa fejn taħseb tasal, biex kollox ikun fair? Tridu jmur il-ħabs?...

ALISTAIR: Mela int miegħu wkoll? Eh? Għalhekk ġabek hawn?...

IX-XIĦ: Ħadd ma ġabni.

ALISTAIR: ...Għalhekk mela! Tistaqsi lili jekk irridux imur il-ħabs! Għax ma ħasibhiex hu qabel ma għaffiġha?

IX-XIĦ: Issa lilek qed nistaqsi. Tridu?...

ALISTAIR: Ma rridu xejn! Ma rrid xejn! Irrid biss li kollox jibqa' kif kien, OK? Dak li rrid! Xejn aktar u xejn anqas! Kollox kif kien qabel. Dak li rrid!

MICHAEL: Qatt ma jista' jkun kollox kif kien qabel. Għidlu int, Pa.

IX-XIĦ: Le. Jista'.

MICHAEL: Xiex?

IX-XIH: Jista', iva.

ALISTAIR: X'jiġifieri?

IX-XIĦ: Kollox kif kien qabel. Dak li rrid jien ukoll.

MICHAEL: X'int tgħid? Issa too late! Taf li ġa ffirmajt...

IX-XIĦ: Ismagħni! Int, Michael, kieku kien possibbli li jkun kollox bħal qabel?...

MICHAEL: Eh, u kif? U l-flus...?

IX-XIĦ: Xejn — Insa l-flus! Jekk tridu nistgħu nġibu kollox kif kien qabel.

MICHAEL: Qabel xiex? X'ninsa? U l-flus tad-dar? Se ttihomli int?

IX-XIĦ: Il-flus tad-dar ukoll

ALISTAIR: U d-dar – x'jiġri mid-dar? Issa li dak?...

IX-XIĦ: Id-dar ukoll, Alistair. L-anqas ħaġa d-dar. Id-dar tkun tagħna wkoll. Kif dejjem kienet.

MICHAEL: Qed tiġġennen! Int veru hemm fuq postok!

ALISTAIR: Tagħna? Għedt… tagħna? Jiġifieri tiegħek ukoll? Id-dar… tkun tagħna wkoll?

IX-XIĦ: Terġa' tkun tagħna. Ilkoll iva. Bħal qabel. Kif suppost kellu jkun.

ALISTAIR: Meta tgħid tagħna?… Jiġifieri trid tgħid tiegħek ukoll.

IX-XIĦ: Tiegħi wkoll.

MICHAEL: Tiegħu? ...Tiegħek kif?

IX-XIĦ: ...U tagħkom! Infatti – diġà hija tiegħi. U tagħkom. Ħarsu madwarkom.

MICHAEL *iħares lejn* ALISTAIR. *Imbagħad it-tnejn lejn* IX-XIĦ.

IX-XIĦ: Ħarsu, għedtilkom! *(jistenna)* Hekk hu… Issa tagħkom. Ħarsu. Tagħrfuha? Kif dejjem kienet?...

ALISTAIR : Għalhekk mela!...

IX-XIĦ: Eh? X'intom taraw?… Tarawha?… Kif dejjem kienet?…

ALISTAIR: Hekk… Kif kienet qabel, snin ilu, trid tgħid...

IX-XIĦ: Meta kontu żgħar. Hekk. *(iħares madwaru)* Sempliċi. Bla tiżjin, ġebel u saqaf, bla rħamijiet, bla xinxilli… *(iqum – jipprova s-swiċċ tad-dawl - għalxejn - sodisfatt)* Hekk. Qas dik l-ewwel darba li dħalna hawn, jien u ommkom, ma kien hawn dawl.

MICHAEL: X'int tgħid? Spjegali ftit…. X'jiġifieri 'tagħna' …jew 'tiegħek'?

ALISTAIR: Jiġifieri tiegħu, ċuċ!

IX-XIĦ: U tagħkom, jekk tridu.

MICHAEL: *(ifur)* Spjegawli ftit, tridu! Għiduli! Aqtgħuh dal-logħob bil-kliem! Xi trid tgħid biha 'tagħna'? Tistgħu titkellmu ċar!

IX-XIĦ: Tajjeb wisq. Tajjeb! Id-dar jien xtrajtha. Jien. Tifhem issa?

MICHAEL: Int? Xtrajtha int? Int kif?

ALISTAIR: *(basar tajjeb imma xorta ma jridx jemmen)* Jesus Christ!

MICHAEL: Xiex? Jien – jien lil PJ begħtha.

IX-XIĦ: Hekk hu. U hu xtraha għalija. F'ismi. Meta ġibtu hawn int lanqas l-iċken ħsieb ma kellu li jixtri. Imma dik il-lukanda se titwaqqa' għall-ewwel ħajritu. Ħaseb li seta' kien hemm xi biċċa negozju għaddej minn taħt il-taħt. Li forsi kien hemm xi ħadd lest iħallas għal dil-biċċa art ukoll – li forsi hu seta' jbill sebgħu ukoll. Imbagħad għedtlu l-verità. Li dik, hemm barra, tiegħi wkoll issa.

MICHAEL: Tiegħek?… Il-lukanda tiegħek ukoll? Int xtrajtha kont?

IX-XIĦ: Bl-aġent. Lanqas ommok u Pawlinu ma kienu jafu lil min kienu qed ibigħu. Jien xtrajtha. Tibzax – ma kenitx għolja – qatt ma kienu ġabu permess sura ta' nies… Għalfejn taħseb falliet? Riedet ittellagħha imma. Ta' rasha. Jien - jien inwaqqagħha imma. U mhux biex intella' lukanda oħra, ibqa' ċert. Lanqas kieku kellhom ituk elf permess. Imma biex kollox jerġa' bħal qabel. Dik l-art u dar-razzett fejn kienu, u kif kienu qabel tlaqt.

ALISTAIR: U kemm kont ilek tippjanaha din?

IX-XIĦ: Mhux nippjana. Nistenna… Imma issa tiegħi. U tagħkom. U jekk tridu tistgħu tibqgħu hawn. M'hemm bżonn ħadd jitlaq minn hawn issa. Mhux dak li ridt int, Alistair? Id-dar, dar-razzett? Tajjeb mela – issa tagħkom.

ALISTAIR: U tiegħek.

IX-XIĦ: Tagħna lkoll. Kif dejjem suppost kellu jkun.

MICHAEL: ...Kieku ma kienx minħabba fiha.

IX-XIĦ: Jien ma qed nagħti tort lil ħadd…

ALISTAIR: Lanqas lilha?

IX-XIĦ : ...Irrid biss li bejnietna tal-anqas kollox jiġi kif kien qabel.

ALISTAIR: Kif qatt ma kien, trid tgħid.

IX-XIĦ: ...Kif suppost kellu jkun! Ċans ieħor biex inkunu kif suppost missier u wliedu għandhom ikunu.

MICHAEL: Kif kellhom ikunu kieku ma kontx int li nikt kollox.

IX-XIĦ: Li kien, kien! Kien u għadda! *(jikkalma)* Araw – li rrid – li rrid hu biss li ninsew li ġara u li ma ġarax. Biġġel – biġġel u insa, eh Mike, tiftakar?...

ALISTAIR: Għaliex m'għedtilniex mill-ewwel li ridt tixtri d-dar?

IX-XIĦ: Jimporta għaliex? L-aqwa li issa...

ALISTAIR: Jimporta iva! X'taħseb, Mike – għaliex taħseb li ma qalilniex li ried jixtriha hu?

MICHAEL: Kieku qatt bsart li kellu l-flus!...

ALISTAIR: Eh, imma għaliex ma qalilniex?

IX-XIĦ: Għax kont nibża' li ma kontu se taslu qatt li taqblu bejnietkom biex tbigħuha. Arakom, għadkom s'issa targumentaw.

ALISTAIR: Imma int kont taf li jien ma ridtx inbigħ. U jekk stess ommi ħalliet hawn f'isimna t-tnejn, kont taf li xorta tagħha baqgħet. U tgħid ma ssoponejtx li jien qatt ma ffirmajt xejn – li qatt ma qbilt? *(ebda risposta)* Kont taf, iva. Kont taf li

Michael kien se jiffalsifika l-firma. U ħallejtu… Bħalma ffalsifika l-firma t'ommi fuq iċ-ċekkijiet…

MICHAEL: Jien ma ffalsifikajt xejn! X'ċekkijiet huma?

ALISTAIR: Tgħajjat xejn – m'hemm bżonn tgħajjat xejn! Jaf. Hux kont taf ukoll, Xiħ, fuq iċ-ċekkijiet?

IX-XIĦ: Kont naf...

ALISTAIR: Rajtx kif...

IX-XIĦ: Mhux mill-ewwel imma! Wara, meta ġejt hawn. Infatti kont qtajt qalbi għal kollox minn ommkom – minnkom dawk is-snin kollha. Xorta bqajt nibgħat iċ-ċekkijiet. Dawn is-snin kollha ta' skiet, imbagħad erba' xhur ilu, f'daqqa waħda, iċ-ċekkijiet bdew ġejjin lura msarrfin! Ħsibt li forsi sa fl-aħħar ommkom bdiet iċċedi. Li dak kien is-sinjal… U bdejt naħseb biex niġi lura. U bdejt nindaga. Għedt forsi kellha bżonn il-flus... *(ixengel rasu)*

ALISTAIR: Le – hi ma kellhiex – qatt ma kellha. Hu iżda *(*MICHAEL*)*, hu iva.

IX-XIĦ: Kieku ma kienx għal dawk iċ-ċekkijiet, kieku qas biss kont nerġa' nibda nittama...

MICHAEL: Le, dażgur, kont tinsiena kif dejjem insejtna kieku! Allura – OK, jien ħadthom dawk iċ-ċekkijiet – orrajt, veru! Imma kelli kull dritt – jekk ommi kienet hekk supperva li ma teħux dak li ħaqqha, jien ma kontx! U m'iniex! Dak li tagħtini d-dinja jiena nieħdu, għala le? Tatni u tagħtini tant fuq wiċċi – tant majnati – ma neħux ukoll il-ftit tajjeb, il-loqom, li jaħarbulha? Meta r-rota ddur – meta l-ass idur u jmiss lili!… Għaliex le? Kulħadd jaħseb għal rasu, kulħadd jaqbad u jitlaq meta jaqbillu… L-ewwel int *(lix-*XIĦ*)* u wara int *(lil* ALISTAIR*)* u issa ommi – ommi wkoll! Għaliex le, mela? Għandi kull dritt! OK, nammetti – iffalsifikajt il-firma t'ommi – iffalsifikajt tiegħek *(lil* ALISTAIR*)*. U lilek begħtlek dar li ma kinitx tiegħi – id-dar tiegħek stess. OK! Allura, issa? X'se tagħmlu? Titfgħuni l-ħabs? Itfgħuni jekk

tridu! Taħseb se jimpurtani?… Eh?

IX-XIĦ: Ħadd mhu se jitfgħek il-ħabs. Tafu tajjeb.

MICHAEL: Naf! Nafu tajjeb, iva! Patta para patta! U issa – issa nirranġaw kollox bejnietna – kollox fil-familja, eh, xi tgħidu? Bħall-aħwa, eh, Alistair ħi. *(ipoġġi jdejh madwar spallejh)* Ħobża u sikkina eh, Alistair? Eh, Pa? Id taħsel l-oħra, eh, u l-kumplament, xi tgħid?

ALISTAIR *jinħall minn miegħu u jimbuttah 'il bogħod minnu.*

MICHAEL OK, u issa? Issa li l-missier prodigu u l-iben prodigu ltaqgħu nofs triq u tgħannqu u tbewsu? Issa li reġgħu qasmu l-ħobżna ta' kuljum bejniethom? X'iżjed issa? Kif kompliet il-ħrafa? Tafu kif tkompli? Liema ħaruf tal-festa taħseb iridu joqtlu biex jiċċelebraw? Imma tgħid, tgħid x'kellhom f'moħħhom jagħmlu bl-iben l-ieħor? Għax tinsiex l-iben l-ieħor, Pa, dak li baqa' l-art, Pa! Tinsiex! U ibża' minnu! Ibżgħu minnu! X'nagħmlu bl-iben l-ieħor, ħi, għidli? Dak li dejjem tħalla barra minn kollox u minn kulħadd, waħda mid-disgħa u disgħin nagħġa li qatt ma marru mkien? Dak li issa jara r-ragħaj ġej lura bin-nagħġa fuq spallejh, dak li jgħir u ma jifhimx għala hemm din l-hena kollha għan-nagħġa waħda l-mitlufa li reġgħet lura?… Ikun irid jaf, missier, m'intix tara? Ikun irid jaf għala din il-festa kollha, għala dawn il-pranzijiet, lażanji u tiġieġ! *(jieħu l-ħobż tax-*XIĦ *u joffrih lil* ALISTAIR*)* Hawn, ejja, hawn, ħudu sehmek! Ħalli vera jifirħu l-anġli fis-sema! Ħudu sehmek – għax dan li ħaqqek int! Int li mort u erġajt lura! Għax issa hawn biżżejjed għal kulħadd, tibżax, għal kull min mar u reġa' lura, u għal min baqa' wkoll! Alleluja!... Għal min baqa' wkoll, sa fl-aħħar! Għax issa jieħu kollox hu! Mela kazz, Sur Kappillan! Mela żobb! U għalik ukoll, Ma, inti fejn inti! Għax sa fl-aħħar tlaqt int ukoll! Int ukoll! X'ma jifirħux l-anġli tas-sema? Qattx rajtu familja ferħana bħal din! Għiduli: qatt rajtu! Għiduli! Għiduli!

Dlam.

2 XENA

L-għada. Ix-xena ftit li xejn inbidlet ħlief li taħt il-vit issa reġa' hemm sink tal-aluminju, mistrieħ fuq xi żewġ ħadidiet imdaħħlin fil-ħajt; l-għamara għadha mill-anqas – żdiedu biss xi siġġu u banketta.

Fuq il-mejda ħdejn is-sink hemm spiritiera u fuqha stanjata għat-te, ħdejhom xi vażett bit-trab tal-kafè, zokkor u bott tal-ħalib. Taħt il-mejda, xi kaxex tal-birra. Fl-art, radju jdoqq b'volum baxx.

MICHAEL, *liebes ħwejjeġ aħjar minn qatt qabel, u flimkien ma'* ALISTAIR *qed iqandel kif jista' l-friġġ biex jerġgħu jpoġġuha f'postha mal-ħajt. Jidher li hemm xi likwidu aħmar iċarċar mal-ġenb tal-bieba: id-demm tal-laħam iffriżat li nħall. Fl-art ukoll, fejn qabel kien hemm il-friġġ, tħalliet warajha għadira demm.*

MICHAEL: Ġib il-plagg.

ALISTAIR: *(inewwillu l-plagg tal-friġġ)* Għalxejn.

MICHAEL: *(jaf – jipplaggjaha xorta waħda)* Tibżax. Dik issa nieħdu ħsiebha wkoll.

Jiftaħ il-friġġ qisu jistenna li jaraha mixgħula u mimlija. Jerġa' jagħlaq. Ikun se jiftaħ il-friżer iżda jerġa' jibdielu.

MICHAEL: Tibżax. Tibża' xejn. Ejja 'l hawn!

Jersaq lejn it-taraġ tal-kantina fejn hemm ix-xambrella mistrieħa mal-ħajt. Jgħolluha u jqegħduha lura f'postha taħt l-arkata.

MICHAEL: Żomm ftit.

Waqt li ALISTAIR *iżommha biex ma taqax,* MICHAEL *imur iġib martell u xi msiemer minn taħt il-mejda. Jiġi lura u jsammar musmar wieħed jew tnejn f'nofs ix-xambrella, kemm kemm ma taqax.*

MICHAEL: Erħilha – mhux se taqa'. *(jersaq lura biex josserva xogħlu, jirfes id-demm fl-art)*

ALISTAIR: Ara fejn tirfes!

MICHAEL: ...Tal-anqas ma jarahiex mas-saqajn forsi jinsa li għadha hawn dik.

ALISTAIR: *(imur ħdejn is-sink iġib ċarruta)* Mhux se jinsa. Mhux issa.

MICHAEL: Ħallih; ma jinsiex mela...

ALISTAIR: Xejn ma nesa. Ħlief dak li ma jafx.

MICHAEL: Xiex?... Tad-dawl ġa ċempiltilhom, la trid taf. Għandhom jiġu jerġgħu jikkunnettjawh illum.

ALISTAIR *jiġi lura u jimsaħ id-demm mill-art.*

ALISTAIR: Taf li mhux se jieħu gost, hux? Smajtu x'qal: kollox kif kien qabel...

MICHAEL: Jgħid li jrid. Xorti tajba li t-telefown ma skunnettjajniehx, għandek tgħid.

ALISTAIR: Mela beħsiebek tibqa' hawn int, hux hekk?

MICHAEL: Għaliex le?

ALISTAIR: Tassew – għaliex le? Għandek il-flus tal-bejgħ tad-dar – se tibqa' hawn – u xejn ma nbidel għalik. Ħlief li issa għandek il-flus ukoll.

MICHAEL: Eżatt, u int ukoll. Int ukoll tinsiex! U lili tafhom dawk il-flus… Lili biss, u lill-inġenwità ta' moħħi!

ALISTAIR: Inġenwità! Hekk isejħilha? Żgur mhux immoralità ? U kellek ittini tlett elef oħra – dawk malajr insejthom ukoll.

MICHAEL: Intik tlett elef ta' xiex? Mela int għamlit xi ħaġa! Qas iffirmajt il-kuntratt int, aħseb u ara! *(jidħaq)* Qas biss għollejt dak is-saba' ċkejken ċkejken tiegħek biex ħarbixt ismek – u hemm int: sinjurun żgħir! Tgħidli grazzi jmissek – tagħti kapparra lili jmissek – mela jien lilek!

ALISTAIR: L-immoralità ta' dan kollu qas biss taraha int, hux hekk? Qas biss jgħaddilek minn moħħok: id-dar t'ommi, begħtha lil missierek, iffalsifikajt il-firma ta' ħuk – u fuq kollox se

tibqa' tgħix hawn, eżatt bħal qabel, qisha d-dar baqgħet tiegħek xorta waħda!

MICHAEL: U l-flus il-bank! Eh – ġenju? Għidli iniex ġenju! *(aħrax)* X'immoralità? Jekk inkun irrid lezzjoni ta' moralità żgur għandek se niġi, tarax! Jien lilek qatt indħaltlek x'tagħmel u ma tagħmilx, fejn tmur u ma tmurx? Kif tonfoq flusek?

ALISTAIR: Għax bħal dak li qallu qatt impurtak.

MICHAEL: Jimpurtani mela ma jimpurtanix! U kif! Taħseb nieħu gost li ħija jkun fi lsien in-nies?...

ALISTAIR: Daqskemm jimpurtak minn ilsien in-nies int!... Tridnix ngħidlek jien fuqi, fuq in-nies? Għaliex...

MICHAEL: Ma rrid xejn ara! Aqtagħha. Ara, int gawdi l-flus, agħmel li ridt tagħmel meta ġejt lura, u toqgħodx tistaqsi minn fejn u kif ġew. Int taf xi trid!

ALISTAIR: Naf...

MICHAEL: OK. L-aqwa li taf, u li issa għandek il-flus biex tieħu li trid. Dik l-unika moralità li tgħodd. Jien, jien naf xi rrid. U taħseb xejn, li rrid nieħdu.

ALISTAIR: Xi Porsche tgħid int?

MICHAEL: *(imur mal-mejda jieħu birra)* Porsche, forsi... Dik ukoll forsi.

Jidħol IX-XIĦ *minn barra mgħobbi b'żewġt ixkejjer imdaqqsin. Waqgħet ċerta telqa fuqu u bil-mod il-mod donnu beda jirtira mir-realtà – bniedem li jaf li se jitlef kollox. Imur dritt lejn it-taraġ tal-kantina; iħalli xkora waħda f'ras l-ewwel tarġa u bla kliem xejn jinżel bil-galbu bl-oħra.*

Pawsa qasira, qasira – MICHAEL *u* ALISTAIR*, jistennew sa ma jinżel, imbagħad ikomplu, imma donnhom jafu li se jerga' jitla' minn ħin għal ieħor.*

ALISTAIR: Porsche!… X'ambizzjoni! X'viżjoni.

MICHAEL: *(resaq iħares lejn l-ixkora)* Għedtlek 'forsi'.

ALISTAIR: Ah, hemm xi ħaġa oħra mela? Ah. forsi Rieni? Forsi

hemm Rieni wkoll! Għalhekk tridha l-Porsche – għal Rieni? X'altruwiżmu!

MICHAEL: *(idur)* Rieni… Rieni tmur għand ix-xjaten kollha li hemm l-infern.

ALISTAIR: Milli smajt jien diġà darithom kollha.

MICHAEL: Imma l-ewwel, l-ewwel kienet bdiet bik, mhux veru? Għax riedet lilek l-ewwel, le? Miskina, Rieni! Għidli, ma jgħaddilekx minn moħħok kultant li kien kollu tort tiegħek – Rieni rrid ngħid – kif baqgħet hekk, minħabba fik, qatt ma tista' ssib lil ħadd? Eh, qatt għaddielek minn moħħok li kieku qatt ma ltaqgħet miegħek, li kieku qatt m'eżistejt int, kieku kien ikollha ċans issib xortiha, tfajla bħal dik? Qatt għaddielek?

ALISTAIR: Għaddieli.

MICHAEL: Li kieku ltqajt jien l-ewwel magħha u mhux int. Kieku, kieku kienet tkun storja oħra.

ALISTAIR: Forsi – kieku jien qatt m'eżistejt. It-tort li neżisti iżda, ftakar, mhux tiegħi. Tarani kemm jien imġennen biex ikolli ulied jien...

IX-XIĦ *tela' mill-kantina.*

ALISTAIR *jinduna bih – jaf li semgħu. Jistennieh se jgħid xi ħaġa.* IX-XIĦ *iżda jitbaxxa u jerfa' l-ixkora. Imma dlonk jerġa' jniżżilha – forsi għax irid jistrieħ – forsi għax ma jiflaħx ma jgħidx xi ħaġa kieku jaf kif jaqbad jibda.*

ALISTAIR*, sogħbien, jersaq biex jgħinu jerfa' l-ixkora.*

ALISTAIR: Trid xi għajnuna?

IX-XIĦ: *(bil-herra)* Ħalli! Tmissx jekk ma jistaqsukx! Tmiss xejn! Fejn taf x'fiha? U kieku kienet mimlija ġelatina, eh? Fejn taf jekk skoss wieħed biss hux biżżejjed biex itajjarna lkoll sas-seba' sema, eh? Darba u tal-aħħar? Imbagħad żgur qatt ħadd ma jkun eżista! Mela tmissx! Tmiss xejn! X'qatt għamilt jien imma, biex jistħoqqli wlied bħalkom, qatt staqsejtuha dik?

ALISTAIR: Ara, ma nerġgħux nibdew…

IX-XIĦ: ...Eh, x'qatt għamilt jien? Qatt għaddielkom minn moħħkom jekk ġenituri jistħoqqilhomx jew le l-ulied li jingħatawlhom?

ALISTAIR: Għaliex, hawn xi ħadd jistħoqqlu dan kollu? Dal-ġid kollu li għoġbu jistagħnani bih il-bravu ibnek!.

MICHAEL: ...Alleluja!

ALISTAIR: Għaliex ma tħallinix ngħinek mela issa?

IX-XIĦ: Għax int mhux tgħin trid.

ALISTAIR: Xi rrid mela? Taf aktar minni xi rrid? Ippruvajt intik daqqa t'id - ngħinek....

IX-XIH: Tgħinni xejn!.

ALISTAIR: Mela xi trid? Għidli xi trid!

IX-XIĦ: Mela bilfors dejjem irrid ngħidha jien x'għandek tagħmel; x'għandek tgħid?...

ALISTAIR: Hemm int, ommi, l-istess! Taf biss x'ma tridx.

IX-XIĦ: Mhux veru.

ALISTAIR: Bħal ommi, iva. Għax nagħmel x'nagħmel qatt ma se nogħġbok lilek, Pa. Lanqas lilek! Għax jien dak li jien, u dak li jien int ma tridux! U dak li taf int: x'ma tridx!...

IX-XIĦ: Mhux veru! Naf biss x'nixtieqek, x'nixtieqkom tkunu t-tnejn.

MICHAEL: U li huwa?...

IX-XIĦ: Ulied. Ulied vera. Kif għandhom ikunu l-ulied.

ALISTAIR: Ulied vera. Erġajna. Għamilt żball, Pa. Aħna issa aħna dak li aħna. Irridu jew ma rridux.

IX-XIĦ: Le, tajjeb hekk kieku! Ħafif kieku taħrab minnha hekk: ma tagħmel xejn għax issa intom dak li intom! Mhix skuża dik! Intom intom dak li tiddeċiedu li tagħmlu. Li tagħmel jgħodd, mhux li int. Tista' tkun beżżiegħa, ġifa, u ma

taħrabx. Imbagħad, imbagħad tkun tassew raġel.

ALISTAIR: Għax m'iniex mela? Dak li trid? Li nkun raġel tassew?...

MICHAEL: Tgħid int, raġel fuq l-irġiel! *(jinfexx f'daħqa)* Tisma' hux, Alistair! Raġel fuq l-irġiel iridek! Xi tgħid kieku taqtagħlu xewqtu, eh, xi tgħid? Jew forsi ma jafx li ġa qtajthielu kieku!…

IX-XIĦ *jgħajjat għajta fgata, għajta ta' barri feroċi. Iħares madwaru qisu mherwel, jaħtaf l-ewwel ħaġa li jsib quddiem għajnejh: il-flixkun tal-birra. Ikun se jagħmel għal* MICHAEL *bih, minflok jaħtfu, jixħtu u jkissru fit-taraġ tal-kantina.*

ALISTAIR: Ħallih, Pa! Tagħtix kasu!

IX-XIĦ: *(jersaq fuq* MICHAEL *– f'idu issa feġġ il-mus miftuħ)* Jekk nerġa' nisma' kliem bħal dak hawn ġew, jekk tiftaħ fommok moqżież darb'oħra, tal-aħħar tkun! Tal-aħħar, qed tifhimni? *(jersaq u jippuntalu l-mus taħt geddumu hekk kif* ALISTAIR *jiġi minn wara* X-XIĦ *u jipprova jiġbdu lura)* Nurik jien!...

MICHAEL: X'turini? *(imriegħex - jagħmel ftit almu)* X'turini? X'għedt jien? Għedt xi ħaġa jien? X'turini int? Turini!… *(jersaq pass)* Ifhem, Xiħ, ifhem jekk taf tifhem. Għadda ż-żmien meta kont tista' tbeżżagħna, għadda qed tifhem, Xiħ! U issa tiġi bil-mus! Bil-mus ukoll. Għadek taħseb li tista' tbeżżagħni?...

IX-XIĦ: Itlaqli 'l barra minn hawn! Mur! Il-flus ħadthom, le? Mela mur! Ma rridekx aktar hawn ġew lilek, qed tifhem! Itlaq!

MICHAEL: Immur meta rrid! Mela kif? Tiġi hawn, għax taf li telqet hi, u terġa' tipprova tindiehes magħna… bla qatt ma tlabniek! Bla qatt ħadd ma riedek! Min bagħat għalik? Għax għandek il-flus?… U ġġib ikel, u ssajjar fniek u lażanja, u nbid tiela' u birra nieżla! X'taħseb, li dak biżżejjed biex tpatti għal għoxrin sena ta' nuqqasijiet? Li issa se tkun missier u omm f'daqqa? Kif dejjem ridt tkun!

IX-XIĦ: Le! Għax hekk kien fil-bidu…

MICHAEL: Xiex - hekk kien fil-bidu?...

IX-XIĦ: ... Meta kien għadu kollox pur, hekk kien! – Meta kien għad għandna ħajjitna quddiemna lkoll.

ALISTAIR: Vendikazzjoni wkoll imma, Pa. Ammettiha. Dak kollu li għamlet hi wara li tlaqt int, kollox trid tara meqrud. Għalhekk ġejt int.

IX-XIĦ: Veru... Imma mhix b'vendikazzjoni. Veru iva. Imma intom ma tafux… X'jafu l-ulied x'jgħaddi bejn omm u missier? X'tafu? Kont jien il-vendikazzjoni tagħha… Jien kont! U kull darba li ppruvajt niġi lura nsibha dejjem lesta titfagħhieli ma' wiċċi: "Int ma tafhomx lil uliedek, Manwel..." Titfagħhieli ma' wiċċi!... "Ma tafhomx! Int m'għextx magħhom. Ma rajthomx jikbru, ma rajthomx trabi kollha għożża u mħabba f'għajnejhom, imdendlin ma' sidri, kif rajthom jien. Ma rajthomx! " *(b'qilla)* Imma jien kont narakom – ma' sidirha! – mela ma kontx! Imma mhux lilkom biss kont nara. Kont nara lilha wkoll, lilha wkoll. U l-bidla - nara l-bidla sseħħ ġewwa fiha bla ħniena, minn meta tatu l-ewwel pass, minn meta tibdew tinfatmu minnha. Għax dak kien il-biża' tagħha, li tarakom tikbru, dejjem tikbru, tikbru u tippruvaw tagħtu dak l-ewwel pass; tarakom titbandlu fuq dawk is-saqajn imbaċċa, tixxenglu minn naħa għal oħra sa ma taqgħu għal wiċċkom fl-art. U tarakom dritt terġgħu tqumu, u terġgħu tippruvaw, b'dik l-ostinazzjoni, dik il-kilba biex timxu u titbiegħdu minnha, dik il-kilba għall-firda li tnessikom it-tbenġil, id-daqqiet, basta titilqu, basta titbiegħdu minnha… Dak kien l-akbar biża' tagħha. U ara qatt taħsbu li kienet se tagħmel xi ħaga, qatt tgħinkom tagħtu dak l-ewwel pass…

ALISTAIR: U int allura? X'kont tagħmel int?…

IX-XIĦ: Xi stajt nagħmel? Mhux li kont nista'! Għax kienet tinduna, kienet tkun taf li ridt ngħinkom, nipprova kemm nipprova ma nħallihiex tinduna… U allura kont neħel jien. U aktar ma tikbru, aktar neħel jien! U issa... Mhix b'vendikazzjoni issa, le. Għax issa hi ħelset, hi ħelset u spiċċat biex kellha taħsel idejha minnkom. Iddeċidiet sa fl-aħħar li m'hemm xejn aktar x'tagħmel. "Ma rridx niġġieled aktar kontra

n-natura perversa tagħkom!" qaltli. Mhux tort tagħha, iddeċidiet, u ħaslet idejha, kuxjenza safja. U telqet. Imma jien le, jien għadni ma ħlistx. Jien ukoll irrid naf li mhux ħati… Egoist iva! Imma rrid naf li mhux ħati, li ma kienx kollu tort tiegħi. U issa li nista' – issa rrid nagħtikom kollox, dak kollu li teħtieġu u tixtiequ, l-għajxien, kollox... *(jiftaħ il-friġġ, il-bieba ta' fuq ukoll, jaħtaf laħam li nħallitlu l-friża)* Kollox, inżoqqkom ukoll jekk jeħtieġ! – Bħall-pellikan li jitma' lil uliedu b'ġismu stess jekk jeħtieġ! *(idejh imċappsin – jimsaħ id-demm ma' sidru)* B'demmu! Demmi kollu kemm hu! U flus, flus biex tagħmlu dak li dejjem ħlomtu tixtiequ tagħmlu u ma stajtux. Għax żammitkom hi! U kulma nitlobkom, kulma nitlob mingħandkom li kultant tiftakru li jien missierkom! Li jien għadni – kont u għadni – missierkom. Qed nitlob wisq imma, eh? Qed nitlob wisq mingħandkom? Għiduli!

MICHAEL: Ara jien kieku għalija… Ma nafx. Ma nafx! Ma nafx! Wara kollox għalfejn da' kollu issa?...

ALISTAIR: Iskot, Mike.

MICHAEL: Xiex iskot?… X'niskot?

ALISTAIR: Iskot. Wasalna s'hawn, nispiċċawha darba għal dejjem…

IX-XIĦ: Darba għal dejjem.

ALISTAIR: Le, mhux wisq. Imma x'qed titlobna, Pa? Taf x'qed titlobna? Jien veru, ngħidlek "Pa", Imma fejn naf x'inhu missier jien? – Fejn nafu aħna? Kieku bil-kliem faċli, għax hekk jgħallmuna bil-kliem...

IX-XIĦ: Ma tafx – ma tafux? Hawn ara, int għami allura? Għomja t-tnejn? *(jiġbidhom ma' sidru)* Dan hu missier – hawn quddiemkom! Dan hu! Dak li lest jagħti kollox għal uliedu! Dan hu missier! *(ibushom)* U jien tajtkom kollox! Kollox tajtkom! Ma fadalli xejn fid-dinja, ħlief did-dar, dil-biċċa art, u lilkom fiha. U dan kollox għalija! Issa – issa dari darek, u mieli mielek, Mike! Dari darek u mieli mielek, Alistair!...

MICHAEL, *b'ferneżija biex jimsaħ ħwejġu, jinħall u jitbiegħed*

minnu

IX-XIĦ: Tifhem issa, Mike?... Għaliex taħrabni? Tifhem għaliex ġejt? Għalikom ġejt. Għalikom biss. Kien hemm bżonn ngħidha wkoll, Alistair? Kien hemm bżonn?…

MICHAEL: Allura int veru qed tgħid? Infaqt kollox? Ma fadallek xejn fid-dinja...

IX-XIĦ: Ħlief din id-dar. U lilkom. Fadalli lilkom...

MICHAEL: Iva, id-dar u lilna…

IX-XIĦ: Xejn. U l-art hemm barra...

MICHAEL: L-art u l-lukanda…

IX-XIĦ: Triduha? Triduhom ukoll?… Ħuduhom! Ħudu kollox! Ma fadal xejn u ma rrid xejn għalija!

MICHAEL: Jiġifieri, flus u hekk allura ?...

Pawsa

IX-XIĦ: *(leħnu jiħrax)* Xejn.

MICHAEL: Sal-anqas sold mela….

IX-XIĦ: Sal-anqas sold… Xejn

MICHAEL: Prosit hej…

IX-XIĦ: Xejn... Imma fadalli lilkom, le? *(iħares lejn* ALISTAIR*)* Issa għandkom kollox. Għandkom l-art – għandkom id-dar – u għandkom missier… Imma l-aqwa li għandi lilkom. Uliedi. *(idur fuq* MICHAEL*)* Mhux hekk, m'għandix lilkom?

MICHAEL: Lilna. Lilna… U din id-dar. Ġejt tajjeb ukoll... Kif Alla jridek…

IX-XIĦ: *(lil* ALISTAIR*)* Għid – m'għandix lilkom?...

ALISTAIR: Lilna. Għamilt lant, Xiħ. Veru fina x'tara…

IX-XIĦ: Tabilħaqq… Tabilħaqq. Issa... Tabilħaqq.

Jersaq ipoġġi mal-mejda. Ineħħi l-beritta minn rasu u jagħfas idu ma' nagħsu.

IX-XIĦ: *(sa fl-aħħar jgħolli rasu - isabbat bil-ponn fuq il-mejda)* Imma le! Le, le u le! *(jerġa' jsabbat u jqum bilwieqfa)* Jekk ma ngħidhiex ninfasad! Imma allura ħadd minnkom ma jgħidha? Ħadd? Ħadd ma tgħaddilu minn moħħu jgħidha? Ukoll jekk mhux veru – ukoll jekk gidba – tal-anqas għiduha! Għiduha tal-anqas!

MICHAEL: X'ngħid? Tinfasad biex?...

IX-XIĦ: Int le, tabilħaqq, minnek missni stennejtha. U ma ntikx tort sa barra. Imma int… *(idur fuq* ALISTAIR*)* Tal-anqas int – kont naħseb li tal-anqas int...

ALISTAIR: Jien? U għaliex jien? Eh, għax jien differenti forsi?...

IX-XIĦ: Le! Ieqaf! Mhux fuqek qed nitkellem. Qed nitkellem fuqi – fuqi! Taħseb li lilek biss bożqitlek f'wiċċek id-dinja? Għedtilkom... għedtilkom: Jien għandi lilkom, uliedi. Għandi lilkom… Uliedi! X'suppost tgħidu intom mela? X'suppost tgħidu?… X'suppost kellkom tgħidu? *(ixengel rasu b'dispramen)* Għalxejn… għalxejn imma… Għalxejn!

MICHAEL: Iva xi tridna ngħidu f'ġieħ Alla? Għid! Obżoqha!

IX-XIĦ: F'ġieħ Alla.… Iva, nobżoqha… *(jobżoq fl-art quddiemu)* Għax meta jien ngħidilkom: Jien għandi lilkom – lilek *(jobżoq)* u lilek *(jobżoq)* ikun imiss lilkom tgħiduli: U int għandek lilna, Pa – uliedek. Tridu toħorġuha minn qiegħ ruħkom imma u tgħiduha – tobżquhieli lura f'wiċċi jekk hemm bżonn: Għandek lilna, iva Pa; uliedek!… Uliedek! – Imma m'għedtuhiex… M'għedtuhiex, le…

IX-XIĦ *idur mal-kamra jxejjer rasu, donnu ma jafx fejn jaqbad imur. Ikompli jgemgem waħdu, " Le, le, le ..."*

ALISTAIR: Ara, OK, forsi għandek raġun.

IX-XIĦ: Le – tgħid xejn issa! OK xejn!...

ALISTAIR: Ismagħni! Ħsibtek li fhimt… li ma kienx hemm bżonn il-kliem...

IX-XIĦ: Le – xejn mhu OK! Xejn! Issa tgħidu xejn. Kien hemm bżonn… kien hemm bżonn iva! Imma issa tgħid xejn;

tgħidu xejn issa. Le. M'hemm xejn x'jingħad iżjed issa. Issa li kelli nobżoqha jien, issa tard wisq. Issa li kelli nobżoqha jien!… Le! Le!....

MICHAEL: Ara kif jagħmel! Xi stenna – hekk, kiesaħ u biered?…

IX-XIĦ: *(bejn jisimgħu, bejn le, ixejjer b'idu biex isikkithom bla ma jħares lejhom)* Le – tgħidu xejn. Issa le. Issa le. Issa ma jgħoddx. Ma jgħodd xejn issa. Kelli nobżoqha jien!… Issa le....

Sa fl-aħħar IX-XIĦ*, jerġa' jmur lura fejn ħalla l-ixkora fit-taraġ tal-kantina. Jerfagħha bil-mod u jtellagħha fuq spallejh. Ikun se jibda nieżel, imbagħad bħal donnu jgħaddilu ħsieb. Jerga' jniżżilha.*

IX-XIH: Ridt tgħin l-ewwel int, hux... Ejja 'l hawn. *(lil* ALISTAIR*)*

ALISTAIR: Xiex? Xi trid?

IX-XIH: Ejja – aqbad dik u niżżilha isfel...

ALISTAIR *jersaq bil-mod. Jitbaxxa imma mhux b'wisq konvinzjoni.*

IX-XIH: X'int tistenna! Qed tibża'! Qed tibża' minn biċċa xkora!!

ALISTAIR: Ma jien nibża' xejn!.. *(imidd idejh)*

MICHAEL: Le! Ħalliha, Alistair! Ħalliha hemm!

Maħsud, ALISTAIR *immedjatament jinġibed lura mbeżża'.*

IX-XIH: Eh, l-ieħor issa! Il-bully wkoll jibża'!... Basta bully!

MICHAEL: X'fiha? X'hemm ġo fiha?...

IX-XIH: X'fiha? X'fiha?... *(jitbaxxa u jiġborha f'salt – bla wisq galbu jitfagħha fuq spallejh)* Issa taraw x'fiha.... Issa taraw, mela. Jekk tridu inżlu miegħi. Ejjew..

MICHAEL: Ejja 'l hawn! Fejn sejjer – aqbad u oħroġha 'l barra minn hawn...

IX-XIĦ: *(jidħaq)* Mela issa taraw uliedi, x'fiha l-ixkora tax-Xiħ.

Jibdew jitbaxxew id-dwal

IX-XIH: *(nieżel fil-kantina, ma jidhirx, leħnu jibda jirbombja)* Issa taraw... Ejjew, jekk tridu, inżlu. Ejjew araw. Oqogħdu attenti però. Ftit li xejn hawn dawl... Araw fejn tmiddu riġlejkom... Ejjew ħa taraw.

ALISTAIR *u* MICHAEL, *f'ras it-taraġ, ma jissugrawx jinżlu pass fil-kantina, sakemm jaqa' dlam ċappa.*

Id-dawl jogħla f'daqqa, imbagħad ileħħ għal sekonda u jerġa' dlam ċappa.

3 XENA

Jgħaddu bosta u bosta sekondi.

Fid-dlam ċappa jinstema' ħoss itarrax, damdima bħal ta' splużjoni jew serje ta' splużjonijiet, imbagħad il-ħoss maħnuq ta' xi ħaġa enormi qed iċċedi u tiġġarraf bil-mod il-mod: il-lukanda qrib.

Hekk kif jibdew jogħlew id-dwal naraw ix-xena mimlija trab li dieħel mit-twieqi u l-bibien. Fuq il-ħġieġ hemm strippi tat-tejp imwaħħlin forma ta' slaleb biex ma jinfaqgħux bit-theżżiż tal-isplużjoni.

Tard waranofsinhar.

Mit-taraġ tal-kantina naraw dawl tiela' jserrep mal-ħitan nofshom moħbija bid-duħħan. Jidher ukoll xi qafas pajpijiet ta' skafolding użati biex jirfdu l-ħitan u s-soqfa, kif ukoll xi ħbula u kejbils neżlin mis-saqaf.

*Mit-taraġ tal-kantina, jifirxu d-dawl quddiemhom, telgħin il-'*CAMERAMEN*' tat-televixin lebsin safety helmets; jiffilmjaw waqt li l-ħin kollu jserrpu d-dawl madwarhom. Imorru lejn it-twieqi.*

RIENI: *(leħen biss)* ...Spettakolari u tabilħaqq eċċezzjonali!… Wasalna lejn tmiem ix-xandira, imma l-folla li nżammet 'il bogħod, lil hinn mill-periklu, tidher li mhux se tiċċaqlaq malajr. Aħna minn hawn isfel ma stajniex inkunu eqreb, f'din li darba kienet il-kantina tar-razzett li minnu kienet

insterqet l-art għall-lukanda li għadna kif rajna tiġġarraf. U kif issa qed taraw intom stess, sinjuri telespettaturi, f'din ix-xandira diretta: intom li rajtu dawk l-ewwel ftit splużjonijiet żgħar, fl-erbaʼ rkejjen tal-lukanda ftit sekondi ilu, issa li t-trab u d-duħħan beda joqgħod, issa nħarsu lejn fejn ftit sekondi ilu kien hemm dak il-mostru taʼ tletin sular… u issa l-mostru evapora, sinjuri. Kif jgħid il-poeta: *Waqgħet hi, imrammti, niżżlet hi s-sisien*. U aħna nistgħu nibqgħu biss issummati, għajnejna jdemmgħu bit-trab, imma forsi wkoll b'xi ħaġa oħra, xi emozzjoni indeskrivibbli, hekk kif naraw biss dik il-fetħa enormi, dik it-tiċrita fis-sema fejn darba l-bniedem ħalaq mostru tal-azzar u siment, u issa, issa nqered… Però mhux biex jitlaʼ mostru ieħor floku, Sinjuri. Forsi każ rari dan, każ uniku, meta jintradd lura lill-ambjent l-art misruqa minnu. Kif smajtuh jgħidilna sid il-proprjetà ftit minuti ilu, hu stess li xegħel is-swiċċ biex ta n-nar lill-esplossivi li b'sengħa l-aktar kbira tqiegħed ġol-lukanda. Sinjuri, intom li kontu miegħi, intom li assistejtu miegħi għal dan l-avveniment forsi storiku, forsi l-ewwel darba li raddejna lura l-ambjent lil min ħalqu …u lil uliedna, lilkom sinjuri, inħallukom b'dawn l-immaġini, inħallukom b'din id-dehra u xenarju stupend, insellmulkom u ngħaddukom lura lill-istudjows tagħna fejn ix-xandira tkompli bid-dibattitu mal-mistednin tagħna fuq is-suġġett tal-lum, "Il-Karba tal-Art." Imma l-ewwel, ibqgħu magħna għal ftit messaġġi promozzjonali.

LEĦĦEN *(fuq 'speaker')* OK! Cut! Cut! – Prosit, Rieni! Good work! Excellent!

RIENI: *(tielgħa mill-kantina titkellem fuq mikrofonu)* I'll be there in an hour biex nagħmel l-editing għad-diskussjoni tal-lejla. Bye! – Thanks! *(tinzaʼ l-headphones u tagħti l-apparat lil wieħed mill-*CAMERAMEN) Shit! Ara kif sirt trab!… Shit! Shit! *(tfarfar ruħha kif tistaʼ)*

IL-CAMERAMEN *jibdew iżarmaw l-apparat tagħhom u malli jlestu, joħorġu.*

Bil-mod il-mod it-trab jibda joqgħod. Issa li m'għadx hemm il-

lukanda ddellel fuq ir-razzett donnu qed jitħalla aktar dawl jgħaddi minn barra, dawl li aktar ma jmur aktar jibjad, u forsi jsir aktar qawwi minn qatt qabel.

ALISTAIR *jidħol minn barra u jieqaf fil-bieb; f'idu għandu bandiera ħamra li eventwalment ideffes lura fil-but.*

ALISTAIR: *(ċapċipa)* Prosit, Rieni! Bravò!

RIENI: *(mal-mejda, daharha lejh, tkebbes sigarett)* Thanks. Għoġobni t-titlu tal-programm: "Il-Karba tal-Art". Idea tiegħek?

ALISTAIR: Le. Misruq ukoll.

RIENI: *(iddur tħares lejh)* Hi, Alistair.

ALISTAIR: Hi, Rieni. Malajr teqleb int. Radju, televixin... Ma tantx tikkoppa.

RIENI: Drajt ma nikkoppax.

ALISTAIR: Allura, mort lura quddiem il-kameras mela, eh? Prosit.

RIENI: L-opinjoni pubblika, hi tikkmanda. Jippreferu mużika bla diskors milli filosofija u sentimentaliżmu. Kellek raġun int. Ħadd m'għadu jrid jisma' leħen uman fuq Radju l-Filistej. Seduttiv jew le! Damdim u skizzofrenija biss.

ALISTAIR: U PJ inzerta offrielek post?

RIENI: Kont inwissih lil ħuk. PJ dejjem kellu post għalija. Kieku ridt.

ALISTAIR: U issa trid.

RIENI: *(titfi s-sigarett)* Mike għadu barra?

ALISTAIR: Barra. Xi mkien. X'ridt? Jew ridt lilu personali?

RIENI: *(b'inkejja)* Personalissimu. Ħaġa privata!

ALISTAIR *jgħolli spallejh – idur biex joħroġ.*

RIENI: Business! Jekk trid tista' tagħtihulu int. *(toħroġ envelop mill-handbag)*.

ALISTAIR: X'inhu?

Minn barra jibdew jinstemgħu ħsejjes taʾ xi makkinarju.

RIENI: X'taħseb li jkun irid mingħandi issa dak?

ALISTAIR: Ma nafx.

RIENI: Ċekk! X'taħseb?… Flus. Mula!

ALISTAIR: Ċekk taʾ xiex? Ahh… tat-TV?

RIENI: *(tagħtih iċ-ċekk)* Tal-programm, mela taʾ xiex? Trażmissjoni diretta, bʾjeddijiet esklussivi għalina! Dawwar lira oħra insomma!

ALISTAIR: Għax miegħu għamiltuh il-ftehim. Naturalment! Mela max-Xiħ! Xʾċuċ hu missieri! Tal-għaġeb, eh! Sab mezz biex anki bil-qerda taʾ proprjetà taʾ ħaddieħor jaf jagħmel il-flus!

RIENI: Mhux intom tħalluh? Il-ħasra hi li jkollu kemm ikollu flus dak qatt ma se jkun kuntent. Mʾhemmx għalfejn ngħidlek, hux veru?

ALISTAIR: Naf. Tneħħilu l-kilba għall-flus ma jibqaʾ xejn minnu issa dak.

RIENI: U lilek, xʾneħħewlek lilek, Alistair, biex ma baqaʾ hekk xejn minnek? Għadek bl-iskuża tal-flus?...

ALISTAIR: Ma nafx. Xʾtoffrili jekk ngħidlek? Xi trażmissjoni diretta, bʾjeddijiet esklussivi forsi?… Kemm iħallas PJ għal storja bħal din? *(jgħollih l-envelop ʾil fuq donnu jrid jipprova jara ċ-ċifra)* Kemm żerijiet?

RIENI: Tgħid mhux xi tnejn. Ma jimpurtax; tgħidlix…

ALISTAIR: Ngħidhielek imma. Ukoll bʾxejn.

Barra, il-ħsejjes tal-makkinarju jogħlew xi ftit.

ALISTAIR *jittawwal barra. Idur lura.*

ALISTAIR: Il-flus qatt ma kienu l-problema. Qatt ma kienet kwistjoni taʾ flus... *(bla premeditazzjoni jqattaʾ ċ-ċekk: forsi ġest subkonxju li ried ikun simboliku)*

RIENI: X'għamilt? Għaliex qattajtu, Alistair?

ALISTAIR: X'għamilt? Xejn, ma jimpurtax.

RIENI: Taf kemm se tagħtini xogħol? Taf xi jrid ikun biex jerġgħu joħorġuli ċekk ieħor?

ALISTAIR: Iskot, Rieni. Naf.

RIENI: Taf kemm firem u kontra firem?...

ALISTAIR: Ma ġara xejn. Issa ntihomlu jien il-flus. Għedtllek, qatt ma kienet kwistjoni ta' flus. Ejja, arah hemm barra. Għalih lanqas, mhix kwistjoni ta' flus, ara taħseb.

RIENI: Dak missierek? X'inhu jagħmel b'dik il-gaffa?

ALISTAIR: Le, dak Michael. Attrezzat u lest – bis-safety helmet f'rasu – riekeb il-karru tat-taqbida biex jeħodha kontra kulħadd. Don Kixott! Arah, qabad il-gaffa u qed jordom il-ġibjun. Iġorr tifrik mil-lukanda u jordom kollox fil-ġibjun. *(joħroġ il-biċċiet taċ-ċekk mill-envelop imqatta' u jara għal kemm kien)* Tibżax, intihomlu l-flus. – Il-flus!... Li kont ngħidlek, dwar il-flus, ix-Xiħa, ma kienx veru. Mhux dak li ma ħallinix inkompli Toronto. Il-flus, kieku tassew ridt, kieku qalbi kienet fuq xogħli, kont naf insibhom. Kieku taf l-istorja kollha....

RIENI: Tkun trid tgħidha, malajr insibu programm. Meta trid.

ALISTAIR: Mhux l-istorja kollha imma. Mhux dik vera. Dik le, mhux hekk?

RIENI: Sfortunatament... Ma naħsibx li hemm wisq simpatija, jew tiġbed biżżejjed telespettaturi fuq TV l-Filistej mingħajr ftit gideb.

ALISTAIR: U jiddependi xi ftit mill-preżentatriċi, ma taħsibx? U ftit skullatura tgħin ukoll...

RIENI: Dejjem. Jien ukoll imma, nipprova ma nigdibx. Meta nista' nevitaha. *(tqum – teħodlu idu f'idha)* Ċaw, Alistair. Ħalli min jarak.

ALISTAIR: Ċaw, Rieni. Ma nafx nistax - inħalli min jarani. Insibha

bi tqila wisq ngħid il-verità l-ħin kollu.

RIENI: Tgħallem igdeb xi kultant. Jew igdeb aħjar. Kulħadd hekk jagħmel.

RIENI *ddur lejn il-bieb.*

ALISTAIR: Rieni. Verità u tal-aħħar. Taf x'kont noħlom jien, meta kont għadni nista' noħlom? Kont noħlom li xi darba, l-ewwel wirja tiegħi, l-ewwel defilè tiegħi, bħal kull defilè oħra, kont noħlom li nispiċċaha bl-isbaħ libsa tat-tieġ li qatt dehret fuq wiċċ din l-art. U kienet tkun dedikata għalik.

RIENI: Libsa bajda naturalment.

ALISTAIR: Bajda pura silġ, Rieni.

RIENI: *(ixxengel rasha)* Hekk hu; ħasra. Min jaf, forsi kieku mhux għax jien kif jien, Alistair, kieku kont nixtieq nibda b'waħda hekk. Jien ukoll. B'libsa bajda pura silġ ta' għarusa, bħal kull mara oħra.

ALISTAIR: Tgħidx hekk. Li kieku qatt kelli nagħmel waħda, Rieni, xorta kont niddisinjaha għalik.

RIENI: Promise?

ALISTAIR: Promise.

RIENI: U jien, Alistair, li kieku qatt kelli nilbes waħda, probabbilment kont nilbisha għalik. Għalik biss.

Jitfaċċa MICHAEL *fid-daħla. Liebes safety helmet però b'libsa pulita skura u ingravata, intraprenditur naxxenti.*

MICHAEL: Fejn hu x-Xiħ?

ALISTAIR: Hemm barra.

MICHAEL: *(lil* RIENI*)* Ħsibtkom ġa tlaqtu.

RIENI: Kont sejra. L-aħħar tislijiet.

MICHAEL: U PJ?

RIENI: PJ xiex?

MICHAEL: Fejn hu? Rajtlu l-Porsche hemm barra.

RIENI: *(iċ-ċwievet tal-karozza f'idejha)* Dik tiegħi issa.

MICHAEL: Stajt nobsor.

RIENI: Jien le imma. Ma kontx nobsorha minni. Biex tara. *(lil* ALISTAIR*)* Kont tobsorha int, Alis?

ALISTAIR: *(jgħolli spallejh)* Għadek kemm tgħidli: tgħallimt tigdeb.

RIENI: Xi ftit. Hekk hu. Tgħallem int ukoll – xi ftit. Ċaw.

ALISTAIR: Ċaw.

RIENI: *(hija u ħierġa)* Bye, Mikey.

MICHAEL *ineħħi l-elmu u jixħtu fl-art bla ebda tweġiba.*

RIENI: Mikey… PJ kien ġie jistaqsi lili, kont taf, dakinhar, dwar din id-dar, jekk għandux jixtri jew ibigħ. Kont taf? Staqsieni x'kienet l-istorja kollha.

ALISTAIR: U int?…

RIENI: *(bla ma tħares lejh)* Għedtlu. U kkonvinċejtu. Ma kinitx ħaġa tqila wisq. *(lil* ALISTAIR*)* I'm sorry. ...U Michael, qallek PJ jekk trid tkellmu fuq dak il-proġett l-ieħor, ejja llejla. Inkunu fuq il-jott. Bye, Michael. Bye... *(toħroġ bla ma terġa' tħares lura)*

4 XENA

MICHAEL *idur wara ftit, meta ċert li ħarġet. Imbagħad, ma jafx fiex jinfexx, jgħaddi s-swaba' minn xagħru, u jinfexx f'daqqa ta' sieq lill-elmu. Idur u jmur lejn it-tieqa. Jieqaf hemm ħiemed – jittawwal 'il barra. Jinstema' l-ħoss ta' karozza qed tistartja qrib.*

Twerżiq ta' tajers u l-Porsche titbiegħed bl-akbar ħeffa.

MICHAEL *idur f'daqqa. Ifaqqa' daħqa u jdur fuq* ALISTAIR.

MICHAEL: X'deherlek, Alice? Bummmm! Rajtha, Alice?… Bu – Bu – BUMMM!

ALISTAIR: Impressjonanti. L-aqwa li għoġbitek; l-aqwa li ħadt gost

int, Mike.

MICHAEL: Ħadt gost. Għaliex, int le?

ALISTAIR: Missieri għadu jaf jagħti spettaklu bin-nar.

MICHAEL: Dak – dak spettaklu! Arah dak il-baħħ! Dak l-ispazju enormi – battal. Dik ix-xena tal-bajja hemm isfel sa fl-aħħar.

ALISTAIR: Tal-anqas ħadna dik.

MICHAEL: Tal-għaġeb!

ALISTAIR: Forsi kellu raġun hu. L-aħjar tordom kollox u terġa' tibda mill-ġdid.

MICHAEL: Tal-ġenn. Imma araha!

ALISTAIR: Sibtha l-kilba għan-natura sa fl-aħħar!

MICHAEL: Sibtha – sibtha. Mhux daqskemm se jsibuha t-turisti imma – il-barranin, x' taħseb?

ALISTAIR: X'barranin?

MICHAEL: Kont qed ngħidlu lix-Xiħ. Hi ma kellhiex immaġinazzjoni. U lanqas Pawlinu. Lukanda hawn fuq bilfors li tfalli – hekk bogħod mill-baħar – bilfors dejjem battala. Il-kampanja – l-arja aperta – dik li jiġu jfittxu hawn fuq. Il-kwiet. Mhux l-istorbju ta' lukanda għolja għolja, kamra mrikkba fuq l-oħra u huma ġewwa qishom ġrieden, tal-imramma jixxennqu għall-baħar għaxar mili bogħod. Żball – żball kbir!

ALISTAIR: Huma – huma min?

MICHAEL: Il-ġrieden. It-turisti! Dawk li jridu jaħarbu l-istorbju. Condos, Alistair – dak li jridu – condos speċjalizzati...

ALISTAIR: X'condos?

MICHAEL: Condominiums – jew aħjar.... isma' din, Retirement homes għax-xjuħ – xjuħ bil-flus, li jfittxu l-kwiet, it-tpespis tal-għasafar, ix-xemx – imma fuq kollox il-kwiet…

ALISTAIR: Dak li għandek f'moħħok? Dan il-proġett l-ieħor ma' PJ? Terġa' tibni hemm? – Lix-Xiħ għedtlu?… Taħseb se

jħallik?

MICHAEL: Kollox modern! U attrezzaturi mill-aqwa għall-età avvanzata – għall-ħandikappati wkoll! Pixxina msaħħna u bil-lifeguards, railings u poġġamani ma' xiex iżommu ma' kullimkien, biex ħadd ma jagħti pass żmerġ. U kulħadd inxurjat naturalment... X'ma jtukx permess!

ALISTAIR: Hostel ġerjatriku trid tgħid?

MICHAEL: Le! Mediku! Il-kelma maġika! ME-DI-KU! B'xi isem ta' lussu imma – aħseb int ftit – int li tant tinqala'! Għedt int żgur toħroġ b'xi ħaġa bis-sens. 'Twiligħt Farms' kont qed naħseb, xi tgħid? Jew xi ħaġa hekk: 'The Looong Farewell'!… X'taħseb? PJ daħaq, imma ma tantx deher li għoġbitu dik...

ALISTAIR: X'qallek ix-Xiħ? Hux ġa għedtlu? X'qallek?

MICHAEL: Xejn! Ma qalli xejn… Bilkemm ried jismagħni. Donnu kien jaf diġà. Naqta' rasi semmielu xi ħaġa PJ… *(jiftakar)* Qalli aħjar insemmih "Qabar Missierek", dak li qalli.

ALISTAIR: PJ?

MICHAEL: Ix-Xiħ. Funny! Mur obsor li wara daż-żmien kollu sar għandu sense of humour! Qed jimpruvja x-xejn xejn! Qas biss għajjat miegħi!

ALISTAIR: *(idur lejn it-tieqa)* Fejn hu?

MICHAEL: Min? Mhux hawn?...

ALISTAIR: Ma rajtux. Ma daħalx.

MICHAEL *jgħolli spallejh – jara ċ-ċekk imqatta' fl-art u jitbaxxa biex jiġbru.*

MICHAEL: Da' min qattgħu?

ALISTAIR: Jien. …Smajtni? Għedtllek għadu ma daħalx.

MICHAEL: Għalfejn qattajtu? *(jaħtfu minn sidru)* Int – int smajtni? Għedtlek għaliex qattajtu? Għaliex tatu lilek?

ALISTAIR: Biex ngħaddih lilek. *(joħroġ portafoll mill-but u jitfgħu*

f'wiċċ ħuh) Hawn! Trid il-flus – hawn! Ħudhom! Trid aktar – ħa – ħu kollox! *(jiżvojta l-bwiet – fost l-affarijiet li joħroġ mill-but hemm il-bandiera ħamra)* Ħu kollox!

MICHAEL: *(jiftaħ il-portafoll – jara kemm hemm flus)* Għalfejn qattajtu? Dak kulma rrid naf – għalfejn?

ALISTAIR: Għax il-flus mhux kollox. Simbolu – ġest simboliku! Għax iqabbadni n-nawsea…. għax int sirt tqabbadni n-nawsea!...

MICHAEL: Int m'aħniex daqsu. Aħjar bqajt fejn kont!

MICHAEL *jara l-bandiera ħamra fl-art – jieqaf.*

Jiġborha bil-mod il-mod.

MICHAEL: Fejn hu?

ALISTAIR: Dak li ridt naf. Dak li staqsejtek. Hawn ma daħalx.

MICHAEL: Daħal. Din tiegħu – użaha biex tani s-sinjal meta nagħfas is-swiċċ.

Pawsa.

ALISTAIR: Le.

MICHAEL: Xiex le?

ALISTAIR: Dik jien ġibtha hawn ġew.

MICHAEL: Int? *(pawsa qasira)* Fejn sibtha?

ALISTAIR: Ma sibthiex. Tahieli hu.

MICHAEL: Fejn? *(pawsa)* Meta? Wara li tani s-sinjal, le?...

ALISTAIR: Qabel. - Is-sinjal jien tajtu, Mike.

MICHAEL: X'int int? Rajtu hemm isfel, ħdejn il-ġibjun, kif ftehemna. Malli jlesti u jiċċekkja kollox fil-lukanda kellu jinżel fejn il-ġibjun u jxejjer il-bandiera.

ALISTAIR: Bagħat lili nxejjer il-bandiera.

Pawsa.

MICHAEL: Meta?… U hu? Hu fejn mar?... Fejn kien?

ALISTAIR: Int kont hawn fuq, tkellem lil dawk tat-TV – quddiem il-kamera! Jien inżilt miegħu sal-ġibjun. Stennejt hemm.

MICHAEL: U hu?

ALISTAIR: Baqa' tiela' l-lukanda. Qalli "Agħtini disa', għaxar minuti."

MICHAEL: Disa', għaxar minuti?… Għaxar minuti għal xiex? X'reġa' tela' jagħmel hemm fuq?

ALISTAIR: Jien naf! Jien naf x'jagħmel meta jilgħab bin-nar! Qalli ried jiċċekkja xi miċċa… In-nar...

MICHAEL: Miċċa?… X'miċċa miċċa! Ma kellux miċeċ hemm! Kollox bl-elettriku qabbad! X'int tħarref!

ALISTAIR: Qed ngħidlek x'qalli hu! L-aħħar li rajtu kien dieħel mill-bibien tal-garax – taħt il-lukanda… Qalli stenna għaxar minuti… u mbagħad agħti s-sinjal...

MICHAEL: *(mhux mistoqsija)* Int stennejtu ħiereġ imma, le? Rajtu ħiereġ…

ALISTAIR: Qalli se jgħaddi minn wara. Ried jara … ried jara l-logħob tan-nar mill-bogħod, mill-wied – li se jmur ftit 'il bogħod, qalli.

MICHAEL: 'Il bogħod?…

ALISTAIR: ...Ftit 'il bogħod sew.

Pawsa.

MICHAEL: Għaliex għadu ma ġiex.... Tgħid ġralu xi ħaġa huwa u nieżel mill-wied – Tah xi ħass ħażin?… Tas-soltu.

ALISTAIR: Hekk taħseb? Kellu ċerta tbissima meta qalli – Sejjer ftit 'il bogħod. Dak il-ħin ma fhimtx x'ried jgħid biha. Tafha int, dik it-tbissima tiegħu, hu li qatt ma jitbissem.

MICHAEL: Bħal meta qalli... "Qabar Missieri". X'int tgħid allura...

ALISTAIR: Naħseb – naħseb li issa fhimtha dik it-tbissima.

MICHAEL: X'fhimt?

ALISTAIR: Il-qabar ta' missieri. Hemm barra.

MICHAEL: *(jaħtfu minn sidru)* X'int tgħid? X'qabar! X'fhimt? Di' xi waħda minn tiegħu! Irid ibeżżagħna! Għadu jrid ibeżżagħna!… Daqshekk imma… Jekk jiġi taħt idejja...

ALISTAIR: Ċajta!...

MICHAEL: Jekk narah b'għajnejja!...

ALISTAIR: Tarah?... M'intix se tarah! Aqta' jiesek!

MICHAEL: Af li jekk għamilt xi waħda, noqtlok...

ALISTAIR: ...Għax ma tgħidx li tort tiegħek? Ħallini! *(ifajjarlu daqqa ta' ponn fuq spalltu)* Kemm se ddum agħma? Għax ma tgħidx li int qridtu!

MICHAEL: Jien? Jien? *(jirrispondih b'daqqtejn fuq spallejh)* Int il-baħnan, għaliex ħallejtu jinżel hemm isfel!

ALISTAIR: Għax ma tgħidx li int ġegħiltu jinże!? Int u l-kilba tiegħek għall-flus!

MICHAEL: Int, int il-bagħal minn ġuf ommk; int li ġennintu. Bħalma ġennint lil ommi!

Jinfexxu jagħtu u jissarraw għal xi waqtiet sa ma fl-aħħar ALISTAIR *jispiċċa fl-art b'*MICHAEL *fuqu.*

ALISTAIR: *(jilheġ – ma jistax jitħarrek)* Ħallini!

MICHAEL: Noqtlok! Int – kollu tort tiegħek! Ġennint lilha u issa ġennint lilu!! Noqtlok!

Jerġgħu jibdew jitqabdu.

ALISTAIR: Hu – hu ġenninha! Hu kien li ġenninha!… *(jirnexxilu bi sforz jegħleb għal mument lil ħuh, hekk li hu jiġi fuqu)* … Qed tismagħni! Hu kien li ġenninha!.… Hu qatilha… Hu qatilha!… Hu!

MICHAEL: X'int tgħid? X'qatel? X'qatillha?… X'int tgħid?

ALISTAIR: Hu! Ħallini!

Jerġa' MICHAEL *minn fuq – idejh madwar għonq* ALISTAIR.

MICHAEL: Noqtlok!

ALISTAIR: *(qed jifga)* Ħallini… Hu – kien hu...

MICHAEL: X'kien hu… X'kien hu?

ALISTAIR: Ħallini – Ħallini u ngħidlek…

MICHAEL: OK. Imma tiċċaqlaqx minn hemm!… Tkellem!

ALISTAIR: Kien hu… Dik l-aħħar darba li taret il-kamra tannar… Lilek – lilek qatt ma qaltlek… qatt ma qalulek għaliex ħaditha hekk bi kbira…

MICHAEL: X'ma qalulix? X'MA QALULIX?

ALISTAIR: Li kienet tqila. Kienet tqila, qed tifhem?

MICHAEL: Tqila? Ix-Xiħa?

ALISTAIR: Iva! Bilkemm l-ewwel qamar it-tqala...

MICHAEL: X'int tgħid?...

ALISTAIR: Kienet tqila, iva. U hu kien jaf! Kien jaf! Dejjem kien ikun jaf ...

MICHAEL: Kienet tqila. Allura?... Għalhekk mela...

ALISTAIR: Iva – u kien jaf. Għax kien jgħir. Għalhekk waħħlet fih li għamilha apposta; għax ma ridhiex ikollha t-tielet waħda… Għax kienet teħodha għaliha biss. Bħalma ħadet lilna u żammitna 'l bogħod minnu. Kien jaf. Għalhekk ma ħafritlux – għalhekk ma riditux aktar hawn ġew.

MICHAEL: Lili… lili imma qatt ma qaltli. Qatt ma semmietli xejn… Għaliex? Għaliex lili le? Għaliex lilek u mhux lili?...

ALISTAIR: Lili ma qaltlix.

MICHAEL: Kif taf mela?

ALISTAIR: Kont jien li sibtha dak il-lejl wara li taret il-kamra. Ix-Xiħ kien għadu l-isptar u int kont miegħu… Bqajna waħedna – jien u hi. Sibtha hemm barra, ħdejn il-bir, tard filgħaxija, ftit wara li tilfet it-tarbija, tipprova tinħasel.

Kienet bagħtitni għall-qabla... Imma jien bżajt... Ma mortx. Meta ġejt lura kienet qed tistejqer, tgħajjat u tixher – issejjaħ 'il-qabla u tisħet lil missieri. Ħdejn il-ħerża kien hemm munzell; kienet ix-xalla tagħha, il-kbira. Ġbartha. Hi ma indunatx mill-ewwel. Kienet imxarrba u ma nafx għaliex ftaħtha… Deherli rajt xi ħaġa tiċċaqlaq .. Ftaħtha u rajtha... U bdejt inwerżaq. Hi indunat u werżqet hi wkoll. Qabditha minn idi u xeħtitha għal isfel, ġol-bir… Wara għannqitni magħha, għattietli għajnejja u ħbietli wiċċi f'ħoġorha... u bkiet. Jien… jien ma bkejtx. Bqajt magħha. Ma nafx kemm domna hemm... x'ġara wara. Niftakar stenbaħt l-għada fis-sodda ħdejk. Imma hi qatt ma semmiet xejn aktar fuq li ġara. Lanqas lil missieri.

MICHAEL: Għalhekk mela.… U hu qatt ma sar jaf. Qatt ma qaltlu...

ALISTAIR: Ilbierah għedtlu jien.. Għedtlu kollox. Għaliex għedtlu ?… Ma nafx. Rajtu hemm isfel. Kien tant deċiż, medhi biss bil-vendikazzjoni tiegħu, li se jibda mill-ġdid, li sa fl-aħħar se jtajjar il-lukanda, li se jpattihielha… Kelli ngħidlu! F'ġieħ is-sewwa, Mikey! F'ġieħ il-verità! F'ġieħ ommna!

MICHAEL: U qtiltu. Int qtiltu mela.

ALISTAIR: …F'ġieħ is-sewwa.

MICHAEL: Għalfejn ridt tgħidlu imma?

ALISTAIR: Il-verità. Kien jaf, imma ma riedx jaraha. Kelli ngħidlu – forsi jifhem u sa fl-aħħar ikun jista' jara kif, u għaliex aħna hekk…

MICHAEL: U qtiltu… Int qtiltu.

ALISTAIR: Tort tiegħek! Kieku ħallejt kollox kif kien…

MICHAEL: Int – int... Kieku bqajt fejn kont, pufta!!!

ALISTAIR: Int bdejtha. Għax int ridt kollox għalik! Qatt ma impurtak x'ried hu! X'riedet ommi!… Kollox għalik! Tajjeb… issa tista' tieħu kollox.

MICHAEL: Noqtlok… Noqtlok bħalma qtilt lilu. Noqtlok!...

MICHAEL *jerġa' jaqbad fih. Għall-ewwel* ALISTAIR *jirreżisti, iżda ma jdumx ma jċedi.*

MICHAEL *itih bil-ponn, iwaqqgħu mal-art u jkompli jagħtih bis-sieq. Ferneżija vjolenti sakemm sa fl-aħħar jinduna li* ALISTAIR *mhux qed jitħarrek.*

Jieqaf.

Iwarrab minn ħdejh xi żewġ passi lura.

MICHAEL: *(jilheġ)* Qum… Qum minn hemm!

ALISTAIR *ma jitħarrikx.*

MICHAEL: Qum qed ngħidlek!

MICHAEL *jersaq fuqu u jerfgħu bil-herra mill-art qisu xkora patata. Għall-ewwel ebda sinjal ta' ħajja minn* ALISTAIR*, imbagħad jokrob u jħarrek rasu.*

MICHAEL *iqandlu sas-siġġu mal-mejda u jitilqu hemm.*

MICHAEL: *(jilheġ; jixxotta xi demm minn xofftejh)* X'se nagħmlu issa?

ALISTAIR: *(ma jiflaħx jgħolli rasu mill-mejda)* Issa… issa tistrieħ. Hi wkoll. Riditu mejjet… Issa tistrieħ.

MICHAEL: X'se nagħmlu?

Pawsa.

MICHAEL *imur lejn il-friġġ. Jiftaħha. Iħares ġewwa. Vojta għal kollox. Joħroġ bicca silġ għal xufftejh.*

MICHAEL: Tkellem. Għid. X'se nagħmlu?…

Ħoss tal-bieb ta' barra jinfetaħ b'tisbita. Jgħaddu s-sekondi fi skiet perfett.

ALISTAIR *jgħolli rasu bi tbatija.*

MICHAEL *iħares lejn l-indana tal-bieb ta' barra.*

MICHAEL: Pa?…

ALISTAIR *iqum; iżomm mal-mejda biex ma jaqax. Ħsejjes oħra donnhom ta' xi ħadd qed idaħħal ġewwa xi affarijiet li ġab miegħu. Imbagħad pass jew tnejn, meqjusin, ta' xi ħadd dieħel.*

Dell jinfirex għal ġol-kurutur. ALISTAIR *jagħti pass, ikun se jaqa' u jżomm ma' ħoġor il-bieb tal-indana.*

ALISTAIR: *(maħsud, mistagħġeb - forsi b'ferħa – jew xewqa biss?)* Ma!

MICHAEL *jieqaf soptu.*

ALISTAIR *jagħti pass għal ġol-indana.*

ALISTAIR: ...MA! *(...u jaqa' għaxi).*

MICHAEL *isabbat il-bieba tal-friġġ hekk kif id-dawl jogħla f'daqqa, ileħħ għal sekonda, imbagħad dlam ċappa.*

Siparju malajr.

TMIEM

WERREJ

PERSUNAĠĠI	**10**
IL-POST — IŻ-ŻMIEN	**11**
L-EWWEL ATT	13
1 Xena	15
2 Xena	22
3 Xena	28
4 Xena	32
5 Xena	42
6 Xena	48
IT-TIENI ATT	55
1 Xena	57
2 Xena	73
3 Xena	82
4 Xena	88
5 Xena	93
6 Xena	95
7 Xena	98
IT-TIELET ATT	103
1 Xena	105
2 Xena	118
3 Xena	129
4 Xena	135
TMIEM	144

Drammi ppubblikati ta'
Oreste Calleja

Anestesija
Satira
Iġsmalħirsa
Għasfur taċ-Ċomb
Il-Belliegħa fil-Bir
U l-Anġlu Ħabbar
Il-Festa bil-Bandieri
Pawlu Redux
Għażiż Angelo

Sensiela Xeneġġjaturi
Ċens Perpetwu
Skart
3 Siltiet
Għasfur taċ-Comb

ISBN 9789995788483